# Analiżi xjentifika tat-testi użati fil-Fehim il-Qari fil-livell tal-eżami tal-Benchmark

Gabriella Mifsud

170394M

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta' Malta

għall-grad tal-Masters in Teaching and Learning fil-Malti

Ġunju 2018

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

**FACULTY/INSTITUTE/CENTRE/SCHOOL ____of Education____**

**DECLARATIONS BY POSTGRADUATE STUDENTS**

Student's I.D. /Code ___________170394 (M)_______________

Student's Name & Surname ____________Gabriella Mifsud___________________________

Course ______Master in Teaching and Learning (Education with Maltese)___________________

Title of Dissertation
Analiżi xjentifika tat-testi użati fil-Fehim il-Qari fil-livell tal-eżami tal-Benchmark_______

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

**(a) Authenticity of Dissertation**

I hereby declare that I am the legitimate author of this Dissertation and that it is my original work.

No portion of this work has been submitted in support of an application for another degree or qualification of this or any other university or institution of higher education.

I hold the University of Malta harmless against any third party claims with regard to copyright violation, breach of confidentiality, defamation and any other third party right infringement.

**(b) Research Code of Practice and Ethics Review Procedures**

I declare that I have abided by the University's Research Ethics Review Procedures.

As a Master's student, as per Regulation 58 of the General Regulations for University Postgraduate Awards, I accept that should my dissertation be awarded a Grade A, it will be made publicly available on the University of Malta Institutional Repository.

_________G.Mifsud_______

Signature of Student

___GABRIELLA MIFSUD_____

Name of Student (in Caps)

_____11th June 2018_____

Date

08.02.2018

Sintesi

Ir-riċerka deskritta f'din it-teżi kellha l-iskop li tistudja l-*formulas* eżistenti li janalizzaw il-livell ta' diffikultà li jkollha silta għall-qari, biex finalment tiġi applikata l-aħjar *formula* għall-qari bil-Malti. L-ewwel kapitlu jagħti introduzzjoni dwar dan l-istudju b'ħarsa ġenerali dwar dak li nsibu fis-settur edukattiv Primarju ġewwa Malta u jispjega li l-qari jiġi eżaminat fil-karti tal-Malti u l-Ingliż. Il-kapitlu jagħlaq b'għadd ta' għanijiet li fuqhom kien ibbażat dan l-istudju. It-tieni kapitlu mbagħad jagħti ħarsa lejn diversi xogħlijiet li saru dwar ir-*readability* kemm fis-settur lokali, kif ukoll internazzjonali. It-tielet kapitlu, mbagħad jiffoka dwar l-applikazzjoni tal-*formula* tar-*readability* magħżula, jiġifieri l-LIX *formula*, sabiex titkejjel id-diffikultà tal-qari kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż. Barra minn hekk, dan il-kapitlu jispjega wkoll s-selezzjoni tar-*readability formula*, flimkien ma' xi limitazzjonijiet li kellha wkoll il-*formula* magħżula. Ir-raba' kapitlu jinkludi l-analiżi u d-diskussjonijiet dwar dak li kien misjub permezz ta' dan it-test xjentifiku kemm dwar il-karti tal-eżami tal-Benċmark tal-Malti, kif ukoll tal-Ingliż, li fil-fatt juri li b'mod konsistenti s-siltiet tal-qari bil-Malti kienu itqal minn dawk tal-Ingliż. Finalment, dan l-istudju jitfa' dawl ġdid fuq kif għandhom jintgħażlu s-siltiet għall-assessjar tal-qari kemm mill-għalliema kif ukoll mill-eżaminaturi.

*Keywords: Readability,* Benċmark, Malti

*Lil ommi, lil missieri u lill-għarus tiegħi li*

*bl-imħabba u s-sostenn tagħhom kienu*

*parti fundamentali minn dan il-vjaġġ*

*akkademiku.*

# Radd il-Ħajr

L-ewwel u qabel kollox nixtieq nirringrazzja lit-tutur tiegħi, Prof. Antoinette Camilleri Grima, li kienet hi li tatni l-idea għal din it-teżi u li b'paċenzja u dedikazzjoni kbira, iggwidatni sabiex nasal ukoll fi tmiem din it-triq li tant dehret twila u diffiċli. Insemmi wkoll lil Dr.Victor Martinelli li permezz tal-għajnuna tiegħu kont kapaċi nasal għar-riżultati miksuba f'din it-teżi. Mingħajr it-tuturi tiegħi, din it-teżi ma setgħetx tkun iffinalizzata.

Ma nistax ma nsemmix lill-ġenituri tiegħi, Laurence u Josette, li mhux biss ħadu paċenzja kbira bija waqt dan iż-żmien iżda kienu wkoll t'għajnuna għaliex kienu ta' spalla fuqiex inserraħ meta tħajjart naqta' qalbi. Permezz tal-kuraġġ tagħhom jien stajt nippreżenta dan ix-xogħol. Mhux biss dejjem sibthom meta kelli bżonn iżda dejjem ġegħluni nġib quddiem għajnejja li sabiex nasal fejn tassew nixtieq, għandi bżonn tama, kuraġġ u determinazzjoni. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-għarus tiegħi, Thomas Tanti, li ħa paċenzja kbira bija saħansitra waqt li hu kien għaddej ukoll bl-istudji tiegħu. Wasalt hawn permezz ta' ħidmieti iżda wkoll permezz tal-inkoraġġiment kostanti li dejjem tani sabiex qatt ma naqta' qalbi.

Finalment nixtieq insemmi lin-nanniet tiegħi, Anthony u Emmanuela Busuttil, li wkoll dejjem urew ix-xewqa li jarawni nasal fit-tmiem l-istudji tiegħi. Mingħajr ma jafu, kienu spalla fuqiex inserraħ meta dejjem kelli bżonn.

# Il-Werrej

1. Introduzzjoni ........ 11

1.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sistema edukattiva f'Malta ........ 12

1.2. L-eżami tal-Benċmark ........ 13

1.3. Il-ħila tal-qari fost l-istudenti Maltin ........ 14

1.4. L-għanijiet ta' dan l-istudju ........ 15

2. Sfont tekniku ........ 17

2.1. Ir-riforma tal-eżamijiet tas-sitt sena ........ 17

2.2. X'inhu *readability*? ........ 18

2.3. Il-morfoloġija u s-sintassi Maltija ........ 20

2.4. Ir-*readability formulas* u l-Malti ........ 22

2.5. Ir-*readability* ta' test ........ 25

2.5.1. *Cloze tests* ........ 26

2.4.2. Comprehension tests ........ 27

2.5.3. Précis Writing ........ 29

2.5.4. Għażla suġġettiva ........ 29

2.5.5. *Readability Formulas* ........ 30

2.6. Gwida għal titjib fir-*readability* ........ 37

2.7. Konklużjoni ........ 40

3. L-applikazzjoni tal-*formula* magħżula ........ 42

3.1. L-għażla tar-*readability formula* ........ 42

3.2. Il-morfoloġija Maltija ........................................................................................ 42

3.3. L-adattament ta' xi *readability formulas* ........................................................ 45

3.4. L-adattament ta' *readability formula* għall-Malti ............................................ 46

3.5. Il-LIX *formula* ....................................................................................................... 47

3.6. Kriterji kkunsidrati għall-Malti ............................................................................ 49

3.8. Konklużjoni ............................................................................................................ 51

4. Analiżi u Diskussjonijiet ........................................................................................ 52

4.1. L-eżami tal-Benċmark 2011 .................................................................................. 52

4.1.1. L-eżami tal-Benċmark 2011, l-ewwel sessjoni ................................................ 53

4.1.2. L-eżami tal-Benċmark 2011, it-tieni sessjoni .................................................. 56

4.1.3. Ħarsa ġenerali lejn l-2011 ................................................................................ 59

4.2. L-eżami tal-Benċmark 2012 .................................................................................. 59

4.2.1. L-eżami tal-Benċmark 2012, l-ewwel sessjoni ................................................ 60

4.2.2. L-eżami tal-Benċmark 2012, it-tieni sessjoni .................................................. 63

4.2.3. Ħarsa ġenerali lejn l-2012 ................................................................................ 67

4.3. L-eżami tal-Benċmark 2013 .................................................................................. 68

4.3.1. L-eżami tal-Benċmark 2013, l-ewwel sessjoni ................................................ 68

4.3.2. L-eżami tal-Benċmark 2013, it-tieni sessjoni .................................................. 71

4.3.3. Ħarsa ġenerali lejn l-2013 ................................................................................ 74

4.4. L-eżami tal-Benċmark 2014 .................................................................................. 76

4.4.1. L-eżami tal-Benċmark 2014, l-ewwel sessjoni ................................................ 76

4.4.2. L-eżami tal-Benċmark 2014, it-tieni sessjoni .................................................. 79

4.4.3. Ħarsa ġenerali lejn il-Benċmark tal-2014 ..... 82
4.5. L-eżami tal-Benċmark 2015 ..... 84
4.5.1. L-eżami tal-Benċmark 2015, l-ewwel sessjoni ..... 85
4.5.2. L-eżami tal-Benċmark 2015, it-tieni sessjoni ..... 89
4.5.3. Ħarsa ġenerali lejn 2015 ..... 92
4.6. L-eżami tal-Benċmark 2016 ..... 93
4.6.1. L-eżami tal-Benċmark 2016, l-ewwel sessjoni ..... 93
4.6.2. L-eżami tal-Benċmark 2016, it-tieni sessjoni ..... 96
4.6.3. Ħarsa ġenerali lejn 2016 ..... 99
4.7. Il-konklużjoni ..... 100
5. Konklużjoni ġenerali u rakkomandazzjonijiet ..... 102
5.1. Konklużjonijiet ..... 103
5.2. Rakkomandazzjonijiet ..... 109
6. Appendiċi 1: Riżultati miksuba bil-LIX *formula* ..... 112
6.1. L-eżami tal-Benċmark 2011 ..... 112
6.2. L-eżami tal-Benċmark 2012 ..... 113
6.3. L-eżami tal-Benċmark 2013 ..... 114
6.4. L-eżami tal-Benċmark 2014 ..... 115
6.5. L-eżami tal-Benċmark 2015 ..... 116
6.6. L-eżami tal-Benċmark 2016 ..... 117
7. Appendiċi 2: Numru ta' kliem twil ..... 118
7.1. L-eżami tal-Benċmark 2011 ..... 118

7.2. L-eżami tal-Benċmark 2012 ....121

7.3. L-eżami tal-Benċmark 2013 ....124

7.4. L-eżami tal-Benċmark 2014 ....127

7.5. L-eżami tal-Benċmark 2015 ....130

7.6. L-eżami tal-Benċmark 2016 ....132

8. Appendiċi Ċ: Il-Karti tal-eżami ....136

8.1. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2011 ....136

8.1.1. L-ewwel sessjoni ....136

8.1.2. It-tieni sessjoni ....143

8.2. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2012 ....150

8.2.1. L-ewwel sessjoni ....150

8.2.2. It-tieni sessjoni ....156

8.3. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2013 ....161

8.3.1. L-ewwel sessjoni ....162

8.3.2. It-tieni sessjoni ....168

8.4. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2014 ....174

8.4.1. L-ewwel sessjoni ....174

8.4.2. It-tieni sessjoni ....181

8.5. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2015 ....188

8.5.1. L-ewwel sessjoni ....188

8.5.2. It-tieni sessjoni ....194

8.6. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2016 ....200

8.6.1. L-ewwel sessjoni ............................................................................200

8.6.2. It-tieni sessjoni ..........................................................................206

9. Biblijografija..........................................................................................212

# 1. Introduzzjoni

Illum il-ġurnata, l-interess fil-lingwa Maltija kiber ħafna u dan seħħ bis-saħħa ta' ħafna studji, diversi aġġornamenti u fuq kollox ħafna xogħol min-naħa tal-esperti tal-lingwa. Aktar minn hekk, l-enfasi kibret ukoll f'dak li huwa t-tagħlim tal-Malti u kemm dan huwa importanti sabiex il-lingwa Maltija ma tintilifx u sabiex l-istudenti jibdew jagħrfu l-importanza u l-preġju tal-lingwa nattiva tagħhom. Dan minħabba li l-influss ta' barranin f'Malta kompla jżid aktar l-użu tal-Ingliż ukoll. Maż-żmien saru diversi riformi fl-edukazzjoni Maltija bil-għan li jkun hemm titjib fil-ħiliet tal-istudenti u jibdew jiġu indirizzati b'mod individwali l-problemi li l-istudenti għandhom f'dawn il-ħiliet (Grech, Mallia, Mizzi, Vassallo, & Ventura, 2007). Minħabba f'hekk, kien jagħmel aktar sens li l-eżami li jpoġġu għalih l-istudenti fis-sitt sena Primarja, ukoll jinqasam f'erba' ħiliet li huma t-taħdit, is-smigħ, il-qari u l-kitba. Hekk l-istudent mhux biss ikollu l-opportunità juri l-ħiliet varji tiegħu iżda jkun jista' wkoll jikseb għarfien ta' liema ħila tkun qiegħda toffrilu diffikultà.

Għalkemm l-istudent jista' jkun konxju tal-limitazzjonijiet tiegħu, huwa fundamentali li dak li jaħdem fuqu jkun ta' livell adekwat għall-età tiegħu. Jekk l-istudent jaħdem affarijiet li mhumiex tal-livell tiegħu, dan ser imur ħażin bir-riżultat li jaqta' qalbu. Dan il-fattur kien propju li wassal għal dan l-istudju li għalkemm il-Malti hija l-lingwa nattiva ta' ħafna mill-istudenti li attwalment qegħdin ipoġġu għall-eżami tal-Benċmark, il-prestazzjoni tagħhom mhux dejjem qiegħda tkun waħda sodisfaċenti fejn jidħol il-Malti (Ministry, 2016). Dan huwa inaċettabbli meta wieħed iqis li l-maġġoranza tal-istudenti huma Maltin stess. F'dan il-punt inħass il-bżonn li titqajjem kuxjenza dwar il-fehim tal-qari minħabba li huma ħafna dawk li jsostnu li l-istudenti m'għadhomx jaqraw u għalhekk il-prestazzjoni tagħhom mhix tkun waħda tajba fl-eżamijiet. Il-qari

huwa importanti ferm u għalhekk ġie deċiż li tingħata importanza lill-ħila tal-qari fl-eżami tal-Benċmark, bil-għan li jkun definit jekk l-istudenti hux tassew qegħdin ibatu f'din il-ħila essenzjali għalihom, jew inkella jekk din il-karta tmurx lil hinn mill-ħiliet tagħhom.

Huwa importanti li wieħed iqis ukoll li l-maġġoranza tal-Maltin huma bilingwi u għalhekk għandhom l-abbiltà li jikkomunikaw kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Fil-fatt, fi studju ta' Camilleri Grima, hija tisħaq li madwar 78% tal-Maltin, kapaċi jitħaddtu kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti (Camilleri Grima, 2016). Dan huwa fundamentali għaliex dan jagħmel lill-bniedem aktar sinjur lingwistikament. Huwa minħabba f'hekk li fil-Benċmark tal-Malti u tal-Ingliż m'għandux ikun hemm distakk bejn iż-żewġ lingwi għaliex iċ-ċittadin Malti faċilment jibdel bejn il-Malti u l-Ingliż. Fl-istess studju, Camilleri Grima ssaħħaħ l-argument tagħha u tgħid li llum il-ġurnata t-tfal kibru f'ambjent bilingwi u għalhekk huwa aktar faċli għalihom li jitgħallmu ż-żewġ lingwi f'daqqa (Camilleri Grima, 2016).

### 1.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sistema edukattiva f'Malta

F'dawn l-aħħar snin saru diversi tibdiliet fis-sistema edukattiva ta' Malta bl-għan li jkun hemm titjib u progress. Waħda minn dawn il-bidliet kienet propju li fl-aħħar sena tal-Primarja, l-istudenti kellhom jibdew ipoġġu għall-Benċmark minflok l-eżami tal-Junior Lyceum (Grech, Mallia, Mizzi, Vassallo, & Ventura, 2007). Dan seħħ sabiex xħin jidħlu fis-Sekondarja, l-istess studenti jkunu jistgħu jiġu kklassifikati skont il-marka miġjuba f'dawn ir-riżultati. Wara li jsiru dawn l-eżamijiet, kull sena jiġi ppubblikat rapport rigward il-marki mogħtija lill-istudenti, fejn l-eżaminaturi jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-marki li jkunu kisbu l-istudenti. Meta wieħed jagħti ħarsa

lejn dawn il-kummenti, fattur li huwa ferm inkwetanti huwa propju dwar il-marki li l-istudenti qegħdin jiksbu fl-eżami tal-Malti (Ministry, 2012).

Kien minħabba dan il-fattur li ddeċidejt li nibbaża l-istudju tiegħi fuq l-eżami tal-Benċmark ta' dawn l-aħħar sitt snin (2011-2016) sabiex inkun nista' nagħti ħarsa iktar bir-reqqa lejn din is-sitwazzjoni. Nixtieq nara jekk l-istudenti hux qegħdin ibatu fl-eżami tal-Malti minħabba li l-karta tmur lil hinn mill-kapaċitajiet tat-tfal jew inkella għaliex m'għandhomx il-ħiliet mitluba fil-Malti. Ser inkun qiegħda nagħmel dan billi neżamina t-testi tal-fehim il-qari kemm minn lenti xjentifika, jiġifieri bl-użu ta' *readability formula* kif wkoll minn lenti umana wkoll, fis-sens li wieħed irid iżomm f'moħħu li huma studenti li qegħdin ipoġġu għal dan it-test u għalhekk wieħed irid jagħti ħarsa wkoll lejn fatturi oħra, pereżempju l-għarfien li l-istudenti jista' jkollhom dwar is-suġġetti li nsibu fil-karta tal-eżami (Anderson & Davison, 1986).

### 1.2. L-eżami tal-Benċmark

Fl-aħħar sena Primarja, l-istudenti jpoġġu għall-Benċmark tal-Malti u tal-Ingliż u tal-Matematika. L-eżamijiet tal-Malti u tal-Ingliż jikkonsistu f'erba' ħiliet li huma l-qari, it-taħdit, is-smigħ u l-kitba. L-iskop li l-ħiliet ġew isseparati huwa sabiex l-istudent ikun jaf aktar liema huma dawk il-ħiliet li qegħdin joffrulu l-iktar sfida bit-tama li s-snin ta' wara huwa jkollu idea aktar ċara fiex huwa għandu jaħdem aktar (Ministry, 2017). Fuq nota differenti, fl-eżami tal-Matematika, l-istudenti jagħmlu eżami tal-kitba u eżami ieħor li jkun aktar mentali.

L-eżamijiet tal-lingwi huma mqassma f'erba' karti distinti minn xulxin. Fl-ewwel karta l-istudenti jiġu mogħtija żewġ stampi fejn l-assessjar huwa bbażżat fuq il-ħila tat-taħdit. F'dan l-orali l-istudenti huma mistennija jqabblu żewġ stampi ma' xulxin jew inkella jitkellmu fuq tema partikolari mogħtija lilhom. It-tieni karta tagħti lok lill-istudenti

juru l-ħila tas-smigħ fejn l-istudenti jisimgħu r-rekording ta' żewġ testi għal darbtejn flimkien mal-eżerċizzji abbinati magħhom. L-istudenti għandhom l-opportunità jniżżlu jew jiktbu dejjem waqt li jkun qiegħed għaddej ir-rekording.

L-aktar sezzjoni li jien ser inkun qiegħda niffokka fuqha għall-istudji tiegħi hija t-tielet karta dwar il-Fehim il-Qari. Din il-karta hija mqassma fi tliet taqsimiet differenti li kollha jitolbu lill-istudenti jaqraw silta u wara jwieġbu sett ta' mistoqsijiet fuq is-silta li jkunu qraw. L-ewwel silta, ħafna drabi, tkun reklam ċkejken jew sett ta' punti wara xulxin u wara jkollhom eżerċizzju abbinat ma' din l-istess silta. It-tieni u t-tielet taqsima huma silta kemxejn twila iżda maqsuma fi tnejn sabiex hekk l-istudenti jkun aktar faċli għalihom jagħmlu referenza għat-test meta jiġu biex iwieġbu l-mistoqsijiet ta' kull taqsima.

Finalment l-aħħar karta tikkonsisti fil-ħila tal-kitba fejn l-istudenti jintalbu jiktbu taqsira żgħira fl-ewwel sezzjoni u komponiment ta' madwar 140 u 200 kelma fit-tieni sezzjoni. Ħafna drabi dawn il-karti jsiru kollha f'ġurnata waħda b'waqfa ta' 25 minuta wara kull karta. Dan ifisser li l-eżamijiet tal-benċmark isiru fuq medda ta' tliet ijiem u dan jista' joffri sfida lill-istudenti.

### 1.3. Il-ħila tal-qari fost l-istudenti Maltin

Kif semmejt fis-sezzjoni ta' qabel, waħda mill-ħiliet li l-istudenti jiġu eżaminati fiha hija l-ħila tal-qari. Sfortunatament, f'dawn l-aħħar snin ma sarux evalwazzjonijiet rigward il-ħila tal-qari tal-istudenti Maltin. Skont Ventura, l-unika test li sar fuq l-istudenti dwar ir-*readability* kien fl-1968 u dan seħħ biss għall-Ingliż (Sollars, 1987). F'dan it-test id-Dipartiment tal-Edukazzjoni għażel 110 kelmiet meħudin minn żewġ testijiet li saru fl-Ingilterra minn Burt u Schonell (Gilmore, Croft, & Neil, 1981). F'dan

it-test ħadu sehem 753 student Malti fl-età ta' bejn is-seba' u ħdax-il sena kemm fi skejjel privati kif ukoll fi skejjel tal-gvern (Sollars, 1987).

F'dan il-*Word recognition test* l-istudent ingħata għadd ta' kliem li kien mistenni jaqrahom. Il-vantaġġ ta' dan it-test huwa li kliem ma jitpoġġiex f'kuntest iżda huwa mogħti forma ta' lista. Madanakollu, Bormuth jemmen li wieħed ma jistax jikkompara dawn it-testijiet mal-ħila tal-qari tal-istudent minħabba li dan il-kliem mhuwiex jingħata f'kuntest (Bormuth, 1968). Ir-riżultati li ħarġu minn dawn it-testijiet kienu pjuttost allarmanti għax instab li tifel Malti ta' seba' snin huwa kapaċi jaqra daqs tifel Ingliż ta' ħames snin u nofs filwaqt li tifel ta' ħdax-il sena kien kapaċi jaqra daqs tifel Ingliż ta' tmien snin.

### 1.4. L-għanijiet ta' dan l-istudju

L-għanijiet ta' dan l-istudju huma:

a) Li nanalizza jekk l-eżami tal-qarital-Benċmark huwiex adattat għall-istudenti tas-sitt sena primarja. Dan ser nagħmlu permezz tal-LIX *formula* li tagħti spazju li tintuża minn diversi lingwi u għalhekk ir-riżultati jistgħu jkunu mqabbla flimkien.
b) Li nqabbel il-karti tal-eżami tal-Malti u tal-Ingliż sabiex nara jekk l-istudenti hux qegħdin imorru aħjar fl-Ingliż minħabba li l-karta tal-eżami hija waħda iktar faċli jew inkella hux l-istudenti tassew qegħdin ibatu aktar fil-lingwa nattiva tagħhom.
c) Sabiex inkun nista' ngħaddi xi tip ta' suġġerimenti lill-eżaminaturi li jagħmlu l-karta tal-eżami tal-Malti f'każ li din tmur lil hinn mill-ħila tal-istudenti.

d) X’jista’ jsir biex l-istudenti jkunu jistgħu jtejbu l-prestazzjoni tagħhom fil-Malti bl-għan li l-kummenti tal-eżaminaturi jkunu aktar pożittivi fir-rapporti maħruġa mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

# 2. Sfont tekniku

F'dan il-kapitlu ser jingħata sfont tekniku dwar ir-*readability* u ħarsa lejn diversi metodi li wieħed jista' juża sabiex ikun jista' jikkalkula kemm test huwa *reader-friendly* jew le. Hemm diversi modi kif tista' titkejjel ir-*readability* ta' test fosthom permezz ta' *readability formulas*, *cloze tests*, *comprehension tests, précis writing* jew inkella jkollok għadd ta' persuni li jikkalkulaw u jeżaminaw kemm test huwa *readable* (DuBay, 2004). Dawn il-metodi ser ikunu diskussi aktar fid-dettall propju f'dan il-kapitlu.

Dan l-istudju kien importanti li jsir għax skont DuBay, jekk l-istudenti jsibu t-test diffiċli wisq, huma aktarx jieqfu jaqraw dan it-test (2004). Mill-banda l-oħra, jekk it-test ikun ħafif wisq, l-istudenti jitilfu l-interess (Carrell, 1987). Dan wassal biex jinħass l-bżonn li jinstab bilanċ bejn iż-żewġ estremitajiet.

### 2.1. Ir-riforma tal-eżamijiet tas-sitt sena

Qabel l-eżamijiet tal-Benċmark, l-istudenti tas-sitt sena Primarja kienu jpoġġu għall-eżami tal-*Junior Lyceum*. L-ewwel eżami sar f'Lulju tal-1980 sabiex tinħoloq distinzjoni bejn dawk l-istudenti li huma akkademikament ta' livell għoli. Fil-fatt dawk li kienu jiġu mal-ewwel 20% kienu jingħataw aktar opportunitajiet minħabba li dawn kienu akkademikament aħjar minn oħrajn (Grima, et al., 2007). Il-bqija tal-istudenti li ma jgħaddux minn dawn l-eżamijiet kienu jattendu skola sekondarja li dawn bdew jonqsu gradwalment għaliex l-istudenti li bdew jgħaddu mill-*Junior Lyceum* żdiedu għal 70% (Carabott, 2010).

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar studjużi osservaw li l-eżamijiet tal-*Junior Lyceum* kienu qegħdin joħolqu tensjoni kbira kemm fl-istudenti, kif ukoll fl-għalliema u

fil-ġenituri (Grima & Farrugia, 2006). Il-fatt li l-istudenti bdew jinqasmu f'żewġ skejjel differenti, wassal ukoll għal stigma fis-soċjetà hekk kif dawk li ma jgħaddux mill-eżamijiet kienu qegħdin jiġu meqjusa bħala 'akkademikament aktar batuti' hekk kif dawn ma kinux qegħdin jilħqu l-potenzjal tagħhom.

Meta tneħħew l-eżamijiet tal-Junior Lyceum, ġiet introdotta wkoll is-sistema ta' kulleġġi u hekk l-iskejjel tal-istat f'Malta issa nqasmet f'għaxar kulleġġi. Ħafna drabi dawn il-kulleġġi kienu magħmula minn diversi skejjel primarji, u żewġ skejjel sekondarji, waħda tal-bniet u oħra tas-subien (Ministry of Education, Youth and Employment, 2008). Madanakollu din ma baqgħetx hekk minħabba l-fatt li mis-sena skolastika tal-2014-2015 bdiet is-sistema tal-Co-Ed fejn il-bniet u s-subien bdew jattendu l-istess skola.

L-iskop li tneħħew l-eżamijiet tal-Junior Lyceum kien sabiex is-sistema tkun waħda aktar inklussiva, bit-tama li titneħħa l-istigma li tinħoloq fis-soċjetà bejn dawk li jirnexxilhom jgħaddu minn dawn l-eżamijiet u dawk li ma jkunux mal-persentaġġ li jidħlu mal-istudenti ta' abbiltà għolja. Kien fl-2011 li l-istudenti bdew jagħmlu l-eżami tal-Benċmark li mhux biss biddel l-iskop li għalih kien ipoġġu l-istudenti, iżda ta l-opportunità lill-istudenti wkoll juru l-ħiliet kollha tagħhom għaliex l-eżamijiet tal-lingwi inqasam fil-ħiliet tat-taħdit, tas-smigħ tal-kitba u dak li ingħata importanza f'dan l-istudju, il-qari.

### 2.2. X'inhu *readability*?

Xi drabi, il-kunċett ta' *readability* jkun imħallat mal-kunċett tal-litteriżmu. B'ħarsa lejn id-dizzjunarju, dak li hu *readable* huwa definit bħala, "The quality of being easy or enjoyable to read" (Thompson, 1998, p. 1142) filwaqt li leġġibiltà hija deskritta bħala "The quality of being clear enough to read" (Thompson, 1998, p. 777). Huwa

għalhekk li importanti li tinħoloq distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kelmiet. Sabiex test ikun tassew tajjeb, huwa fundamentali li jkollu dawn iż-żewġ komponenti. Tajjeb li test ikun miktub b'tipa ċara u daqs komdu sabiex jinqara (leġġibiltà). Mill-banda l-oħra, huwa daqstant ieħor importanti li test ikun *readable* jiġifieri jkun addattat għall-qarrej. Jekk it-test ma jkunx addattat għall-qarrej, dan jaqta' qalbu kemm mit-test innifsu, kif ukoll milli jipprova jitgħallem dak li qiegħed jaqra dwaru .

Harrison (1980) saħaq ħafna dwar l-importanza li l-istudenti jkunu mogħtija test addattat. Huwa joħloq lista ta' dak li huwa jqis importanti li test għandu jkollu:

i. Il-preżentazzjoni – Huwa essenzjali li t-tipa tat-test tkun ċara sabiex l-ewwel daqqa t'għajn li tingħata, tagħti kuraġġ lill-qarrej sabiex ikompli jaqra.
ii. L-illustrazzjoni u l-kulur – Ftit kulur fit-test u illustrazzjoni ċara jwasslu sabiex jonqos il-livell ta' *readability*. Jekk il-livell ta' *readability* jonqos, dan ikun ta' vantaġġ għall-qarrej għaliex is-silta tkun aktar faċli biex tinqara.
iii. Vokabularju – Il-vokabularju huwa essenzjali għall-qarrej sabiex jiddetermina jekk il-qarej isibx il-kitba faċli jew le. Il-diffikultà fil-vokabularju, tiddependi l-aktar mit-tul tal-kelma (kemm ikollha ittri l-kelma kif ukoll kemm ikollha sillabi) flimkien mal-frekwenza tal-kliem (Tabatabaei & Bagheri, 2013). Aktarx li kliem frekwenti, jagħrfuh mill-ewwel iktar malajr mill-istudenti u għalhekk aktar faċli għalihom biex jaqraw. Harrison jagħti eżempju bil-kelma "elephant." Huwa jisħaq li għalkemm "elephant" hija kelma aktar twila minn "lens," madanakollu huwa aktar faċli għall-istudent li jagħraf l-ewwel kelma minħabba li l-istudenti jiltaqgħu magħha aktar fis-snin bikrija ta' ħajjithom.
iv. Kemm test huwa affidabbli – Dan il-fattur huwa injorat mill-*formulas*. Sabiex tkun taf kemm test huwa tassew affidabbli, trid issir riċerka dwar it-test innifsu. Huwa importanti li wieħed ifittex meta dan inħareġ u saħansitra min kitbu.

Tajjeb li wieħed ifiittex daqsxejn sfont fuq il-kittieb biex hekk wieħed ikun jaf kemm il-kittieb tas-silta għandu għarfien fuq is-suġġett.

v. Is-sintassi – Silta faċilment tkun diffiċli jekk l-istruttura tas-sentenzi tkun waħda kumplessa wisq, "because it puts too great a load on short-term memory" (Harrison, 1980, p. 22). Madanakollu sentenza tista' tkun daqstant ieħor diffiċli jekk sentenza tkun qasira iżda jkun fiha ħafna informazzjoni.

vi. L-organizzazzjoni – Il-paragrafi, is-subintestatura u l-użu tal-mistoqsijiet, jgħinu lill-istudent jifhem u jitgħallem aħjar. Flimkien ma' dawn, it-tipa grassa, l-enfasi u l-korsiv, ukoll huma ta' għajnuna għall-qarrej sabiex jifhem it-test aħjar.

(adattat minn Harrison, 1980)

Għalkemm Harrison jagħti importanza lit-test innifsu, din mhux l-unika ħaġa li taffettwa r-*readability*. Carrell tisħaq li l-kuntest mogħti jagħmel parti mid-diffikultà tal-qari. Jekk il-kuntest li huwa mogħti l-qarrej ikun familjari miegħu, huwa aktar faċli għalih li jifhmu (Carrell, 1987). Diversi studji saħqu li jekk ikun hemm rabta bejn l-interess tal-qarrej u l-għarfien tas-suġġett, ikun ta' għajnuna kbira għall-istudenti, l-aktar waqt eżami fejn l-istudenti jkunu jinsabu taħt pressjoni kbira (Tabatabaei & Bagheri, 2013).

### 2.3. Il-morfoloġija u s-sintassi Maltija

Kif kien rimarkat qabel, li tintagħżel *formula*, ma kienx faċli, minħabba li morfoloġikament u sintattikament, il-lingwa Maltija hija ferm aktar differenti mill-Ingliż. Il-lingwa Maltija għandha bażi Semitika, b'influwenza mir-Rumanz u mill-Ingliż iżda bejn il-Malti u l-Ingliż, id-differenza mhix waħda żgħira.

Meta nitkellmu dwar il-morfoloġija Maltija, aktarx li qegħdin nitrattaw in-nomi, il-verbi u l-aġġettivi. B'mod distintiv mill-Ingliż, in-nomi fil-morfoloġija Maltija jistgħu

jkunu fis-singular,  jistgħu jkunu wkoll magħżulin f'pari, fil-kollettiv jew fil-plural. In-nomi jinqasmu wkoll f'nomi animati u nomi inanimati. Rigward in-nomi animati jridu jkunu jew fil-femminil jew fil-maskil pereżempju tabib/tabiba iżda dan mhux dejjem iseħħ fl-Ingliż għaliex ħafna drabi fl-Ingliż il-kliem huwa *gender-neutral* u għalhekk tibqa' *doctor* kemm għall-femminil kif ukoll għall-Ingliż. Il-morfoloġija tal-Malti hija wkoll kumplessa fejn jidħlu n-nomi tal-plural. Dawn jistgħu jkunu f'forma ta' plural sħiħ, pereżempju *kaxxi* jew plural miksur, pereżempju *skejjel*.

Il-morfoloġija Maltija tinkludi wkoll l-aġġettivi fejn dawn jaħdmu simili ħafna għan-nomi. Bħan-nomi, l-aġġettivi Maltin jistgħu jkunu kemm fil-plural kif ukoll fis-singular pereżempju 'tifel *kbir'* u 'tfal *kbar.*' L-aġġettiv huwa ffurmat ukoll minn diversi gradi li huma l-Komparattiv, li jista' jkun maħdum sintattikament jew morfoloġikament, u s-Superlattiv li jinħadem billi jiżdied l-artiklu quddiem: kbir, ikbar (komparattiv), l-ikbar (Superlattiv).

Finalment,il-morfoloġija tal-Malti tikkonsisti wkoll fil-qasam tal-verb. L-inflessjoni tal-verb tvarja  fosthom fit-temp, fil-persuna u fil-polarità. Barra minn hekk, il-verb jinqasam ukoll f'żewġ tipi, dak li Camilleri jsejħilhom "root-and-pattern morpohology" u "concatenative morphology*"* (Camilleri, 2013, pp. 2-3)*.* Ir-*root-and-pattern morphology* tinkludi l-verbi Semitiċi filwaqt li l-*concatenative morphology* tintuża meta jkollok verbi Rumanzi u Ingliżi. Il-verbi tal-Ingliż jinkludu biss verbi li jinħadmu permezz tal-*concatenative morphology,* jiġifieri li l-inflessjoni tal-verbi ssir permezz ta' morfemi li jiġu qabel jew wara l-kelma li jissejħu prefissi u suffissi rispettivament (Fromkin, Rodman, & Hyams, 2013).

Is-sintassi tal-Malti wkoll hija distintivament differenti mill-Ingliż. Skont Camilleri, is-sentenza Maltija aktarx tkun iffurmata minn SVO (Suġġett, Verb, Oġġett), iżda din l-

ordni hija relattivament flessibbli għaliex is-sentenzi jistgħu jkunu wkoll VOS u OVS. Dan huma possibbli għaliex jingħaqdu ma' intonazzjoni differenti meta jkunu mitkellma u hekk jagħmlu sens. Il-mistoqsijiet fil-Malti aktarx li jkunu VOS, iżda anke hawnhekk jista' jkun hemm alterazzjoni fil-pożizzjoni tagħhom. Madanakollu, dan ma jistax iseħħ fl-Ingliż. Fl-Ingliż l-istruttura tas-sentenza tista' tkun biss SVO mingħajr ebda alterazzjoni fil-pożizzjoni tas-Suġġett, tal-Verb jew tal-Oġġett (Fromkin, Rodman, & Hyams, 2013).

Qasam ieħor relatat mas-sintassi huwa l-artiklu. Fil-Malti, l-artiklu definit isir permezz ta' *il-* quddiem il-kelma, li ssir *l-* jekk ikun hemm vokali qabel. L-artiklu jista' jingħaqad ukoll ma' prepożizzjonijiet, pereżempju:

ma' + il- + furnar = mal-furnar

(Camilleri, 2013, p. 4)

Mill-banda l-oħra, fl-Ingliż, il-verb definit isir permezz tal-kelma *the* u għalhekk hija kelma separata minn mal-kelma filwaqt li fil-Malti narawha magħquda mal-kelma (Fromkin, Rodman, & Hyams, 2013).

Kien propju minħabba dawn il-fatturi li jagħmlu lil dawn il-lingwi daqstant differenti li kompla kien ta' konferma li mhux possibbli li tqis lil Malti u l-Ingliż bħala żewġ lingwi li huma simili ta' xulxin u li allura wieħed irid jistudja kif qed jiġu eżaminati.

### 2.4. Ir-*readability formulas* u l-Malti

Permezz ta'riċerka estensiva li saret sabiex tkun tista' tkun attwalizzata din it-teżi, jidher li qatt ma sar t-test ta' *readability* għall-Malti u għalhekk din kienet sfida ġdida għal-lingwa Maltija. Madanakollu, f'Malta ġieli saru testijiet tar-*readability* iżda ħafna drabi dawn saru biss għall-Ingliż. Fil-fatt, fil-qasam tax-xjenza saru żewġ teżijiet dwar

il-kotba tax-xjenza u kemm dawn huma faċli jew diffiċli għall-istudenti biex jinqraw. Propju minħabba li dawn il-kotba huma bl-Ingliż kien hemm firxa wiesa' minfejn Sollars u Pulis (Pulis, 1993; Sollars, 1987) setgħu jagħżlu biex iwettqu t-test tar-*readability.* Sabiex Sollars tiddetermina sew id-diffikultà tal-kotba tax-xjenza li kienu jinsabu fl-iskejjel Maltin, hija għamlet tliet testijiet li kienu l-*Fry Readability Graph,* il-*Flesch Formula* u l-*Cloze test,* li ser ikunu diskussi aktar fil-fond fis-sezzjonijiet li jmiss (Sollars, 1987). Simili għal din it-teżi, saret ukoll oħra minn Pulis fejn huwa wkoll għażel li jagħmel studju simili għal dak ta' Sollars fejn għamel użu mill-C*loze test* u mill-*Fry Readability graph* li kienu applikati wkoll għall-kotba tax-xjenza (Pulis, 1993).

Madanakollu, l-isfida tal-Malti hija li lingwa hija morfoloġikament u sintattikament differenti mill-Ingliż. Għalkemm hija lingwa differenti, xorta waħda nħass il-bżonn li jsir dan l-istudju minħabba diversi kummenti li huma preżenti fir-rapporti tal-Benċmark li mhux dejjem huma daqstant pożittivi fil-konfront tal-Malti. Ħafna drabi, l-eżaminaturi tal-Malti jikkummentaw kif l-istudenti li jpoġġu għall-Malti ma jafux jesprimu ruħhom tajjeb (Ministry, 2017) jew li "studenti fl-iskejjel tagħna li ma jafux jaqraw sew, u li jaqtgħu qalbhom malli jaraw ktieb quddiemhom" (Ministry, 2016, p. 29). Madanakollu, il-kummenti tal-eżaminaturi tal-Ingliż huma dejjem aktar pożittivi għax jgħidu li l-istudenti fehmu tajjeb il-mistoqsijiet mogħtija (Ministry, 2017) jew li l-istudenti kważi wieġbu l-mistoqsijiet kollha b'mod korrett (Ministry, 2016). Huwa għalhekk li hemm bżonn issir ħidma estensiva fejn jidħol il-fehim il-qari.

Sabiex il-fehim il-qari jkun aktar ġust fl-eżami, Oakland u Lane (2004) ħolqu sett ta' għaxar mistoqsijiet speċifikament għall-eżaminaturi. L-għan tagħhom huwa li qabel il-karti jingħataw lill-istudenti, huma jkunu jistgħu jagħmlu dan it-test ħafif sabiex ikompli jgħinhom jagħrfu jekk is-silta hix tassew addattata jew le.

1. L-istudenti għandhom għarfien dwar is-suġġett mogħti sabiex jifhmu l-mistoqsijiet aħjar?
2. Il-vokabularju użat fis-silta, huwa addattat għal-livell tal-istudenti?
3. Il-kumplessità tas-sentenzi, hija waħda addattata għal-livell tal-istudenti?
4. Id-definizzjonijiet u l-eżempji mogħtija, huma ċari biżżejjed jew jistgħu jkunu aħjar?
5. Jekk ser ikunu mogħtija mistoqsijiet fejn għandhom bżonn jirraġunaw, dawn huma relatati mat-test u addattati għal-livell tal-istudenti?
6. Il-konnessjoni bejn il-kliem u s-sentenzi, hija ċara biżżejjed?
7. Il-kontenut tas-silta huwa strutturat tajjeb u b'mod organizzat?
8. L-ideat huma ċari?
9. Is-suġġett mogħti, ser jolqot il-gosti tal-istudenti?
10. Tista' tkun inkluża xi tip ta' *graph* jew xi stampa sabiex ikunu ta' aktar għajnuna għall-istudenti?

(addattat minn Oakland & Lane, 2004)

Madanakollu, jekk nieqfu biss sa dan il-livell, xorta waħda mhux ser ikun hemm provi konkreti dwar id-diffikultà tat-test, għall-unika raġuni li l-opinjoni tal-eżaminaturi hija waħda suġġettiva u għalhekk tista' tvarja minn persuna għal oħra wkoll.

Xi studjużi jemmnu li l-ikbar problema fil-fehim il-qari tmur lil hinn mill-eżami. L-istudjużi jħossu li l-istudenti mhumiex ikunu interessati u motivati biżżejjed sabiex jinteressaw irwieħhom. Uħud mill-istudenti jħossu wkoll li t-test ikun wisq diffiċli għalihom u dan iwassalhom biex jaqtgħu qalbhom, saħansitra qabel l-eżami (Tabatabaei & Bagheri, 2013). Għalhekk, huwa ideali li jibdew ikunu użati dawn ir-

*readability formulas* sabiex naċċertaw ruħna li l-istudenti jmorru għall-eżami b'perspettiva aktar pożittiva tal-eżami.

### 2.5. Ir-*readability* ta' test

Minħabba li mhux dejjem ikun speċifikat għal liema età huwa indirizzat it-test, inħass il-bżonn li tinħoloq *formula* xjentifika biex ikun determinat dan (Carrell, 1987). Kien hawnhekk li nħoloq l-ewwel għarfien dwar ir-*readability.*Fl-1915 kien il-ktieb ta' Thorndike, *The Teacher's Word Book* li kien l-ewwel persuna li qajjem kuxejnza dwar id-diffikultà tal-qari. Huwa pprovda gwida gradata ta' kif ċertu testi għandhom jiġu mgħallma u kif jintgħaraf test tajjeb għal livelli partikolari (Carrell, 1987). Kien f'dan il-punt li Lively u Pressey (1923) ħolqu l-ewwel *readability formula* għaliex ħassew il-bżonn li hemm bżonn mod aktar prattiku ta' kif tista' tkun imkejla r-*readability* ta' test (Lively & Pressey, 1923)*.*

Minn dak iż-żmien, inħolqu 'l fuq minn 200 *readability formula* għal skopijiet u setturi differenti (DuBay, 2004). Dawn is-setturi jinkludu, gazzetti, istruzzjonijiet ta' prodotti, reklami u dokumenti pubbliċi u finanzjarji (Baker, 1993). Mhux lakemm wieħed juża *formula* bl-addoċċ jew inkella jagħżel *formula* mingħajr ma tkun imsejsa fuq riċerka profonda. Ir-raġuni hija li hemm diversi *formulas* bil-kriterji taghhom li jolqtu biss setturi partikolari tal-ħajja u għalhekk ma jkunux jistgħu jintużaw għal kull test.

Wieħed mill-aktar setturi li għandu jagħmel użu minn dawn il-*formulas* huwa propju s-settur tal-edukazzjoni. Tajjeb li l-għalliema jibdew jagħmlu użu minn dawn il-*formulas* sabiex jgħinu lill-istudenti jtejbu l-prestazzjoni tal-qari. Għalkemm l-għalliema jista' jkollha għarfien tal-istudent, mhux faċli li hija tiddetermina jekk test hux diffiċli jew le għall-istudenti tagħha. Huwa minħabba dawn il-fatturi li l-*formulas*

tar-*readability* jistgħu jkunu utli għall-għalliema meta jiġu biex jagħżlu test, kemm għall-klassi kif ukoll għall-eżami. Xi drabi, għalkemm l-għalliema taħseb li test huwa addattat għall-istudenti, fil-verità il-preġudizzju tagħha/tiegħu, jista' jvarja b'sitta jew sebgħa snin (Harrison, 1980). Dan ma jfissirx li l-għalliema mhumiex kapaċi jagħżlu test għall-istudenti tagħhom iżda llum il-ġurnata, l-għalliema għandhom l-mezzi sabiex jagħrfu jekk test huwiex addattat jew le.

### 2.5.1. *Cloze tests*

Il-*Cloze tests* kienu vvintati minn Wilson Taylor fl-1953. Huwa jiddeskrivi dan it-test bħala mod differenti ta' kif tista' tkun kkalkulata r-*readability*. L-isem *cloze* kien meħud mill-kelma *closure* li fil-psikoloġija ta' Gestalt, li tfisser it-tendenza li persuna tikkonkludi jew aħjar tagħlaq xi ħaġa li mhix kompluta. Ħafna studjużi jisħqu li din il-proċedura tagħti riżultati tajbin ħafna u hija saħansitra aħjar minn kull forma ta' *readability formula* (Oller, 1979). Il-proċess tal-*cloze* jinħadem billi jkollok test sħiħ iżda il-qarrej ikun mogħti dan it-test b'xi spazji vojta u xħin il-qarrej jaqra u jifhem it-test, huwa għandu jkun kapaċi jimla dan il-vojt. Aktarx li dan l-ispazju jitħalla kull ħames kelma tat-test. Aktar kemm il-qarrej iġib risposti tajbin, aktar juri li dan it-test kien wieħed faċli filwaqt li jekk ikollok ħafna risposti ħżiena, aktarx li dan it-test jissupera l-kapaċitajiet tal-istudenti.

Dan it-test fih diversi dettalji li wieħed importanti li jagħti kashom qabel jamministrah. Fost id-dettalji hemm li l-kelma trid tkun bilfors eżatta, jiġifieri l-qarrej ma jistax jagħtik sinonimu tal-kelma. Trid tkun fit-temp u fil-persuna t-tajba, skont il-kuntest mogħti. Finalment, dan it-test ma jitlobx li kelma tkun miktuba tajba bilfors (DuBay, 2004). Dak il-kliem li miktub b'ortografija ħażina, xorta jista' jkun miżjud mar-

risposti t-tajba. Meta jkunu kkalkulati r-risposti t-tajba, ir-riżultat jista' jkun interpretat b'dan il-mod:

- Bejn 50% - 60%: It-test huwa tajjeb u addattat għall-istudenti.
- Bejn 35% - 50%: L-istudenti għandhom bżonn l-għajnuna biex jagħmlu dan it-test.
- Inqas minn 35%: Dan il-livell huwa diffiċli wisq u ser joħloq frutrazzjoni fl-istudenti.

(addattat minn DuBay, 2004)

Dan it-test huwa wieħed użat ferm madwar id-dinja, l-aktar f'livell avvanzat. L-użu tiegħu huwa estiż l-aktar minħabba li huwa test li jista' jkun użat f'diversi lingwi u suġġetti (Soudek & Soudek, 1983). Dan seta' jkun utli biex jintuża għat-testijiet tal-Benċmark iżda minħabba li r-riċerka kellha żmien limitat sabiex titlesta u kien hemm bżonn li tingħata ħarsa ta' firxa wiesgħa ta' snin u n-numru ta' testi kien wieħed konsiderevoli, kien ser ikun diffiċli ferm biex ikunu amministrati daqstant testijiet fi żmien tant limitat u fuq numru kbir ta' studenti.

### 2.4.2. Comprehension tests

Mit-titlu stess huwa evidenti li dawn it-testijiet jistrieħu fuq testi tal-fehim il-qari. Hawnhekk l-istudenti jkunu mogħtija test, b'għadd ta' mistoqsijiet dwaru. It-test ikun faċli jew diffiċli jiddependi kemm il-qarrejja jkunu kapaċi jwieġbu mistoqsijiet tajbin. Madanakollu, Harrison jemmen li dawn it-testijiet mhux neċessarjament jagħtu validità tad-diffikultà tagħhom. Huwa jikkwota lil Tuinman (1973) u jisħaq li meta l-istudenti ġew mogħtija l-mistoqsijiet mingħajr is-silta nnifisha, il-qarrejja xorta kienu kapaċi jġibu 67% tat-tweġibiet tajbin (Harrison, 1980). Dan ir-riżultat jista' juri żewġ affarijiet prinċipali:

a) Li l-għarfien preċedenti li l-istudenti kellhom dwar is-suġġett, għenhom sabiex iwieġbu l-mistoqsijiet dwar it-test innifsu.
b) L-informazzjoni dwar it-test kienet qiegħda tiġi mgħoddija minn mistoqsijiet oħra dwar l-istess silta.

(addattat minn Harrison, 1980)

Il-problema b'dawn it-testijiet hija li diffiċli tkun taf eżattament kemm fehmu u kemm ma fehmux l-istudenti. Barra minn hekk, jista' jkun li t-test ikun faċli iżda jekk il-mistoqsijiet ikunu tqal jew ambigwi, dan iwassal lill-qarrej sabiex imur ħażin. Bl-istess argument, il-mistoqsijiet jistgħu jkunu tant faċli li l-qarrej imur tajjeb bilfors u għalhekk ma jkunx qiegħed ikun ikkalkulat ir-*readability* tat-test innifsu iżda aktar tal-mistoqsijiet mogħtija. Barra minn hekk, dan it-test ftit li xejn jagħmel sens li jintuża għal karta tal-eżami minħabba l-fatt li din diġà jkollha abbonat magħha għadd ta' mistoqsijiet li jkunu għamluhom l-istudenti fil-karta tal-Benċmark u għalhekk diffiċli li studjuż jerġa' joħloq sett ta' mistoqsijiet ġodda biex jikkalkula d-diffikultà tar-*readability*.

Għalkemm l-*comprehension test* jidher li huwa aktar affidabbli mill-*formulas* xjentifiċi minħabba li jolqtlu l-lat aktar uman tal-istudenti, il-fatt li jista' jkollu tant varjetà fil-validità tiegħu, mhux daqstant affidabbli. Il-mistoqsijiet mogħtija lill-qarrejja jistgħu ikunu *multiple-choice* jew inkella jistgħu ikunu amministrati permezz tat-taħdit. Minħabba din in-nuqqas ta' konsistenza fl-amministrazzjoni tat-test stess, huwa diffiċli li wieħed jistrieħ fuq dan it-tip ta' test.

Sabiex tinterpreta dawn ir-riżultati, irid jinħareġ persentaġġ dwar kemm kien hemm risposti tajbin. Il-persentaġġ ta' dawk it-tweġibiet tajbin, għandu jagħti indikazzjoni ta' kemm il-qarrej fehem it-test. Għalliema Amerikana kkalkulaw li jekk student kapaċi

jġib 75% tal-mistoqsijiet tajbin, huwa jkun irid l-għajnuna tal-għalliema. Jekk l-istudent jirnexxielu jwieġeb 90% tat-tweġibiet tajbin, huwa ovvju li l-istudent m'għandux bżonn l-għajnuna tal-għalliema biex jifhem dak it-test partikolari. Il-problema b'dawn ir-riżultati hija li t-tweġiba jekk it-test hux adattat jew le, ser ikun mogħti wara li jkun inqara t-test u għalhekk mhux ser jerġa' jingħata l-istess test biex jinqara (Harrison, 1980).

Mhux l-istudjużi kollha jaqblu li l-għajnuna tal-għalliema tista' ttejjeb il-prestazzjoni tal-istudenti. Skont studju li għamlu Davison u Anderson, huwa jisħqu li għalkemm xi kliem jew test diffiċli jkun spjegat lill-istudenti dawn xorta jibqgħu jsibu diffikultà fit-test innifsu, "...even when children had definitely learned the meanings of all the difficult words, they did no better than instructed children...." (Anderson & Davison, 1986, p. 16).

Il-*comprehension test* jirrikjedi ħafna ħin kemm biex ikun amministrat kif ukoll sabiex jinħolqu l-mistoqsijiet li tassew ikunu adatti għat-test. Huwa għalhekk li dan mhux wieħed mill-aħjar metodi li wieħed ikejjel id-diffikultà ta' test.

### 2.5.3. Précis Writing

*Précis Writing* huwa meta l-qarrej ikun irid jagħti taqsira tal-ġist tas-silta li jkun għadu kemm qara. Ovvjament, il-qarrej ma jistax jipprovdi taqsira tajba jekk ma jkunx fehem it-test sew (Klare, 1976). Il-problema biex tintuża il-*précis writing* huwa fil-korrezzjoni tat-taqsira. Minħabba li l-korrezzjoni tkun amministrata minn eżaminatur u mhux minn xi ħaġa kompjuterizzata, min jikkoreġi ser ikollu opinjoni suġġettiva u għalhekk dan mhux affidabbli daqs *formulas* xjentifiċi.

### 2.5.4. Għażla suġġettiva

Mod ieħor kif ir-*readability* ta' test tkun assessjata huwa permezz ta' għadd ta' persuni li jiġġudikaw. Madanakollu, sabiex ikollok riżultat tassew affidabbli u tajjeb, irid ikollok numru kbir ta' persuni. Barra minn hekk, għalkemm jista' jkollok numru kbir ta' nies, l-opinjoni tagħhom mhux neċessarjament ser tkun waħda tajba. Klare (1976) jikkummenta kif 56 kittieb taw l-opinjoni tagħhom dwar 5 siltiet. L-opinjonijiet tagħhom, għalkemm kienu simili tar-riżultati li tat il-*Flesch Formula*, li ser tkun diskussa fis-sezzjoni li jmiss, xorta waħda kien hemm xi diskrepanza bejn ir-riżultat xjentifiku u dak uman.

Singer ħoloq tip ta' metodu kif jista' jintuża dan l-istudju sabiex tinħareġ ir-*readability* ta' test (Duffelmeyer, 1982). Huwa ħoloq SEER – *Singer Eyeball Estimate of Readability* – li fiha kien hemm 32 adoloxxenti li riedu jiġġudikaw 8 paragrafi u jagħtu età adekwata lil dawn il-paragrafi ta' bejn is-sitta u t-tnax-il sena. Huwa sab li dawn l-istudenti u l-*formula* xjentifika *Dale-Chall*, taw xi ftit jew wisq l-istess riżultat b'distakk ta' sena biss. Fl-istess studju, instab li jekk ikun hemm ammont adewkat ta' persuni li jiġġudikaw it-test, dan il-metodu jista' jkun validu daqs il-*Fry Readability Graph* (Duffelmeyer, 1982).

### 2.5.5. *Readability Formulas*

Permezz tar-*readability formulas*, diversi studjużi kellhom l-opportunità biex b'mod xjentifiku jiddeterminaw id-diffikultà ta' xi test partikolari. Madanakollu, kif kien irrimarkat qabel, huwa importanti li qabel tingħażel *formula*, ikun hemm riċerka profonda dwar il-*formula* nnifisha u dwar il-funzjonijiet li taqdi, skont għal liema kuntest kienet maħluqa.

Vantaġġ ieħor li għandhom ir-*readability formulas* hija li m'hemmx bżonn il-parteċipazzjoni tal-qarrej sabiex ikun determinat jekk it-test hux diffiċli jew le (Kasule,

2011). Skont għadd ta' studjużi, l-aktar affarijiet importanti sabiex test ikun faċli biex jinqara huma, il-frekwenza tal-kliem, il-medja tal-kliem twil u it-tul tas-sentenzi (Anderson & Davison, 1986). Madanakollu, wieħed ma jistax jistrieh biss fuq il-*formulas* għaliex poeżija tista' tidher faċli meta maħduma b'*formula*, iżda l-isforz u l-ħsieb li titlob mill-qarrej, huma ferm ikbar minn test narrattiv (Harrison, 1980). Għalkemm il-*formulas* fihom għadd ta' żvantaġġi, dawn xorta waħda jintużaw ħafna u xorta waħda huma utli ferm jekk użati bilgħaqal u kif suppost. Uħud mill-*formulas* l-aktar popolari ser ikunu meqjusa f'dan l-istudju.

i. *Dale-Chall Formula*

Din il-*formula* tipprovdi lill-istudjuż bi 3000 kelma bl-Ingliż bħala dak il-kliem li huwa "komuni" jew inkella li jintuża ħafna. Dak il-kliem li ma jinstabx f'din il-lista, irid jitqies bħala kliem diffiċli (DuBay, 2004). Iktar kemm ikun hemm kliem li mhuwiex fuq din il-lista, iktar tiżdied id-diffikultà tat-test. Permezz ta' din il-*formula*, dak il-kliem li huwa monosillabiku, iżda xorta huwa kliem tqil jew ftit li xejn huma komuni, ma jinqabdux fin-nasba tal-*formula* li ma tagħrafx dawn il-kliem. Wara li jkunu magħżula dawk il-kliem li mhumiex fil-lista mogħtija, għandhom jinħadmu f'din il-*formula*:

$$\textit{Raw Score} = 0.1579 * (\text{PDW}) + 0.0496 * \text{ASL}$$

*Raw Score* - Id-diffikultà tat-test

PDW – Il-persentaġġ ta' kliem diffiċli

ASL – Il-medja tas-sentenzi (din tinkiseb billi in-numru ta' kliem ikun maqsum bejn in-numru ta' sentenzi).

(Media, 2018).

Għalkemm hija *formula* li tidher li għandha ħafna vantaġġi għax tqis anke dak il-kliem monosillabiku li huma diffiċli għall-istudenti, fl-istess ħin din il-*formula* mhix daqstant prattika minħabba li tirrikjedi ħafna ħin sabiex tiċċekkja dawk il-kliem li ma jinsabux fil-lista mogħtija minħabba li hija lista tant estiża.

ii. *Flesch Formula*

Din hija waħda mill-aktar *formulas* użati. Flesch ħass li l-aktar żewġ affarijiet li jikkontribwixxu għad-diffikultà ta' test huma n-numru ta' sillabi f'kelma u t-tul tas-sentenza. Huwa inkluda dawn iż-żewġ varjanti f'ekwazzjoni li tagħti valur ta' kemm huwa faċli jew diffiċli t-test. Il-*formula* li għandha tinħadem hija:

$$RE = 206.835 – (1.015 \times ASL) – (84.6 \times ASW)$$

RE – Il-valur tad-diffikultà tat-test.

ASL – Il-medja tat-tul tas-sentezi (din tinkiseb billi in-numru ta' kliem ikun maqsum bejn in-numru ta' sentenzi).

ASW – Il-medja tas-sillabi tal-kliem (din tinkiseb billi n-numru ta' sillabi jkun maqsum bejn in-numru ta' kliem).

Iktar kemm il-valur ikun baxx, aktar it-test huwa diffiċli. Għalkemm din il-*formula* hija waħda popolari, għad-differenza tad-*Dale-Chall formula* tħalli ħafna lakuni li mhumiex ikkunsidrati fosthom dak il-kliem twil li għall-*formula* jistgħu jidhru twal iżda fir-realtà l-istudenti jistgħu jkunu familjari miegħu eżempju l-kelma *elephant*.

iii. *The Gunning Fog Index (FOG)*

Din il-*formula* wkoll titqies bħala waħda mill-aktar *formulas* popolari li jintużaw illum il-ġurnata. Madanakollu, l-awtur tagħha stess jisħaq li din il-*formula* taħdem l-aktar fuq gazzetti u artikli milli siltiet normali (DuBay, 2004).

Sabiex tuża din il-*formula*, trid taħdem fuq test li fih madwar 100 kelma. Wara taqsam in-numru ta' kliem bejn in-numru ta' sentenzi li għandek fit-test (ASL). Wara li tinħadem din l-ekwazzjoni, għandhom ikun magħduda dawk il-kliem li jikkonsistu fi tliet sillabi jew aktar. Meta l-istudjuż ikun qiegħed jagħmel dan il-proċess, huwa m'għandux jinkludi nomi propji, kliem ħafif u kliem li jispiċċa *'-es'* jew *'ed'* fl-Ingliż. Wara trid taqsam dan il-kliem mat-total tal-kliem fis-silta kollha (PHW). Xħin jinstabu dawn id-dettalji kollha mit-test, għandha tinħadem din il-*formula*:

Grade Level = 0.4 (ASL + PHW)

Skont Fog, idealment din il-*formula* tagħti riżultat ta' bejn 7 u 8. Riżultat ikbar minn dan, huwa meqjus li t-test diffiċli għall-qarrej tal-gazzetta biex jaqra l-artikli. Għalkemm hija *formula* utli u mhux daqstant diffiċli biex tkun applikata, hija xorta waħda tinjora l-fattur li xi kliem li mhux monosillabiku, mhux neċessarjament diffiċli (Media, 2018).

iv. *Powers-Sumnerl Kearl*

Din il-*formula* kienet maħluqa speċifikament għal testi tal-Primarja għal tfal ta' bejn is-seba' u l-għaxar snin. Huwa għalhekk li mhix utli għall-għalliema tas-Sekondarja jew test li jmorru lil hinn minn din l-età. Din il-*formula* hija eżempju prattiku li mhux lakemm taqbad u tuża *formula* iżda trid issir riċerka dwar il-*formula* u l-għanijiet li għaliha kienet maħluqa l-istess *formula*.

Din il-*formula* tinħadem billi jkun magħżul test ta' madwar 100 kelma. Wara għandu jkun ikkalkulat b'mod preċiż kemm hemm kliem fit-test li għandu jkun diviż bejn is-sentenzi u hekk jinkiseb l-ASL. Wara għandhom ikunu magħduda n-numru tas-sillabi li jkun diviż bejn in-nurmu ta' kliem u jinħareġ l-NS. Xħin tinkiseb din l-informazzjoni kollha, għandha tkun maħduma din il-*formula*:

$$RA = 0.0778(ASL) + 0.0455(NS) + 2.7971$$

Ir-riżultat 'RA' jagħti l-età li għandhom ikunu l-qarrejja sabiex jaqraw dan it-test. Hija *formula* tassew utli u hija ħasra li tista' tintuża biss għall-Ingliż u għal test tal-Primarja għaliex din hija l-ikbar limitazzjoni tagħha (Media, 2018).

v. *The Army's Automated Readability Index (ARI)*

L-isem stess jindika li din il-*formula* kienet speċifikament maħluqa sabiex tikkalkula r-*readability* ta' dawk it-testi li għandhom x'jaqsmu mal-armata militari. B'mod aktar preċiż din il-*formula* kienet maħluqa biex ikunu kkalkulati l-manwali tal-armata għaliex inħass li dawn il-manwali tant huma importanti, li huwa daqstant ieħor fundamentali li dawk jinftiehmu min-nies tal-armata stess (DuBay, 2004). Din il-*formula* tinħadem hekk:

$$ARI = 0.5\,\frac{kliem}{sentenzi} + 4.71\,\frac{ittri}{kliem} - 21.43$$

(Media, 2018)

B'differenza għal *formulas* oħra, din il-*formula* tinħadem fuq l-ammont ta' ittri aktar milli fuq in-numru ta' sillabi. Din ukoll kienet tkun utli ferm għall-Malti minħabba li propju ma tistriehx fuq in-numru ta' sillabi iżda kif diġà semmejt, din il-*formula* kienet speċifikament maħluqa għall-armata u għalhekk żgur ma taqax fil-kategorija li kelli bżonn jien.

vi. *Fry Readability Graph*

Wieħed mill-aktar modi faċli kif tikseb id-diffikultà ta' test hija propju bl-użu ta' din il-*graph*. L-ikbar vantaġġ li għandha din il-*graph* skont Fry stess hija s-sempliċità tagħha: "seems to be in simplicity of use without sacrificing much, if any, accuracy, and its wide and continuous range from grade one (age 6) up through college" (Fry,

1977, p. 243). Vantaġġ ieħor li għandha din il-*graph* hija li permezz tas-sempliċità tagħha setgħet tiġi użata f'ħafna lingwi fosthom għall-Ispanjol (Gilliam, Peña, & Mountain, 1980).

Il-Fry *Graph* titlob lill-istudjuż biex jaqbad tliet siltiet li fihom madwar 100 kelma l-wieħed. F'kull wieħed għandhom jingħaddu sew in-numru ta' kliem, flimkien man-numru ta' sillabi. Wara li jsir dan, l-informazzjoni miksuba mit-testi għandha tkun imdaħħla f'din it-tabella:

| | Numru ta' sentenzi | Numru ta' sillabi |
|---|---|---|
| L-ewwel 100 kelma | | |
| It-tieni 100 kelma | | |
| It-tielet 100 kelma | | |
| Total | | |
| Il-Medja | | |

Meta tinkiseb din l-informazzjoni, ir-riżultati għandhom ikunu mdaħħla f'din il-*graph*:



Dawk li jaqgħu fil-parti l-blu skur huma riżultati li mhux possibbli jkunu kkalkulati filwaqt li l-oħrajn jindikaw il-livell tal-qari. Fil-bidu, kienet ser tkun użata din it-tabella għat-testi tal-Benċmark, iżda dan ma kienx possibbli minħabba li titlob l-għadd tas-sillabi. Minħabba li l-Malti  u l-Ingliż huma tant differenti fl-istruttura sillabika, inħass il-bżonn li tinstab xi ħaġa aħjar minn din il-*graph*. Restrizzjoni oħra li nstabet biex tintuża din it-tabella kien propju minħabba t-talba speċifika ta' tliet testi li huma madwar 100 kelma. Għalkemm il-Benċmark fih propju tliet testi biex jinqraw, l-ewwel taqsima mhux dejjem tilħaq l-ammont mitlub minn din it-tabella. Xi drabi, minħabba li huwa reklam jew avviż, in-numru ta' kliem huwa aktar limitat b'riżultat li din it-tabella ma setax ikun possibbli l-użu tagħha għall-istudju tiegħi.

L-akbar vantaġġ li għandha din it-tabella hija propju minħabba li tolqot diversi tipi ta' testi kif ukoll tolqot etajiet differenti. Huwa għalhekk li ħafna studjużi jirrikorru għal din it-tabella.

vii. *LIX Formula*

Din il-*formula* hi waħda mill-aktar *formulas* ġenerali li jeżistu. Kien propju għal din ir-raġuni li ntagħżlet din il-*formula* sabiex tkun ikkalkulata d-diffikultà tat-testi tal-Benċmark bil-Malti u bl-Ingliż. Fil-bidu l-LIX kienet maħluqa minn Carl-Hugo Björnsson għall-Isvediż, iżda waqt l-istudju tal-istess *formula*, din kienet ippruvata wkoll fuq il-Franċiż (Media, 2018). Minħabba li din il-*formula* ħadmet ukoll fuq il-Franċiż, din bdiet tkun użata wkoll fuq lingwi oħra u kien f'dan il-punt li kien skopert li din il-*formula* tista' tintuża għal-lingwl kollha tal-Punent tal-Ewropa (Tillman & Hagberg, 2014), inkluż il-Malti. Din il-*formula* ser tkun diskussa f'aktar dettall f'sezzjoni 3.5. minħabba li kienet il-*formula* magħżula u għalhekk riedet tingħata ħarsa aktar dettaljata.

L-iskop li nħolqu dawn il-*formulas* ma kienx sabiex jieħdu post l-għalliema iżda huma għodda għall-għalliema li tista' tuża sabiex tiddetermina jekk test hux tajjeb għal-livell tal-klassi tagħha/tiegħu jew le. Madanakollu huwa importanti ferm li jitqiesu affarijiet oħra lil hinn minn *formula* xjentifika għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma studenti li qegħdin ipoġġu għal eżami u għalhekk wieħed ma jistax jieqaf biss sa dak li huwa xjentifiku.

## 2.6. Gwida għal titjib fir-*readability*

Għalkemm ir-*readability formulas* jgħinu lill-għalliema biex jagħżlu test tajjeb u addattat għall-istudenti, hemm diversi fatturi oħra li mal-ewwel daqqa t'għajn juruk jekk test hux diffiċli jew le. DuBay jikkwota lil JoAnn Kackos u Dawn Stephens li jagħtu seba' metodi kif test ma jkunx tqil:

- Ma jkunx fih kliem twil u l-kliem tat-test ikun wieħed familjari għall-istudenti u mhux kumpless wisq.
- Ikun evitat kliem tekniku, l-aktar għall-istudenti.
- Kemm jista' jkun ikun evitat il-ġens tal-kliem (Dan huwa diffiċli għall-Malti minħabba li mhux *gender-neutral language*).
- Importanti li test ikun jikkonsisti fi grammatika tajba, punteġġjatura tajba u ma jkunx hemm żbalji tal-ortografija.
- Importanti li jkunu sentenzi sempliċi u li t-tempijiet tal-verb ikunu tajbin skont il-kuntest.
- Tajjeb li, jekk possibbli, jintużaw xi listi għaliex dawn jgħinu lit-tfal jaraw it-test aktar organizzat.

(addattat minn DuBay, 2004).

DuBay jitkellem ukoll kif maż-żmien il-kittieba għarfu li sentenzi twal joffru sfida kbira lill-qarrej u għalhekk bdew iqassru t-tul tas-sentenza. Huwa jagħti il-medja tas-sentenzi u kif dawn qsaru maż-żmien:

Pre-Elizabethan times: 50 words per sentence

Elizabethan times: 45 words per sentence

Victorian times: 29 words per sentence

Sherman's time: 23 words per sentence

Today: 20 words per sentence (2004, p. 10).

Għalkemm waħda mill-punti li jippreżenta DuBay huwa li jkollok sentenzi qosra, Anderson u Davison ma jaqblux kompletament ma' dan u jisħqu li sentenzi twal mhux dejjem neċessarjament ikunu diffiċli. Ikollok studenti li sempliċiment isibu problema li jaqsmu l-kliem f'sillabi jew inkella li jifhmu t-tifsir tas-sentenzi (Anderson & Davison, 1986). Huwa minħabba dan il-fattur li wieħed ma jistax jiġġeneralizza u jgħid li s-sentenzi twal huma kollha diffiċli. L-istudju tagħhom ikompli jisħaq fuq dan is-suġġett u jgħidu li jekk silta jkun fiha sentenza twila u din tinqasam sabiex it-test ikun aktar faċli, fir-realtà dan ma jbiddel xejn, anke jekk ir-*readability formulas* juru xort'oħra. Mhux biss ma jbiddel xejn, iżda jista' jkun ukoll twassal għall-ambigwità. Huma jagħtu dan l-eżempju:

1) Let's fill the bird-feeder with seed. The cat hasn't been active lately.

2a) Let's make the cat more active by filling the bird feeder.

2b) It’s safe to fill the feeder because the cat isn’t active. (Anderson & Davison, 1986, p. 22)

Sentenza numru wieħed turi ambigwità u mhix ċara minħabba li m’hemmx konnessjoni bejn l-ewwel u t-tieni sentenza. Din jista’ jkollha żewġ tifsiriet li jinsabu mniżżlin bħala 2a u 2b. Għalkemm huma sentenzi itwal mill-ewwel waħda, dawn xorta waħda jinftiehmu ħafna aħjar minħabba li jagħtu l-kuntest kollu tas-sitwazzjoni. Madanakollu, ir-*readability formulas* ma jqisux dan il-fattur u għalhekk, skont Anderson u Davison (1986), ir-riżultati li jagħtu mhux dejjem huma affidabbli iżda trid tmur lil hinn mir-riżultat li jagħtu huma u tingħata ħarsa iktar bir-reqqa lejn it-test innifsu.

Klare (1976) juri li mhux biss is-sentenzi jagħmlu differenza kemm test ikun *readable* iżda wkoll il-kliem. Minħabba dan huwa jagħti xi parir lill-kittieba sabiex il-kitbiet tagħhom ikunu aktar faċli għall-qarrejja biex jaqrawhom:

- Il-kliem irid ikun relatat mat-test.
- Importanti li jintużaw xi kliem b’mod frekwenti u preferibbilemt ikunu familjari magħhom il-qarejja.
- Il-kliem għandu jkun dirett u mhux kumpless.

(addattat minn Klare, 1976)

Ħafna studjużi jisħqu kif studenti umani ma tistax sempliċiment tuża *formula* u tara kemm test huwa diffiċli. Hemm diversi fatturi oħra li jikkontribwixxu għal kemm test ikun *readable* jew le. Waħda minn dawn l-affarijiet huwa propju l-frekwenza tal-kliem. Klare jitkellem hekk dwar il-frekwenza tal-kliem:

> Not only do humans tend to use some words much more than others, they recognize more frequent words more rapidly than less frequent, prefer them, and understand them and learn them more readily. It is not surprising, therefore, that this variable has such a central role in the measurement of readability (Klare, 1968, p. 20).

Huwa minħabba f'hekk li fi studju ieħor tal-istess awtur, flimkien ma' kittieba oħrajn, jikkummentaw kemm ir-riżultati li jagħtu l-*formulas*, jkunu biss gwida:

> For these reasons, formula scores are better thought of as rough guides than as highly accurate values. Used as rough guides, however, scores derived from readability formulas provide quick, easy help in the analysis and placement of educational material (Klare, Rowe, Gregory, & Stolurow, 1969, p. 558).

Huwa interessanti kif l-istudjużi mhux biss taw soluzzjoni kif nagħrfu jekk test hux addattat għal ċertu età billi ħolqu xi *readability formulas*, iżda kienet mogħtija wkoll importanza lill-kittieba u kif dawn jistgħu jagħmlu l-kitbiet tagħhom aħjar.

**2.7. Konklużjoni**

Illum il-ġurnata, ir-*readability formulas* jeżistu għal għadd ta' lingwi bħall-Ispanjol, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Olandiż, l-Isvediż, ir-Russu, l-Ebrajk, il-Hindi, ic-Ċiniż, il-Vjetnamiż u l-Korean (Rabin, 1988). Ir-*readability formulas* ilhom jeżistu madwar tmenin sena, u f'dawn is-snin sar ħafna tibdil u fuq kollox progress u titjib f'dawn il-*formulas*. Barra minn hekk, dawn il-*formulas* qajmu ħafna kritika u kontroversji dwar il-limitazzjonijiet tagħhom. Il-kritiċi tal-*formulas* dejjem saħqu kemm hija importanti l-udjenza tas-siltiet. Madanakollu, bis-saħħa tal-istess *formulas*, wieħed jista' jiskopri l-limitazzjonijiet tal-qarrejja kif ukoll il-ħiliet tal-qarrejja. Jekk dawn ir-*readability*

*formulas* ikunu użati b'mod għaqli, mhux biss huma għodda tajba għall-għalliema iżda jistgħu jgħinu wkoll lill-istudenti jiksbu suċċess fil-ħila tal-qari.

# 3. L-applikazzjoni tal-*formula* magħżula

### 3.1. L-għażla tar-*readability formula*

Ir-*readability formulas* ilhom jiġu rriċerkati għal diversi snin u għalhekk wieħed jistenna li jkun hemm għażla wiesa' minn fejn ikun jista' jagħżel. Fil-fatt DuBay jikkonferma dan u jisħaq li sal-1980 kienu jeżistu 'l fuq minn 200 *formula* (DuBay, 2004). Madanakollu, għalkemm illum il-ġurnata għandna numru konsiderevoli ta' *formulas*, uħud minnhom għandhom skopijiet partikolari.

### 3.2. Il-morfoloġija Maltija

Meta mmorru lil hinn mill-lingwa Ingliża, diversi *formulas* ġew tradotti, jew aħjar addattati għal lingwi oħra. Fost dawn il-lingwi hemm il-Franċiż, l-Ispanjol u r-Russu (DuBay, 2004). Madanakollu, l-ebda *formula* minn dawn ma tista' tapplikaha għal Malti, għax fl-aħħar mill-aħħar, kull lingwa hija differenti kemm sintattikament, kif ukoll semantikament. Ħafna mill-*formulas* jitolbu l-għadd tas-sillabi tal-kelma, iżda dan joħloq problema għaliex il-Malti għandu kliem twil minħabba li huwa *Pro-drop*. Dan jidher ċar f'dan l-eżempju:

**Ħallihielu** – kelma waħda, 4 sillabi

**He left it for him** – 5 kelmiet, 5 sillabi

Kif jista' jiġi nnotat minn dan il-każ, jekk ser tintuża *formula* xjentifika li hija użata għall-Ingliż li tistrieħ fuq l-għadd tas-sillabi u n-numru ta' kliem, il-Malti ser jidher ferm eħfef għaliex għandek kelma waħda u 4 sillabi. Fuq in-naħa l-oħra għandek l-Ingliż, li għandek 5 kelmiet, b'sillaba kull kelma. Kliem sempliċi li anke student fl-ewwel snin tal-Primarja faċilment jista' jaqrahom. Il-kelma *ħallihielu* titlob sforz ikbar mill-istudent

sabiex jifhimha għaliex hija kelma kumplessa li hija magħmula minn morfemi differenti.

Jekk nifirdu l-kelma *ħallihielu*, nindunaw li din hija magħmula minn 4 morfemi. Dan jurina li l-istudent irid jifhem il-kumplessità ta' din il-kelma li hija ferm itqal minn meta wieħed jagħti ħarsa lejn is-sentenza tal-Ingliż. Il-kelma tinqasam hekk

ħall/i/hie/lu

1) L-għerq – ħ-l-j
2) ħalla– Il-Mamma
3) -hie – Suffiss tal-pronom mehmuż oġġett dirett femminil singular
4) lu – suffiss tal-pronom mehmuż oġġett indirett maskil singular

Barra minn hekk il-kelma *ħallihielu* tista' turi wkoll l-imperattiv u għalhekk il-kumplessità ta' din il-kelma tkompli tikber għax l-istudent irid jikkunsidra l-kuntest sintattiku wkoll.

Il-morfoloġija tal-Malti hija ferm aktar kumplessa minn dik Ingliża u dan jidher f'diversi aspetti fosthom:

i) Il-prefissi prenominali

Meta nitrattaw il-verbi tal-imperfett kemm fit-tieni persuna singular u plural u kemm it-tielet persuna femminil singular, fil-Malti nżidu l-prefiss <u>t-</u> li tista' tassimila ruħha fil-każ tal-konsonanti xemxin.

Pereżempju:

(i)ssaqqi (kelma waħda, 2 sillabi) – she waters (2 kelmiet, 3 sillabi)

(i)żżarma (kelma waħda, 3 sillabi) – she disassembles (2 kelmiet, 5 sillabi)

(Borg & Azzopardi-Alexander, 1997, p. 328)

ii) Il-verbi intrażittivi

Meta niġu għal verbi intranżittivi, aktarx li fil-Malti dan jidher f'kelma waħda, filwaqt li għall-Ingliż stqarrija intranżittiva tidher f'numru ta' kliem, li jagħmilha aktar faċli biex tinftiehem, l-aktar meta wieħed iqis l-età tal-istudenti (bejn wieħed u ieħor għaxar snin).

Pereżempju:

(i)mtela (kelma waħda, 3 sillabi) > it was filled (3 kelmiet, 3 sillabi).

Għalkemm in-numri ta' sillabi huwa l-istess, il-kelma hija aktar diffiċli għall-istudent biex jifhimha bil-Malti għaliex fiha qiegħda tiġbor aktar informazzjoni.

(Borg & Azzopardi-Alexander, 1997, p. 328)

iii) Kliem ieħor

In-numru ta' sillabi f'kelma tradotta wkoll ivarja minħabba li l-pronunzja tkun differenti.

Pereżempju:

medicine (kelma waħda, 3 sillabi)

mediċina (kelma waħda, 4 sillabi)

Il-qasam tan-numru ta' sillabi fil-Malti huwa ferm aktar vast minn dak tal-Ingliż, iżda mbagħad in-numru ta' kliem f'sentenza aktarx li jkun inqas mill-Ingliż. Huwa minħabba dan il-fattur li wieħed mhux dejjem irid iħares lejn in-numru ta' sillabi iżda jrid jitqies il-kuntest kollu li fih qiegħed jitpoġġa l-kliem u aktar minn hekk it-tifsira tal-kliem b'mod individwali.

Meta osservajt dawn l-affarijiet indunajt li l-għażla tal-*formula* trid tkun iktar skrutinizzata milli ħsibt.

### 3.3. L-adattament ta' xi *readability formulas*

Kienu ħafna dawk il-lingwi li ddeċidew li jaqbdu xi *readability formula* mill-Ingliż u jagħmlu adattament għal-lingwa tagħhom. Fost dawn kienet il-lingwa Spanjola li adattataw il-*Fry Readability Graph*. Bħala *formula* mhix daqstant diffiċli biex tapplikaha u għalhekk Thonis ħasset li kapaċi tagħmel adattament ta' din il-*graph* u tapplikaha għall-Ispanjol (Gilliam, Peña, & Mountain, 1980). Thonis tiddiskuti kif il-lingwa Spanjola mhix wisq differenti minn dik Ingliża iżda xorta waħda ried ikun hemm adattament minħabba li bħala sillabi, il-lingwa Spanjola fiha ħafna aktar mill-Ingliż. Fil-fatt hija sabet li f'test li kien tradott għall-Ispanjol, it-test Ingliż kellu 100 sillaba filwaqt li t-test Spanjol kellu madwar 175 u 200 sillaba, id-doppju tal-Ingliż (Gilliam, Peña, & Mountain, 1980).

Sabiex sar l-adattament għall-Ispanjol, kienu meħuda tlettax-il *textbook* Spanjol u 9 kotba tal-qari. Dawn il-kotba kienu ttieħdu mill-Ingliż għall-Ispanjol u għalhekk kien hemm verżjoni taż-żewġ lingwi. Sabiex tinħadem il-*Fry Readability Graph* għall-Ispanjol, kien applikat l-istess proċess daqslikieku huma testi tal-Ingliż madanakollu, ir-riżultati tant kienu kbar li wħud minnhom saħansitra ma bdewx jidħlu fil-*graph*. Kien minħabba dan il-fattur li kienu mqabbla t-testi Spanjoli ma' dawk Ingliżi u rrealizzaw li minflok jgħoddu 100 sillaba, fil-każ tal-Ispanjol, il-*Fry Readability Graph* trid tkun ibbażata fuq 67 sillaba. B'dan il-mod il-*Fry Readability Graph* kienet adattata għall-Ispanjol għal kotba ta' livell Primarju (Gilliam, Peña, & Mountain, 1980).

### 3.4. L-adattament ta' *readability formula* għall-Malti

Il-*Fry Readability Graph* setgħet tiġi addattata wkoll għal Malti, iżda dan mhux daqstant faċli li jseħħ fil-Malti minħabba d-differenza kbira li hemm bejn is-sintassi Maltija u dik Ingliża. Bħalma sostnew Gilliam, Peña u Mountain (1980), bejn il-lingwa Spanjola u Ingliża m'hemmx daqstant differenzi iżda din l-istqarrija ma tistax tgħodd wisq għall-Malti.

Meta l-lingwa Maltija hija mqabbla ma' dik Ingliża, ma nistgħux niċħdu li llum il-ġurnata, il-lessiku Ingliż għandu influwenza qawwija fuq il-Malti, iżda sintattikament bejn il-Malti u l-Ingliż hemm kemxejn distinzjoni mhux ħażin. Din il-problema tidher ċara meta jkollna traduzzjoni mill-Ingliż għal Malti jew viċe-versa. Fil-fatt fl-2011, f'Malta sar l-eżami tal-PIRLS, fejn l-iskop tiegħu kien dak li jqabbel l-intelletwalità tal-istudenti tal-ħames sena Primarja, mal-istudenti tal-istess età madwar id-dinja (Mullis, Martin, Kennedy, Trong, & Sainsbury, 2011). Madanakollu wieħed ta' min jistaqsi, kemm huma affidabbli dawn it-testijiet, jew aħjar, kemm huma ġusti dawn it-testijiet?

It-testi li kienu użati fil-PIRLS kienu oriġinarjament bl-Ingliż u ġew tradotti b'ħamsin lingwa oħra li pparteċipaw f'dan l-istudju (Achievement, 2012). Huwa minħabba dan il-fattur li s-sens oriġinali kien se jkun aktar ippreġudikat favur il-lingwa Ingliża minħabba li t-test kellu jkun tradott sabiex jintuża f'lingwi oħrajn. Madanakollu, meta dan it-test jiġi tradott għal diversi lingwi, is-sens ser jintilef xi ftit, u jekk ma jintilifx, jista' jagħti l-każ li jiġi xi ftit jew wisq nieqes mis-sens jekk it-traduzzjoni ma tkunx waħda għaqlija u reveduta għal diversi drabi u minn diversi persuni. Barra minn hekk, il-morfoloġija u s-sintassi huma awtomatikament differenti ħafna.

Sfortunatament dan il-każ seħħ propju fil-Malti fejn ħassejt li xi drabi s-sentenzi tal-PIRLS bil-Malti kienu xi ftit neqsin minn struttura sintattika tajba. Drabi oħra meta

seħħet it-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti, is-sens ma baqax wieħed litterali iżda inbidel xi ftit. Pereżempju, sentenza partikolari li kienet meħuda mis-silta *Il-Misteru tas-Sinna Enormi*, tgħid hekk: "L-għadam wera li għal xi ħin kien jimxi fuq saqajh ta' wara." Meta jiena qrajt din is-sentenza, personalment fhimt li kien hemm xi żmien fejn din il-kreatura kienet timxi fuq is-saqajn ta' wara permezz tal-evoluzzjoni, iżda l-verżjoni Ingliża tgħid xort'oħra. Fl-Ingliż din is-sentenza qiegħda hekk: "The bones showed that it walked on its hind legs some of the time." Din is-sentenza, din id-darba turini li din il-kreatura xi drabi kienet timxi fuq is-saqajn ta' wara u xi drabi le. Naħseb li f'dan il-każ, il-kuntest temporali ma kienx daqstant ċar u kien hemm lok fejn din is-sentenza tiġi espressa b'mod aħjar. Dan l-eżempju kien magħżul minn karta waħda fost erbgħa li kienu użati għall-istudju tal-PIRLS. Għalkemm dan huwa biss eżempju wieħed sibt li n-nuqqas ta' ċarezza fit-traduzzjoni hija rikorrenti fil-karti kollha.

### 3.5. Il-LIX *formula*

Dawk il-*formulas* li huma l-aktar magħrufa aktarx li biex jinħadmu jesiġu n-numru ta' kliem fit-test, it-tul tas-sentenzi u l-ammont ta' sillabi fost oħrajn. Madanakollu, l-użu tagħhom huwa limitat minħabba li jirrikjedu diversi dettalji li jvarjaw minn lingwa għal oħra. Kien għalhekk li ridt *formula* li titlob affarijiet li huma aktar flessibbli minħabba d-differenzi bejn l-Ingliż u l-Malti. Waqt li kont qiegħda nagħmel din ir-riċerka ltqajt mal-LIX *formula*. L-utilità tagħha tinsab primarjament fil-fattur li hija *formula* li titlob affarijiet sempliċi u għalhekk tagħti spazju usa' sabiex tintuża minn diversi lingwi. Dan huwa possibbli minħabba li din il-*formula* titlob biss in-numru ta' kliem, in-numru ta' sentenzi u n-numru ta' kliem twal li jkollok f'test. Għal din il-*formula*, kliem twal jinkludi kliem li huma itwal minn 6 ittri. Wara li tiġbor din l-informazzjoni kollha mit-test, il-*formula* tinħadem hekk:

LIX = W/S + (L*100)/W

W = In-numru ta' kliem fit-test

S = In-numru ta' sentenzi fit-test.

L = In-numru ta' kliem twil fit-test.

Meta l-LIX *formula* tagħti riżultat, dan għandu jkun interpretat skont din it-tabella:

| Riżultat | Id-diffikultà tat-test |
|---|---|
| Inqas minn 25 | Dawn huma kotba adattati għat-tfal |
| Bejn 25-30 | Testi sempliċi |
| Bejn 30-40 | Testi normali/*fiction* |
| Bejn 40-50 | Testi fattwali |
| Bejn 50-60 | Testi tekniċi |
| 'Il fuq minn 60 | Testi diffiċli/ testi ta' riċerka/teżijiet |

(Tillman & Hagberg, 2014)

Għalkemm dawn in-numri huma relevanti sabiex inkun naf jekk it-testi mogħtija humiex imorru lil hinn mill-ħiliet tat-tfal, jien ser inkun qiegħda nqabbel ukoll ir-riżultat tat-testi Maltin ma' dawk Ingliżi u għalhekk ser inkun qiegħda nqabbel ir-riżultat bejn il-lingwi nfushom u mhux nagħmel referenza biss għal din it-tabella. Barra minn hekk, għalkemm din it-tabella tista' tkun ta' indikazzjoni f'liema kategorija jaqa' test, xorta waħda tħalli diversi dettalji barra, fosthom li jekk il-LIX *formula* tagħti riżultat ta' *readability* ta' 25 jew inqas, li huwa meqjus bħala test tat-tfal, Tillman u Hagberg

(2014) ma jagħtux età speċifika għal dawn it-tip ta' testi. Jirrimarkaw biss li dawn huma testi tat-tfal iżda nieqsa minn indikazzjoni ċara u eżatta.

Wieħed ta' min jgħid li d-differenza li ser tinkiseb permezz tal-LIX *formula*, mhi xejn għajr *ordinal scales. Ordinal scales* huwa meta għandek differenza bejn test u ieħor (Musvoto & Gouws, 2009). Pereżempju, jekk għandek test li għandu 23 *readability* u test ieħor li għandu livell ta' 20 *readability,* bla dubju li t-test ta' 23 *readability* huwa itqal minn dak ta' 20. Madanakollu, jekk ikollok testi li għandu 33 *readability* filwaqt li t-test l-ieħor għandu 30 *readability*, għalkemm jidher li d-distakk bejniethom huwa l-istess bħall-ewwel eżempju, id-differenza bejniethom hija waħda differenti għaliex it-testi tal-aħħar huma ferm itqal mill-ewwel tnejn. Huwa minħabba f'hekk li l-valuri miksuba mil-LIX *formula,* m'huma xejn għajr *ordinal scales* jiġifieri "relationship always look the same irrispective of the angle from which it is viewed" (Musvoto & Gouws, 2009, p. 430).

### 3.6. Kriterji kkunsidrati għall-Malti

Primarjament, ir-raġuni li għażilt din il-*formula* hija għaliex tikkalkula dak il-kliem it-twil li aċċennajt għalih fis-sezzjonijiet ta' qabel. Dan diġà jurina li din il-*formula* hija aktar ideali minn waħda li tagħmel użu mill-għadd tas-sillabi. Malli tingħata ħarsa lejn din il-*formula*, jidher biċ-ċar li tistrieħ ħafna fuq il-viżiv aktar milli fuq il-morfoloġija. Minħabba dan il-fattur, ġie deċiż li l-ittri 'għ' u 'ie' jkunu meqjusa bħala żewġ ittri separati. Ir-raġuni wara din id-deċiżjoni hija minħabba l-fatt li separatament, dawn huma żewġ ittri oħra fil-Malti u għalhekk din tippreżenta diffikultà lill-qarrej Malti li jrid ikun konxju tal-fatt li, ħafna drabi, l-'għ' ma tinqarax bħala "ħoss" għalkemm viżwalment ikun qiegħed jara żewġ ittri. Fuq l-istess raġunament ukoll iddeċidejt li l-'ie' titqies bħala separata minħabba li l-qarrej irid ikun konxju li l-'ie' ma tkunx

imtennija bħala ‘i’ u ‘e’ b’mod separat minħabba li l-ittri ‘i’ u ‘e’ jeżistu għalihom waħidhom.

Fattur ieħor li kien meqjus waqt li kont qiegħda niġbor ir-riżultati huwa li l-artiklu fil-Malti għandu jitqies bħala kelma għaliha. Għalkemm teknikament fil-Malti l-artiklu mhux meqjus bħala kelma separata minħabba li dan ma jinstabx waħdu iżda ortografikament dejjem irid ikun marbut ma’ kelma oħra (Borg & Azzopardi-Alexander, 1997), jiena xorta waħda qistu bħala kelma għaliha. Id-deċiżjoni, primarjament kienet imsejsa fuq dan ir-raġunament: Jekk nieħdu stqarrija bħal “*The car is green*”, meta din tkun tradotta għall-Malti, ikollna sentenza bħal “*Il-karozza hija ħadra.”* Iż-żewġ sentenzi qegħdin juru l-karozza b’mod determinat u għalhekk l-istudent, jew il-qarrej, irid jifhem li l-kittieb qiegħed jirreferi għal karozza partikolari u mhux għal karozza kwalunkwe. Fl-Ingliż dan jintwera permezz ta’ *the* filwaqt li fil-Malti, sabiex nuru oġġett determinat, nużaw l-artiklu. Fil-fatt, il-Malti huwa mimli bl-artikli u għalhekk ikun inġust jekk inqisuh parti mill-kelma ta’ wara għaliex huwa qiegħed jissimbolizza xi ħaġa oħra.

Għalkemm din il-*formula* tidher tajba u li solviet il-problema u tista’ tiġi meqjusa bħala ideali biex titkejjel id-diffikultà tat-test, huwa ferm importanti li nagħtu ħarsa aktar dettaljata lill-*formula.* Għalkemm il-*formula* titlob dak il-kliem li huwa twil (’il fuq minn 6 ittri), il-*formula* ma tispeċifikax kemm fiha ittri l-kelma. Kelma ta’ 7 ittri, hija meqjusa bħala kelma twila, iżda kelma li fiha 15-il ittra, hija twila wkoll iżda definittivament hija itqal għall-istudent sabiex jaqraha minn kelma ta’ 7 ittri. Huwa minħabba dan il-fattur li juri li din il-*formula* fiha wkoll l-limitazzjonijiet tagħha u għalhekk ma nistgħux narawha bħala l-*formula* perfetta.

Għall-fini ta' dan l-istudju, iddeċidejt li naqbad dak il-kliem twil kollu tal-karti tal-Benċmark sabiex mhux biss nara kemm hemm kliem twil fil-karti tal-Benċmark taż-żewġ lingwi iżda nkun nista' nieħu idea ta' liema lingwa (Ingliż u Malti) għandha kliem li jikkonsisti fl-aktar ittri. B'dan il-mod, ir-riżultati u l-analiżi ta' din it-teżi jkunu msejsa fuq aktar dettalji.

### 3.8. Konklużjoni

Għalkemm il-*formula* tagħti idea ċara dwar liema karta hija l-aktar diffiċli permezz ta' statistiċi xjentifiċi, huwa importanti li wieħed ma jirriduċix l-istudenti sempliċiment għal *formula* xjentifika (Biesta, 2007). Huwa għalhekk li għandna nżommu f'moħħna li l-frekwenza tal-kliem hija fundamentali wkoll għal dan l-istudju u ma nistgħux nieqfu biss għal numri statistiċi biss li ser tagħti l-LIX *formula*. Għalhekk ser ikun hemm ħarsa wkoll lejn il-frekwenza tal-kliem twal f'dawn il-karti li attwalment forsi mhix tingħata daqstant importanza.

# 4. Analiżi u Diskussjonijiet

Ir-riżultati tar-*readability* miksuba mill-*formula* tal-LIX dwar il-fehim il-qari tal-Benċmark, kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż, ser ikunu ppreżentati f'dan il-kapitlu. Kull sena tal-Benċmark ser tkun diskussa f'sezzjoni għaliha li ser tinkludi kemm ir-riżultat tal-LIX kif ukoll diversi fatturi oħra, bħall-medja miksuba mill-istudenti f'dik is-sena, in-numru ta' kliem twil flimkien ma' kemm kien twil dan il-kliem, kif ukoll il-frekwenza ta' kliem li huwa l-istess fit-test. Finalment, dan il-kapitlu jagħlaq billi tingħata ħarsa ġenerali lejn is-snin kollha skont ma kien misjub fl-analiżi.

### 4.1. L-eżami tal-Benċmark 2011

Kull sena jkun hemm żewġ sessjonijiet tal-Benċmark. It-tieni sessjoni mhix *resit* tal-ewwel sessjoni iżda ssir għal dawk li għal xi raġuni ma setgħux jattendu l-ewwel darba. Għalkemm ir-rapport maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xogħol ma jikkummentax dwar it-tieni sessjoni, il-medja tar-riżultati tal-istudenti tinkludi kemm l-ewwel sessjoni kif ukoll it-tieni sessjoni. Għalhekk, iż-żewġ sessjonijiet qed jiġu meqjusa bħala eżami wieħed.

Fl-2011, kienu 3810 li poġġew għall-eżami tal-qari tal-Malti u l-medja miksuba minnhom kienet dik ta' 22.23 minn 30 marka (Ministry, 2012b). Fl-istess sena, għall-eżami tal-qari tal-Ingliż kienu aktar dawk li poġġew għalih hekk kif in-numru jammonta għal 3845. F'din is-sena, l-istudenti marru kemxejn agħar fl-Ingliż għaliex il-medja miksuba fil-fehim il-qari kienet dik ta' 19.52 minn 30 (Ministry, 2012b). Dan juri li d-differenza li hemm fil-marka globali tal-karta, tikkorrispondi għar-riżultat miġjub fil-sezzjoni tal-qari għaliex bħala medja tal-karta kollha, fil-Malti l-istudenti kisbu 74.39 filwaqt li fl-Ingliż kisbu 61.85 (Ministry, 2012b).

### 4.1.1. L-eżami tal-Benċmark 2011, l-ewwel sessjoni

Ħafna drabi, l-eżami tal-Benċmark ikun maqsum f'żewġ taqsimiet. L-ewwel taqsima aktarx tkun xi *poster* jew avviż filwaqt li t-tieni taqsima tkun silta ftit itwal maqsuma f'partijiet differenti. Wara kull taqsima u/jew parti, l-istudent ikun jeħtieġlu li jwieġeb għadd ta' mistoqsijiet dwar is-silta li jkun qara. Għall-eżami tal-2011, fil-każ tal-Malti, l-ewwel taqsima kienet tikkonsisti f'*poster* maħruġ mill-Kunsill Lokali dwar fiera organizzata fir-raħal. Għal din it-taqsima, ir-riżultat miksub mil-LIX *formula*, kien dak ta' 32.37 filwaqt li l-ewwel taqsima tal-eżami tal-Ingliż, fejn l-istudenti kienu ppreżentati bi tliet siltiet qosra ħafna dwar it-tip ta' kotba li l-istudenti jħobbu jissellfu mil-librerija, ir-riżultat tar-*readability* kien dak ta' 24.18. Dan juri li kien hemm differenza sostanzjali bejn id-diffikultà li l-istudenti kienu mogħtija f'din it-taqsima fiż-żewġ lingwi.

Waħda mill-komponenti fil-*formula* tal-LIX hija dwar it-tul ta' kliem. Meta wieħed jagħmel użu minn din il-*formula,* huwa mitlub isib kemm hemm kliem twil fis-silta (kliem li huwa 'l fuq minn sitt ittri). F'dan il-każ, l-ewwel sessjoni tal-karta tal-Malti, kienet tikkonsisti fi tmienja u għoxrin kelma twila, filwaqt li l-Ingliż kellu biss dsatax-il kelma. Għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li d-differenza mhix waħda daqstant allarmanti, l-LIX *formula* tħalli barra xi ħaġa ferm essenzjali; kemm huwa twil il-kliem. Għalkemm tiddetta li kelma twila hija meqjusa bħala dik li fiha seba' ittri jew aktar, inħass il-bżonn li tinħoloq distinzjoni bejn kemm huwa twil il-kliem. Dan għaliex kelma li fiha seba' ittri hija twila, iżda kelma li fiha erbatax-il ittra wkoll hija twila iżda għall-istudenti, indubjament, toħloqilhom ħafna aktar diffikultà sabiex jaqrawha. Fil-fatt, fil-każ tal-Malti naraw l-okkorrenza ta' żewġ kelmiet li huma magħmula minn tlettax-il ittra, *kompetizzjoni* u *tradizzjonali,* u kelma waħda b'erbatax-il ittra li kienet

*preżentazzjoni*. Fil-karta tal-Ingliż, f'din is-sessjoni, dan it-tul ta' kliem huwa ineżistenti għaliex l-itwal kliem kien magħmul minn ħdax-il ittra.

Skont Anderson u Davison (1986), mhux biss il-kliem twil jiddetermina kemm student jista' jsib ta' sfida biex jaqra iżda wkoll il-frekwenza tal-kliem. Test jista' jkun fih għoxrin kelma twila, iżda jekk din ser tkun repetuta, dan ser jagħmel it-test aktar faċli għaliex l-istudent qiegħed jaqra dejjem l-istess kelma twila. Għalhekk, kien importanti li f'dan l-istudju tingħata ħarsa aktar dettaljata u mill-qrib lejn dawn il-fatturi. Pereżempju, fl-Ingliż il-qarrej kellu jiltaqa' ma' ħdax-il kelma b'seba' ittri filwaqt li fil-Malti kien hemm tmien kelmiet bl-istess tul. Madanakollu, għalkemm fl-Ingliż kien hemm ħdax-il kelma, meta wieħed jara l-karta, jinduna li erba' minn dawn l-okkorrenzi huma kollha l-kelma *reading*. Dan, bla dubju, joħloq iktar kunfidenza fil-qarrej biex jaqrahom (Anderson & Davison, 1986). Fl-istess taqsima kien hemm preżenti wkoll l-kelma *library* li dehret għal darbtejn u l-kelma *stories* li wkoll kienet tinsab darbtejn fit-test. Fil-Malti, ma kien hemm ebda kelma repetuta u għalhekk il-qarrej kull darba kellu jiltaqa' ma' kelma twila għall-ewwel darba fl-istess silta.

Il-mod li bih hija mqassma it-tieni taqsima tal-karta tal-Malti, kumparata mal-karta tal-Ingliż li kienet maqsuma fi tliet partijiet, diġà juri li hemm ċertu diskrepanza bejn iż-żewġ lingwi. Fl-Ingliż, l-istudent kellu kull darba jaqra biss parti żgħira u wara jwieġeb il-mistoqsijiet, filwaqt li għall-Malti, minħabba li hija maqsuma biss f'żewġ partijiet, l-istudent ried jaqra faċċata sħiħa qabel iwieġeb il-mistoqsijiet. Fil-fatt, jidher li l-eżaminaturi indunaw b'din id-distinzjoni għaliex din kienet l-unika sena li fiha nsibu din l-okkorrenza jiġifieri li l-karti mhumiex maqsumin fl-istess ammont ta' partijiet.

L-ewwel parti tat-tieni taqsima tal-Malti tagħti riżultat ta' 40.22 bħala *readability.* Dan huwa riżultat konsiderevolment għoli meta mqabbel mad-29.39 li l-karta tal-Ingliż

tagħti għall-ewwel parti tat-tieni taqsima. Madanakollu, il-folja tinqaleb għat-tieni parti għaliex l-Ingliż turi diffikultà ta' 34.24 bħala *readability* filwaqt li l-karta tal-Malti ġġib biss ir-riżultat ta' 30 *readability.* Għat-tielet parti, fejn il-karta tal-Ingliż biss kellha, din ġabet ir-riżultat ta' 38.34. Minħabba li t-tieni taqsima ma kinitx maqsuma l-istess fil-Malti u fl-Ingliż, ittieħdet il-medja ta' din it-taqsima b'mod kollettiv. Jidher li t-tieni taqsima tal-Malti kellha 35.11 *readability* filwaqt li l-Ingliż kellu livell ta' *readability* ta' 33.99. Għal din it-taqsima jidher li d-differenza fil-livell fir-*readability* mhix daqstant kbira bħall-ewwel taqsima, indipendentament mill-fattur li l-Malti kellu żewġ partijiet u l-Ingliż kellu tlieta.

Għal din it-taqsima wkoll ġie deċiż li tingħata importanza għall-ammont ta' kliem twil li jinsabu f'din it-taqsima. Fil-karta tal-Malti, b'mod kollettiv għal din it-taqsima, insibu mija u tmien kelma twila filwaqt li fl-Ingliż insibu mija sitta u għoxrin. F'dan il-każ, jidher li l-Ingliż kien jikkonsisti f'aktar kliem li huwa twil milli fil-Malti. Fil-fatt, jidher li l-Ingliż kellu seba' kelmiet li huma magħmula minn tnax-il ittra jew aktar. Għalkemm dan jidher li huwa numru kbir meta mqabbel mal-Malti, ta' min wieħed jgħid li wħud minn dawn il-kliem kienu l-istess. Fil-fatt, il-kelma *improvements* tidher tliet darbiet u l-kelma *transportation* tidher darbtejn. Il-Malti kellu kelma waħda biss li hija itwal u din kienet *organizzatilha* b'erbatax-il ittra.

Meta tittieħed il-medja ta' din il-karta b'mod ġenerali, jidher li m'għandnix diskrepanza kbira għaliex il-Benċmark tal-Malti jidher li kellu *readability* ta' 34.2 filwaqt li l-Ingliż kellu livell ta' *readability* ta' 31.53. Dan juri li l-karta tal-Malti hija ftit iktar diffiċli minn tal-Ingliż iżda d-differenza mhix waħda daqstant kbira u għalhekk fil-każ ta' din is-sena u għal din is-sessjoni, jidher li l-karti kienu pjuttost bilanċjati.

### 4.1.2. L-eżami tal-Benċmark 2011, it-tieni sessjoni

It-tieni sessjoni tidher simili ferm tal-ewwel sessjoni u l-karti kienu mqassma eżattament kif kienu mqassmin fl-ewwel sessjoni. Huwa minħabba dan il-fattur li nerġgħu naraw nuqqas ta' somiljanza bejn iż-żewġ karti minħabba li kienu mqassmin ftit differenti.

L-ewwel taqsima tal-Malti kienet tikkonsisti f'reklam dwar forn li jinsab f'Ħal Qormi. Għalkemm bħala reklam ma kienx fih daqstant kliem twil, madanakollu kien fih pjuttost sentenzi twal u għalhekk dan żied il-livell ta' *readability*. Dan kollu wassal għar-riżultat ta' 41.19 *readability* meta maħdum bil-LIX *formula*. Meta mqabbla mal-ewwel sessjoni, din ukoll kienet ferm itqal għaliex l-ewwel taqsima tal-ewwel sessjoni kellha livell ta' *readability* ta' 32.37. L-oppost ta' dan seħħ fl-Ingliż għaliex f'din it-taqsima, il-kontenut ħfief mill-ewwel sessjoni għat-tieni sessjoni. Fl-ewwel sessjoni l-istudenti kellhom livell ta' *readability* ta' 24.18 u fit-tieni sessjoni kien 23.31. Sintendi, ladarba fl-ewwel sessjoni d-diskrepanza bejn iż-żewġ lingwi kienet waħda sostanzjali, id-differenza fit-tieni sessjoni kienet ferm ikbar u d-diffikultà tidher li rduppjat bejn lingwa u oħra.

Huwa interessanti l-fatt li ma tantx hemm kliem twil f'din it-taqsima. Fil-fatt, il-karta tal-Malti tikkonsisti biss f'sittax-il kelma twila filwaqt li l-Ingliż tikkonsisti biss f'erbatax. Madanakollu, dan għandu jidher f'ċirkostanzi usa' għaliex it-test huwa wieħed qasir u d-diffikultà aktarx ġejja mill-fattur li s-sentenzi tal-Malti huma kemxejn twal u għalhekk dan ikompli jżid id-diffikultà fl-istess l-lingwa. Meta niġu għall-frekwenza tal-kliem, minħabba li n-numru tal-kliem twil huwa daqstant żgħir, dan mhux li jħalli wisq spazju għal kliem li jkun repetut fl-istess silta. Fil-fatt, l-unika kliem li deher għal aktar minn

darba kienu *filgħodu* fil-każ tal-Malti, li dehret għal darbtejn, u *information* fl-Ingliż, li dehret għal darbtejn ukoll.

Bl-istess mod, għas-sessjoni ta' qabel, din it-taqsima kienet maqsuma differenti għaż-żewġ lingwi, fejn tal-Malti kien fiha żewġ partijiet filwaqt li tal-Ingliż kien fiha tliet partijiet. B'ħarsa lejn il-karta tal-Ingliż, indipendentament mil-liema parti hi, jidher li it-tieni sessjoni kienet aktar faċli għall-istudenti sabiex jaqrawha, milli kienet l-ewwel sessjoni. Fit-tabella t'hawn taħt jidher dan b'mod aktar ċar. Fejn il-garżelli huma mmarkati bil-vjola, jidher li l-livell ħfief filwaqt li l-garżelli mmarkati bl-aħdar juri li żdiedet id-diffikultà tal-qari. Dawn ir-riżultati kienu ppreżentati wkoll b'mod grafiku wara t-tabelli sabiex jinftehmu aħjar. Il-valur aħdar skur (imniżżel bħala Malti 1) jirrappreżenta l-ewwel sessjoni tal-Malti. L-aħdar ċar, Malti 2, juri l-Malti t-tieni sessjoni. Il-karti tal-Ingliż huma rrappreżentati bil-kulur blu, fejn il-blu skur juri l-ewwel sessjoni tal-Ingliż filwaqt li l-blu ċar juri t-tieni sessjoni.

| **2011 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 32.37 | 24.18 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 40.22 | 29.39 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 30 | 34.24 |
| It-tieni taqsima (It-tielet parti) | | 38.34 |
| **Il-medja** | **34.2** | **31.53** |

Ġunju 2011 – L-ewwel sessjoni

| **2011 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 41.19 | 23.31 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 31.88 | 24.5 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 30.02 | 29.46 |
| It-tieni taqsima (It-tielet parti) | | 36.24 |
| **Il-medja** | **34.36** | **28.37** |

Ġunju 2011 – It-tieni sessjoni




Ħarsa lejn it-tieni taqsima b'mod kollettiv, jidher li l-medja tar-*readability* tal-Malti kienet ta' 30.95 filwaqt li tal-Ingliż, li hija bbażata fuq tliet partijiet u mhux tnejn, iġġib il-livell ta' 30.07. Dan jidher, li hawnhekk ukoll, il-karta tal-Malti kienet toffri sfida ikbar lill-istudenti. Meta mqabbla mal-ewwel sessjoni, kemm il-Malti kif ukoll fl-Ingliż jidher li kien hemm titjib fil-livell tal-qari. Għall-Malti, it-titjib għat-tieni taqsima kien wieħed konsidervoli għax fl-ewwel sessjoni kien 35.11 filwaqt li tat-tieni sessjoni, kif rrimarkat qabel, kien ta 30.95. Fl-Ingliż ukoll naraw diskrepanza sostanzjali għaliex fit-tieni taqsima tal-ewwel sessjoni l-LIX *formula* turi livell ta' *readability* ta' 33.99, it-tieni sessjoni l-livell ta' *readability* kien dak ta' 30.07.

Parti mir-raġuni għaliex naraw li l-karti kienu eħfef it-tieni darba ġej mill-fatt li ma kienx hemm daqstant kliem twil fit-test daqs l-ewwel darba, fil-Malti kien hemm total ta' mija u wieħed filwaqt li fil-Benċmark tal-Ingliż kien hemm mija u dsatax-il kelma. Għalkemm jidher li fl-Ingliż hemm ħafna iktar kliem twil meta mqabbel mal-Mallti,

meta tingħata ħarsa lejn it-test tinduna li, xi drabi, dawn il-kliem huma repetuti. Pereżempju fit-tielet parti tat-tieni taqsima tal-Ingliż, skont ir-riżultat maħruġ jidher li hemm total ta' tmintax-il kelma li huma magħmula minn tmien ittri. Ħarsa aktar profonda lejn dan ir-riżultat, jidher li ħames kelmiet minnhom huma l-kelma *vehicles.*

### 4.1.3. Ħarsa ġenerali lejn l-2011

Wara l-analiżi ta' kull taqsima u parti, kien fundamentali li jittieħed riżultat b'mod kollettiv tal-karta kollha. Skont it-tabelli murija fil-paġni preċedenti (paġna 56-57), huwa ċar li fl-ewwel sessjoni ż-żewġ lingwi kienu aktar qrib ta' xulxin fuq livell ta' diffikultà tal-qari. Primarjament, dan seħħ minħabba li fit-tieni sessjoni, it-taqsimiet tal-Ingliż kienu eħfef mill-ewwel sessjoni filwaqt li fil-Malti kien hemm xi taqsimiet u partijiet li kienu itqal għall-istudenti fit-tieni sessjoni. Kien propju dan li kompla kabbar id-distakk fir-*readability.* Hija din in-nuqqas ta' somiljanza bejn iż-żewġ lingwi li huwa importanti li jiġi evitat. Barra minn hekk, huwa importanti wkoll li ma jkunx hemm daqstant distakk bejn iż-żewġ sessjonijiet peress li l-istudenti qed jitqiesu daqslikieku għamlu l-istess karta. Finalment, il-karti għandhom ikunu kemm jista' jkun ġusti la darba dan huwa kejl sabiex l-istudent ikun jista' jikkwalifika f'livell t'abbiltà partikolari, bħas-*setting,* fis-sekondarja.

## 4.2. L-eżami tal-Benċmark 2012

Permezz tar-rapport li joħroġ kull sena, wieħed jista' jkun jaf kemm kien l-ammont ta' studenti li poġġew għall-Benċmark f'dik is-sena u saħansitra kemm kienu l-istudenti li qagħdu għal ħiliet differenti. F'din is-sena jidher li kien hemm iktar studenti li poġġew għall-eżami tal-qari tal-Ingliż milli kien hemm għall-Malti. Kienu 3472 li poġġew għall-eżami tal-qari tal-Ingliż filwaqt li kienu 3420 li poġġew għall-eżami tal-qari tal-Malti (Ministry, 2013). Jidher li fis-snin kollha dejjem hemm ammont akbar li

jpoġġu għall-eżami tal-Ingliż. Għal din is-sena jidher li l-prestazzjoni tal-istudenti kienet aħjar fil-Malti milli fl-Ingliż. Fil-fatt il-medja miksuba fl-Ingliż kienet ta' 17.60 filwaqt li tal-Malti kienet 20.63 (Ministry, 2013). Dawn il-medji huma t-tnejn minn 30 marka, li hija l-marka massima li l-istudenti jistgħu jiksbu fil-fehim il-qari. Meta tingħata ħarsa lejn dawn il-marki, il-medja miksuba hija pjuttost inkwetanti għaż-żewġ lingwi għaliex kienet pjuttost marka baxxa, b'mod speċjali għall-Ingliż. Huwa għalhekk li l-medja tal-karti b'mod globali taż-żewġ lingwi, ma kinitx waħda għolja ferm hekk kif l-istudenti kisbu medja ta' 71.48 u 63.42 fil-Malti u fl-Ingliż rispettivament.

#### 4.2.1. L-eżami tal-Benċmark 2012, l-ewwel sessjoni

Il-karti tal-eżami tal-2012 kienu maqsuma xi ftit jew wisq bħas-sena ta' qabel. Fil-fatt, bħas-sena 2011, l-ewwel taqsima tal-karta tal-Benċmark tal-Malti kienet tikkonsisti f'riklam qasir li kien dwar klinika tal-annimali. Meta kien ikkalkulat id-diffikultà tal-qari ta' dan ir-reklam, il-LIX *formula* tat riżultat ta' 47.84. Dan ir-riżultat kien wieħed pjuttost għoli, l-aktar meta wieħed iqis li huma studenti ta' għaxar snin li qegħdin ipoġġu għal dan l-eżami. Dan ir-riżultat huwa aktar inkwetanti meta skont Tillman u Ludvig, meta l-LIX *formula* tagħti riżultat ta' bejn l-40 u l-50, dan ikun test fattwali (Tillman & Hagberg, 2014). Ta' min jinnota li test fattwali għal studenti ta' snin snin, bla dubju li jmur lil hinn mill-kapaċitajiet tagħhom. Meta dan ir-riżultat huwa mqabbel mal-karta tal-Ingliż, dan ir-riżultat juri aktar biċ-ċar kemm dawn il-karti mhumiex tal-istess livell. L-ewwel taqsima tal-Ingliż kienet għadd ta' testi qosra li kienu jagħmlu *poster* sħiħ dwar kompetizzjoni tal-poeżija. Il-livell ta' *readability* tal-Ingliż miksub mill-*formula* tal-LIX kien dak ta' 32.72.

Bħas-sena ta' qabel, hawnhekk ukoll ingħatat ħarsa lejn il-kliem li kien hemm. Fil-każ tal-Malti jidher li kien hemm total ta' sebgħin kelma twila filwaqt li fl-Ingliż kien

hemm total ta' erbgħin kelma ta' aktar minn seba' ittri. Id-differenza hija waħda pjuttost kbira u, bla dubju, dan wassal sabiex it-test tal-Malti jkun wieħed ferm iktar diffiċli mit-test tal-Ingliż. Bħalma għamilt fil-karta tal-2011, hawnhekk ukoll tajt ħarsa lejn it-tul tal-kliem kif ukoll lejn il-frekwenza tagħhom. Il-maġġoranza tal-kliem fit-testi tal-Malti u tal-Ingliż għal din it-taqsima, kienu magħmula minn seba' jew tmien ittri. Dan wassal għall-fatt li ma kienx daqstant twil il-kliem daqskemm wieħed jaħseb. Barra minn hekk, id-diffikultà tonqos ukoll għaliex meta tingħata ħarsa lejn il-kliem li fihom tmien ittri, li fil-Malti kien hemm total ta' tnejn u għoxrin kelma, jista' jkun innotat li tmien kelmiet minnhom kienu l-kelma *annimali*. B'ħarsa lejn il-karta tal-Ingliż, hawnhekk ukoll jidher xi kliem repetuti għaliex il-kliem li fih tmien ittri, bħal *category* u *children,* dehru għal erba' darbiet. Dan juri li għall-istudent kien aktar faċli li jsir familjari magħhom.

Wara li l-istudenti jaħdmu l-ewwel taqsima, ikollhom silta daqsxejn aktar twila għall-fehim il-qari li tkun maqsuma f'żewġ partijiet. Għal din is-sena jidher li ż-żewġ lingwi kienu ekwivalenti għal xulxin għaliex din id-darba ż-żewġ lingwi kellhom it-tieni taqsima maqsuma f'żewġ partijiet. Hekk, il-karti kienu aktar ġusti fil-konfront tal-istudenti. It-test tat-tieni taqsima tal-karta tal-Malti kien jikkonsisti, "f'test oriġinali ta' xeħta informattiva u fattwali fuq l-għasel Malti" (Ministry, 2013, p. 24) filwaqt li t-test tal-Ingliż kien aktar f'forma ta' storja narrattiva. Huwa propju f'dan il-punt li wieħed jistaqsi hemmx xi tip ta' ftehim bejn l-eżaminaturi taż-żewġ lingwi jew inkella jaħdmux separatament. Mill-istil tat-test, wieħed mill-ewwel jinduna li s-silta tal-Ingliż kienet waħda li tattira iktar lill-istudenti. Il-fatt li t-test tal-Malti kien wieħed fattwali u tal-Ingliż kien test narrattiv diġà qiegħed juri li hemm distinzjoni bejn iż-żewġ eżamijiet. Huwa għalhekk li naħseb ikun aktar ideali kieku t-testi jkunu tal-istess ġeneru.

Wara li ngħatat ħarsa ġenerali lejn it-testi kien importanti li tingħata ħarsa minn lenti aktar xjentifika sabiex tkun determinata d-diffikultà li jippreżentaw dawn it-testi. L-ewwel parti tat-tieni taqsima tal-Malti, il-LIX tagħti riżultat ta' 32.35. Din id-darba l-folja tinqaleb kompletament għax il-karta tal-Ingliż tagħti riżultat ta' diffikultà għall-qari ftit ikbar minn tal-Malti, b'riżultat ta' 33.63. Għalkemm huwa riżultat ikbar mill-Malti, tajjeb li jkun innotat li d-differenza mhix waħda daqstant kbira. Rigward kliem twil f'dawn it-testi, għalkemm jidher li l-Ingliż kellu inqas mill-Malti, il-karta tal-Ingliż kien fiha kliem magħmul minn aktar ittri. Fil-fatt, l-itwal kliem fil-Malti kienu magħmula biss minn għaxar ittri u kien hemm biss okkorrenza ta' erba' kelmiet li kienu *jipproduċi*, li dehret għal darbtejn, *importanti* u *tirritorna*. Madanakollu, dan ma jistax jintqal għall-Ingliż għaliex l-itwal kliem kienu *photographs, interesting, archeology* bi ħdax-il ittra u *straightened* u *disadvantaged* bi tnax u tlettax-il ittra rispettivament. Huwa għalhekk li wieħed għandu jinnota li aktarx, kieku l-LIX tikkonsidra kemm hu twil il-kliem bl-eżatt, il-livell tal-Ingliż kien ikun ftit itqal minn dak li tassew tagħti l-*formula* stess. Rigward il-frekwenza tal-kliem, f'din it-taqsima ma stajtx nikkummenta wisq għaliex ftit li xejn jidher li kien hemm okkorrenza tal-istess kelmiet f'dawn it-testi.

It-tieni parti tat-tieni taqsima hija kontinwazzjoni tal-ewwel parti. Huwa għalhekk li s-silta tal-Malti kienet titratta dwar l-għasel filwaqt li l-karta tal-Ingliż kienet kontinwazzjoni tas-silta narrattiva. Fit-tieni parti jirriżulta li l-Malti kien itqal mill-ewwel parti b'riżultat ta' 34.33 filwaqt li l-Ingliż kien eħfef b'livell ta' *readability* ta' 25.18. Mal-ewwel daqqa t'għajn tidher stramba għaliex is-silta tal-Malti baqgħet xi ftit jew wisq fuq l-istess livell ta' diffikultà madanakollu, l-Ingliż naqas drastikament u għalhekk juri li n-nuqqas ta' konsistenza ma tinsabx biss fil-Malti iżda tinsab ukoll fl-Ingliż.

Bidla oħra li naraw isseħħ f'din il-parti tinsab fit-tul tal-kliem. Għalkemm jidher li għal darb'oħra l-Malti għandu aktar kliem twil, b'total ta' tlieta u ħamsin filwaqt li l-

Ingliż għandu total ta' ħamsa u erbgħin, din id-darba il-kliem l-aktar twil instab fil-karta tal-Malti. Għad-differenza tal-ewwel taqsima, fejn l-itwal kliem tal-Malti kienu jikkonsistu f'għaxar ittri, din id-darba instabu saħansitra kliem li kien fih tlettax-il ittra bħal *jissuġġerixxu* u *tradizzjonali*. Fl-Ingliż, l-itwal kliem kien jikkonsisti minn tnax-il ittra u din l-okkorrenza nsibuha biss darba fil-kelma *surroundings*.

B'ħarsa lejn il-frekwenza tal-kliem, jidher li l-qarrej seta' jsir aktar familjari ma' żewġ kelmiet partikolari għaliex dawn dehru għal diversi drabi fit-test. Fil-Malti naraw il-kelma *kuċċarina,* b'disa' ittri, tintuża għal tliet darbiet u rigward l-Ingliż naraw li l-kelma *children*, bi tmien ittri, intużat għal erba' darbiet. Il-bqija tal-kliem twal, l-istudenti ma kellhomx wisq opportunità biex irabbu ċertu kunfidenza magħhom għax kien preżenti darba biss.

Din is-sena kienet pjuttost waħda interessanti għaliex dehret nuqqas ta' konsistenza fid-diffikultajiet. F'xi taqsimijiet deher li l-Malti huwa aktar diffiċli filwaqt li drabi oħra naraw li l-karta tal-Ingliż kienet ta' sfida ikbar għall-istudenti. Madanakollu, meta jittieħdu r-riżultati ta' kull taqsima b'mod kollettiv jidher li, għal darb'oħra, il-Malti għandu diffikultà ikbar minn tal-Ingliż b'riżultati ta' 38.17 u 30.15 rispettivament. Skont dak li nstab fis-snin studjati, dan ir-riżultat joffri wieħed mill-akbar distakki bejn il-Malti u l-Ingliż. Dan huwa ħasra meta nqisu li l-iskop huwa li l-istudenti jtejbu l-prestazzjoni tagħhom fil-Malti u mhux ikomplu jaqtgħu qalbhom.

### 4.2.2. L-eżami tal-Benċmark 2012, it-tieni sessjoni

It-tieni sessjoni tal-karti tal-Benċmark issir biss ftit jiem wara li ssir l-ewwel sessjoni. Minħabba li min ipoġġi għat-tieni karta ma jpoġġix għall-ewwel karta għaliex dan mhux *resit*, huwa fundamentali li l-karti jkunu, bejn wieħed u ieħor, tal-istess livell għaliex inkella jkun inġust fuq l-istudenti. Madanakollu, kemm hu minnu dan? Il-livell

ta' xebh qiegħed jinżamm fuq il-livell artifiċjali, jiġifieri li s-suġġett ikun l-istess biss jew inkella l-eżaminaturi qegħdin jagħmlu ċert li dawn ikunu tal-istess livell anke fejn jidħol il-qari?

Permezz tar-*readability formula* din il-mistoqsija setgħet tkun imwieġba aktar minn lenti xjentifika. Fl-ewwel taqsima tal-karti tal-Malti naraw li din id-darba l-istudenti kienu mogħtija avviż maħruġ mill-Kunsill Lokali sabiex ikun skopert talent ġdid. Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-qarrej jinduna li bħala kliem kien fiha ferm inqas mis-snin preċedenti u għalhekk l-istudent ma kellux wisq x'jaqra għal din it-taqsima. Dan wassal għal fattur li d-diffikultà wkoll kienet inqas minn tal-ewwel sessjoni. Fejn l-ewwel sessjoni kellha diffikultà ta' 47.84, din id-darba id-diffikultà kienet ta' 41.02. Dan juri li, għal din it-taqsima, il-Benċmark kien definittivament eħfef għall-qarrej. Fil-fatt, in-numru ta' kliem twil għal din id-darba kien biss ta' tnejn u erbgħin kelma. Madanakollu, din il-karta kienet tikkonsisti f'uħud mill-itwal kliem li ltqajt magħhom fil-Benċmark tal-Malti. F'din il-karta kien hemm kelma li kienet magħmula minn sbatax-il ittra li kienet *applikazzjonijiet* flimkien ma' żewġ kelmiet ta' ħmistax-il ittra, *parteċipazzjoni* u *jirrappreżentaw*. Rigward frekwenza ta' kliem ma nistax nitkellem wisq għax l-unika kelma li tidher xi ftit jew wisq rikorrenti f'dan l-avviż kienet biss il-kelma *Kunsill*. Dan juri li, realistikament, id-diffikultà tal-Malti kellha tkun kemxejn ikbar minħabba li l-kliem mhux biss kien twil iżda kien twil b'mod eċċessiv meta wieħed iqis li għal-LIX *formula* kelma ta' seba' ittri hija twila.

L-ewwel taqsima tal-Ingliż reġgħet kienet *poster* dwar kompetizzjoni tal-isport b'diffikultà tal-qari ta' 32.4. Hawnhekk ma jidhirx li kien hemm daqstant kliem twil bħall-Malti għaliex l-itwal kelma f'din it-taqsima kienet ta' tnax-il ittra, *applications*. Fil-fatt, it-taqsima ma kinitx tikkonsisti f'wisq kliem twil għaliex kellha biss erba' u għoxrin kelma twila. Dan in-numru jerġa' jista' jkun imnaqqas meta jitqies li tliet kelmiet minn

erbgħa ta’ ħdax-il ittra kienu *competition* u li t-tliet kelmiet b’għaxar ittri kienu kollha *kilometres.* Huwa għalhekk li għalkemm id-diffikultà tal-Ingliż hija ta’ 32.4, jiġifieri narawha tiżdiet ftit fit-tieni sessjoni meta mqabbla mal-ewwel sessjoni, wieħed xorta għandu jara viżjoni usa’. Meta mbagħad inqabblu l-Ingliż mal-Malti, hawnhekk nerġgħu naraw il-Malti jiddomina fid-diffikultà ta’ qari kważi b’għaxar valuri iktar. Fejn it-test tal-Ingliż jaqa’ taħt test “normali”, il-Malti jkompli jaqa’ taħt test “fattwali” (Tillman & Hagberg, 2014).

It-tieni taqsima, li tkun maqsuma f’żewġ partijiet, ukoll narawha xi ftit jew wisq simili tal-ewwel sessjoni, jiġifieri li l-karta tagħti testi li huma tal-istess struttura. Huwa rekwiżit li jkun hekk minħabba l-istudenti iżda lanqas hawnhekk id-diffikultà mhix waħda stabbli fil-karti. It-tieni taqsima tal-karta tal-Malti kienet titratta test fattwali dwar is-siġar taċ-ċitru. Mill-banda l-oħra, il-karta tal-Ingliż kienet storja narrattiva. Għalkemm f’dan ir-rigward kien miżmum l-istess ġeneru, id-diffikultà hija storja kompletament differenti. Fejn fl-ewwel parti tal-karta tal-Ingliż jidher li t-test ħfief bi ftit fit-tieni sessjoni għaliex kellu d-diffikultà tal-qari ta’ 30.9. Mill-banda l-oħra fl-ewwel parti tat-tieni sessjoni tal-Malti l-karta kienet aktar diffiċli b’diffikultà ta’ 38.21. Dan huwa fattur ferm inkwetanti meta wieħed iqis li fl-ewwel sessjoni diġà kien hemm distakk konsiderevoli bejn iż-żewġ lingwi. Dan il-fenomenu jippersisti, xi ftit jew wisq, fit-tieni parti tal-karti. Fejn l-Ingliż żamm kważi l-istess livell minn l-ewwel sessjoni għat-tieni, il-karta tal-Malti, fit-tieni sessjoni jidher li kellha l-komponent tal-qari itqal. Dan juri li l-maġġoranza tad-drabi, il-karta tal-Ingliż ħfiefet jew tqalet biss bi ftit, filwaqt li fil-każ tal-Malti it-tieni taqsima dejjem kienet itqal. Fit-tabella t’hawn taħt jidher li dawk li huma mmarkati bil-vjola huma d-drabi li l-karta ħfiefet filwaqt li dawk immarkati bl-aħdar, juru meta l-karta kienet aktar tqila. Il-valuri huma ppreżentati b’mod iktar viżiv taħt it-tabelli stess fejn il-kulur aħdar fil-*graph* jirrappreżenta l-karti tal-

Malti filwaqt li l-kulur blu jirrappreżenta il-karti tal-Ingliż.

| **2012 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 41.02 | 32.4 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 38.21 | 30.9 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 37.97 | 25.29 |
| **Il-medja** | **39.2** | **29.53** |

Ġunju 2012 – L-ewwel sessjoni

| **2012 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 47.84 | 32.72 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 32.35 | 33.63 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 34.33 | 25.18 |
| **Il-medja** | **38.17** | **30.51** |

Ġunju 2012 – It-tieni sessjoni




Il-bidla fl-Ingliż qatt ma jidher li hija waħda allarmanti li huwa l-għan li l-eżaminaturi tal-Malti wkoll għandhom jilħqu, dak li ma jkunx hemm bidla kbira fil-livell mogħti lill-istudenti. Huwa għalhekk li b'ħarsa lejn il-medja tal-karta kollha, jidher ċar li l-karta tal-Malti żiedet il-livell tal-qari, filwaqt li tal-Ingliż ħfiefet bi ftit.

Meta mbagħad kien trattat it-tul ta' kliem, il-Malti kellu l-itwal kliem f'dawn is-siltiet. Fl-ewwel parti l-Malti kellu tnejn u sittin filwaqt li fit-tieni kellu disgħa u erbgħin. Fl-Ingliż dejjem jidher li kienu inqas il-kliem twil għax fil-karta nstabu tlieta u erbgħin u wieħed u tletin għall-ewwel u t-tieni parti rispettivament. Barra minn hekk, il-kliem l-aktar twil dejjem instab ukoll fil-Malti. Fl-ewwel parti jidher li fil-Malti l-itwal kelma, li kienet ta' tlettax-il ittra, kienet *preparazzjoni* filwaqt li fl-Ingliż l-itwal kliem li nstabu f'din il-parti kienu ta' ħdax-il ittra. Dawn il-kliem kienu *quarrelsome, comfortable, resourceful* u *reluctantly.* F'din is-silta ma jidhirx li kien hemm kliem repetut, b'hekk ftit li xejn nista nikkummenta rigward dan l-aspett fil-kitba. Il-kliem twil fil-Malti jibqa' prevalenti saħansitra fit-tieni parti tal-karta. Hawnhekk ukoll, l-itwal kelma kienet ta' tlettax-il ittra, *esportazzjoni*. Fil-Malti jidher ukoll li kien hemm kelma oħra ta' tnax-il ittra li kienet *popolazzjoni* filwaqt li fl-Ingliż l-itwal kliem kien ta' għaxar ittri. Hawnhekk ukoll ikolli nastjeni milli ngħaddi kummenti dwar il-frekwenza tal-kliem minħabba li ma kienx hemm wisq kliem li kienu frekwenti.

### 4.2.3. Ħarsa ġenerali lejn l-2012

L-eżaminaturi m'għandhomx xogħol faċli meta jkollhom joħolqu żewġ karti fl-istess sena tal-istess livell sabiex kemm jista' jkun ikunu ġusti. Madanakollu, huwa importanti li din il-konsistenza ma tiqafx biss sas-suġġett iżda tmur lil hinn minn dak li jidher biss. Realistikament, is-suġġett jista' jkun differenti, iżda jkun aktar ta' benefiċċju għall-istudent li d-differenza, kemm bejn iż-żewġ lingwi kif ukoll bejn iż-żewġ sessjonijiet, tkun waħda simili. Huwa inġust li b'ħarsa lejn il-medja tal-Ingliż, mill-ewwel għat-tieni sessjoni naraw titjib fil-livell tal-qari, iżda fil-Malti jsir kompletament l-oppost. Din il-*formula* tista' tkun tassew għodda utli, li mhux biss tgħin lill-istudenti, iżda tagħmel ukoll ix-xogħol tal-eżaminaturi wieħed aktar faċli.

Hekk, jiġi evitat dak li jidher ċar f'din is-sena, differenza kbira fil-livell tal-qari tal-fehim il-qari.

## 4.3. L-eżami tal-Benċmark 2013

F'din is-sena jidher li kien hemm total ta' 3430 li kienu preżenti għall-eżami tal-qari tal-Ingliż filwaqt li fil-Malti kienu 3358 (Ministry, 2014). Jidher ukoll li l-istudenti ma marrux daqstant ħażin fil-Malti hekk kif il-medja miksuba mill-istudenti f'din il-ħila kienet ta' 22.58. Madanakollu fl-Ingliż l-istudenti ma rnexxilhomx jiksbu marka tajba daqs il-Malti għaliex il-medja kienet ta' 19.93 (Ministry, 2014). Jidher li l-karta tal-qari tat kontribut importanti lill-marka globali tal-istudenti għaliex il-medja tal-karta kollha tal-Malti kienet aħjar minn tal-Ingliż. Fil-Malti l-istudenti ġabu medja ta' 72.74 filwaqt li fl-Ingliż ġabu 67.23.

### 4.3.1. L-eżami tal-Benċmark 2013, l-ewwel sessjoni

L-ewwel taqsima tal-karti ma tkunx twila wisq u suppost ma titlobx sforz kbir minnaħa tal-istudent, iżda minn dak li rajna fis-snin ta' qabel, xi drabi din tkun l-itqal parti meta narawha minn lenti xjentifika tal-qari. Fil-Malti, l-istudenti kellhom jagħtu ħarsa lejn erba' reklami u wara jwieġbu l-mistoqsijiet dwarhom. Ma kienx hemm wisq kliem għall-istudenti x'jaqraw iżda d-diffikultà ta' *readability* għall-istudenti kienet dik ta' 34.24. Meta mqabbla mas-snin ta' qabel, din ma jidhirx li kienet daqstant diffiċli u għalhekk, aktarx li din hija parti mir-raġuni li l-istudenti kellhom l-opportunità jmorru aħjar mis-snin ta' qabel. Fl-Ingliż kellhom kellhom tliet *blurbs* meħuda minn kotba tat-tfal. Għalkemm, sa ċertu punt ma kinux l-istess, ta' min wieħed jinnota li din id-darba l-karti taż-żewġ lingwi kienu aktar simili mis-snin ta' qabel fuq livell ta' qari. Il-livell ta' *readability* tal-Ingliż kien ta' 29.22 u għalhekk kienet ftit eħfef mill-Malti.

Dan ir-riżultat kienet wieħed interessanti għall-unika raġuni li ma kienx hemm differenza kbira fl-ammont ta' kliem twil. Il-Malti kien fih biss erbgħa u tletin kelma filwaqt li fl-Ingliż kien hemm tnejn u tletin kelma. Il-mistoqsija suċċessiva li wieħed jistaqsi huwa, allura l-Malti kif huwa itqal? Rigward in-numru ta' sentenzi wkoll m'hemmx differenza kbira, għaliex fil-Malti kellhom sbatax-il sentenza filwaqt li fl-Ingliż kellhom sittax. Id-differenza fil-verità ġiet min-numru ta' kliem. Għalkemm fil-Malti kien hemm mija sebgħa u għoxrin kelma filwaqt li fl-Ingliż kien hemm mija ħamsa u sebgħin kelma, wieħed jinnota li għalkemm it-test qasir, kien hemm numru kbir ta' kliem twil li kompla taqqal it-test tal-istudenti u wassal sabiex il-Malti jkun itqal. Rigward il-frekwenza tal-kliem, ftit li xejn wieħed jista' jagħmel referenza għal dan għaliex kawża tan-natura qasira tat-test, il-frekwenza hija waħda żgħira. Kien hemm xi kliem li dehru għal darbtejn u l-kelma *Kavallier* fil-karta tal-Malti dehret għal tliet darbiet.

Ix-xebh bejn il-karti kompla jidher ukoll fit-tieni taqsima. Jidher li s-suġġett kien maħsub apposta sabiex iż-żewġ suġġetti jitrattaw il-fehim il-qari tagħhom fuq l-ajruplani jew inkella l-bdoti u kienu t-tnejn li huma testi informattivi. Il-fatt il-l-eżamijiet tal-Benċmark iseħħu fl-istess ġimgħa, huwa ta' benefiċċju għall-istudenti li jkollhom l-istess suġġett. Dan jgħin lilhom mhux biss biex ikunu familjari mat-test iżda wkoll biex bejn il-lingwi jkun hemm ċertu konformità. Il-konformità ma kinitx biss fis-suġġett iżda wkoll fid-diffikultà. Għalkemm il-Malti jidher li kellu livell ta' *readability* ta' 30.24, it-test tal-Ingliż ma jmurx daqstant 'il bogħod u jkun ftit eħfef b'riżultat ta' 27.4.

Bħalma għamilt qabel, hawnhekk ukoll tajt ħarsa lejn it-tul ta' kliem u l-frekwenza tal-kliem. Kien tassew interessanti li tajt ħarsa aktar bir-reqqa lejn dan il-fattur għaliex rajt lat aktar uman tal-istudenti. Ta' min wieħed jgħid li f'din l-ewwel parti, kien hemm differenza sostanzjali fit-tul tal-kliem bejn il-lingwi. Għal dan il-fehim il-qari, l-istudenti

li poġġew għall-Malti kellhom jiltaqgħu ma' tnejn u ħamsin kelma twila filwaqt li fl-Ingliż kellhom jiltaqgħu biss ma' tlieta u tletin kelma. In-nuqqas ta' bilanċ bejn il-karti jkompli jinħoloq meta l-karta tiġi studjata iktar bir-reqqa u wieħed jinduna kemm kien twil il-kliem. Fil-fatt, l-itwal kelma tal-Ingliż kienet tikkonsisti fi ħdax-il ittra, iżda l-itwal kelma tal-Malti kien fiha sbatax-il ittra li kienet *osservazzjonijiet*. Barra minn hekk, kien hemm ukoll xi kliem ieħor li kien fih tnax-il ittra li kienu *bużnannietna, josservahom* u *irnexxielhom*. Huwa għalhekk li naħseb għalkemm l-eżaminaturi mxew pass 'il quddiem billi taw li suġġett li  huwa simili, hemm bżonn li jkun hemm pass ieħor 'il quddiem u jiġu nnotati wkoll dawn l-affarijiet li jistgħu jkunu definittivament ta' benefiċċju għall-istudenti sabiex ma jaqtgħux qalbhom mill-karta tal-Malti.

It-tieni parti tat-tieni taqsima tidher żieda fid-diffikultà fiż-żewġ lingwi. Fil-każ tal-Ingliż iż-żieda mhix waħda kbira għaliex minn 27.4 żdiedet għal 29.81. Madanakollu ma jistax jintqal l-istess għall-Malti. Fil-Malti ż-żieda kienet waħda konsiderevoli u inkwetanti fl-istess ħin. Minn 30.24, il-karta tal-Malti telgħet għal-livell ta' *readability* ta' 39.63. Huwa minħabba dan il-fattur li huwa pjuttost inkwetanti, l-aktar għall-istudenti li jridu jpoġġu għal dawn il-Benċmark fejn l-eżaminaturi aktarx mhumiex konxji ta' dawn l-affarijiet.

La darba d-diffikultà kienet aktar għolja fil-Malti, huwa mistenni li jkun hemm iktar kliem twil u fil-fatt hekk hu. F'din il-parti tal-Malti kien hemm total ta' sebgħin kelma, bl-itwal kelma tkun ta' ħdax-il ittra. Għalkemm jidher li huwa ammont kbir ta' kliem twil, fit-test jista' jkun innotat li l-kelma *ajruplani* hija rrepetuta għal diversi drabi, preċiżament ħdax-il darba. Rigward l-Ingliż, din it-tendenza tar-repetizzjoni tal-kliem mhix daqstant komuni. Xi drabi xi kliem jidhru darbtejn iżda l-ebda kelma ma tidher tispikka għal ħafna drabi fit-test. Madanakollu l-Ingliż kellu l-itwal kelma miż-żewġ

testi, għal din it-taqsima. L-itwal kelma f'dan il-każ kienet *disappearance* bi tlettax-il ittra.

Meta tittieħed il-medja taż-żewġ taqsimiet, għal darb'oħra jidher li l-Malti jissupera lill- Ingliż fid-diffikultà tal-qari. Il-karta tal-Malti, b'mod sħiħ, jidher li kellha valur ta' diffikultà ta' 34.7 filwaqt li dak tal-Ingliż kien ta' 28.81. Dan mhux biss iwassal lill-Malti jkun iktar diffiċli iżda wkoll jidħol f'kategorija oħra. Skont Tillman u Hagberg, testi li jġibu r-riżultat bejn 25 u 30 huwa testi sempliċi filwaqt li dawk it-testi li huma bejn 30 u 40 huma testi normali (Tillman & Hagberg, 2014). Dan jidher li bħala riżultat ma nistgħux narawh biss bħala numru iżda rridu naraw il-kategorija li fih jaqgħu testi bħal dawn.

### 4.3.2. L-eżami tal-Benċmark 2013, it-tieni sessjoni

Għalkemm l-ammont ta' nies fit-tieni sessjoni jkun żgħir, xorta waħda huwa importanti li l-karta tkun ġusta għal dawn l-istudenti. Huwa għalhekk li f'dan l-istudju kien importanti li saħansitra tkun studjata t-tieni sessjoni.Bħala tqassim tal-karta kienet l-istess u l-format tal-fehim il-qari wkoll kien l-istess. Fil-Malti nerġgħu naraw 4 reklami u fl-Ingliż kien hemm tliet *blurbs* minn kotba tat-tfal. Għalkemm jidher li dawn it-testi huma simili, ma jistax jintqal l-istess dwar id-diffikultà tagħhom. Fil-fatt, iż-żewġ karti jidhru li kienu ftit aktar diffiċli għaż-żewġ lingwi. Jidher li fil-Malti, mill-ewwel sessjoni għat-tieni sessjoni kien hemm żieda ta' 2.95 fid-diffikultà tal-qari għaliex minn 34.24, l-ewwel taqsima ġiet 37.19. Madanakollu fl-Ingliż jidher li kienet aktar diffiċli għaliex il-livell tal-qari żdied b'4.9 hekk kif minn 29.22 il-valur ġie 34.12.

In-numru ta' kliem twil preżenti f'din it-taqsima juri daqsxejn ta' distakk mhux ħażin. Fl-Ingliż jidher li kien hemm tlieta u ħamsin kelma twila filwaqt li fil-Malti kien hemm biss tnejn u tletin. Minn dan nikkonkludu li l-eżaminaturi tal-Malti żammew xi ftit jew

wisq l-istess ammont ta’ kliem twil bejn l-ewwel u t-tieni sessjoni. L-itwal kelma għall-Malti kienet ta’ tlettax-il ittra li kienet *okkażjonijiet* filwaqt li fl-Ingliż l-itwal kliem kien ta’ ħdax-il ittra, bil-kliem *hairdresser* u *frightening,* li dehru għal darbtejn, u *adventurous* u *inhabitants*. Għalkemm jidher li l-karta tal-Ingliż tqalet b’ħafna, wieħed għandu jqis kemm kien hemm kliem li kien repetut. Mal-ewwel daqqa t’għajn lejn din it-taqsima, il-qarrej mill-ewwel jinduna li tispikka l-kelma *sleepover* li tinsab fit-test għal ħames darbiet. Kelma oħra li tidher komuni f’dawn il-*blurbs* hija *villages* li tinsab preżenti fit-test għal tliet darbiet. Dan juri li forsi d-distakk tad-diffikultà bejn l-ewwel u t-tieni karta jista’ jonqos xi ftit minħabba l-frekwenza ta’ dawn il-kliem. Il-karta tal-Malti ma jidhirx li kien fiha l-istess vantaġġi għall-istudenti għaliex ma kienx hemm daqstant kliem frekwenti. L-uniċi kliem li nstabu repetuti għal tliet darbiet kienu *ritratti* u *kompjuters* filwaqt li *ċemplilna* dehret għal darbtejn.

Fl-ewwel sessjoni kien diskuss kif it-testi tat-tieni taqsima kienu t-tnejn li huma informattivi u ż-żewġ karti jidher li kellhom is-suġġett relatat mal-avjazzjoni. Fit-tieni sessjoni, għalkemm iż-żewġ suġġetti żammu l-istil informattiv, is-suġġett kien wieħed differenti. Il-karta tal-Malti kienet titratta t-trasport tal-baħar filwaqt li tal-Ingliż kienet dwar l-inventur tar-radju u tat-televiżjoni. Kien ikun interessanti kieku s-somiljanza tas-suġġett dehret ukoll fit-tieni sessjoni. Permezz tal-*formula* tal-LIX irnexxieli nara jekk din it-taqsima kinitx tqila wkoll bħat-taqsima preċedenti. Fil-Malti reġa’ seħħ dak li rajna fis-snin ta’ qabel, jiġifieri t-test tal-Malti fit-tieni sessjoni kien itqal minn dik tal-ewwel u d-diffikultà ma żdiditx bi ftit. Fl-ewwel parti tat-tieni taqsima ħareġ ir-riżultat tar-*readability* ta’ 35.7, bidla notevoli mit-30.24 tal-ewwel sessjoni. Fl-Ingliż ma jistax jintqal l-istess għaliex din il-parti, għalkemm kienet bidla tassew minima, il-karta dehret ftit eħfef għax ġabet riżultat ta’ 29.49, b’bidla ta’ 2.09.

Għal din il-parti jidher li ma kienx hemm kliem eċċessivament twil miż-żewġ lingwi. Għal din is-sena, l-istudenti kellu jsib żewġ kelmiet bi ħdax-il ittra f'kull lingwa li kienu *żviluppawha* u *passiġġieri* fil-Malti u *experiments* u *electricity* fl-Ingliż. Madanakollu, din is-somiljanza ma tinsabx fl-ammont ta' kliem għaliex il-Malti ssupera lill-Ingliż b'ammont konsiderevoli. Għal din il-parti l-qarrej kellu jiltaqa' ma' disgħa u ħamsin kelma twila Maltija filwaqt li fl-Ingliż kellu jiltaqa' biss ma' disgħa u tletin kelma. Dan in-numru huwa aktar tat-tħassib meta l-qarrej ma kellux ix-xorti li jiltaqa' ma ħafna kliem li jokkorri għal aktar minn darba fit-test u għalhekk kien ikollu vantaġġ isir aktar familjari. L-uniċi kliem li kienu repetuti huma: *bniedem, dgħajsa, biċċiet* u *jivvjaġġa*, li kienu preżenti għal tliet darbiet, u *magħrufa* u *magħrufin* li dehru għal darbtejn. Madanakollu fl-Ingliż ukoll kien hemm xi kliem repetut fosthom *lessons, through* u *invension* li kien hemm l-okkorrenza tagħhom fit-test għal darbtejn, filwaqt li *television* dehret għal tliet darbiet. Dan juri biċ-ċar li l-Malti kien konsiderevolment itqal mit-test tal-Ingliż.

Meta l-*formula* tal-LIX kienet applikata għat-tieni parti tat-tieni taqsima, il-livell ta' *readability* ta riżultat ferm differenti. Fejn fl-ewwel parti rajna l-Malti itqal mill-ewwel sessjoni, għal din il-parti tal-Malti kien eħfef kemm mill-ewwel parti, kif ukoll mill-istess parti tal-ewwel sessjoni għaliex ġabet riżultat ta' 32.65. L-istess ma jistax jintqal għall-Ingliż. Għalkemm komparat mal-Malti, din il-parti baqgħet eħfef, meta ġiet imqabbla mal-Ingliż stess, din il-parti kienet itqal kemm mill-ewwel parti kif ukoll mill-istess parti tal-ewwel sessjoni għaliex it-toqol fejn jidħol il-qari kien ta' 32.33. Dan wassal għal aktar konformità bejn il-Malti u l-Ingliż għaliex meta kienu mqabbla flimkien, dawn kienu pjuttost identiċi fid-diffikultà tal-qari.

Id-diffikultà fl-Ingliż tqalet l-aktar minħabba n-numru ta' kliem twil li kien jinsab f'din il-parti. Fl-ewwel parti tal-istess karta jidher li kien hemm biss 39 kelma twila iżda fit-

tieni parti kien hemm total ta’ 50 kelma twila. Dan, definittivament, wassal għal diffikultà ikbar fit-test għaliex in-numru żdied b’mod konsiderevoli. Bħalma ingħatat ħarsa lejn it-tul u l-frekwenza tal-kliem fil-karti ta’ qabel, hawnhekk ukoll kien fundamentali li dawn il-fatturi jkunu inklużi mal-analiżi. Il-frekwenza tista’ tagħti spazju żgħir sabiex it-test ikun ftit eħfef filwaqt li jekk ikollok kliem li huwa eċċessivament twil, dan jista’ jtaqqal ir-riżultat tal-LIX *formula*. Bħala tul ta’ kliem, iż-żewġ lingwi kienu ferm simili għaliex l-itwal kelma, kemm għall-Malti kif ukoll għall-Ingliż, kienet ta’ tlettax-il ittra. Madanakollu, rigward il-frekwenza tal-kliem, ma jistax jintqal li l-karti huma simili għaliex il-qarrej seta’ jiltaqa’ ma’ aktar kliem li huma frekwenti fil-Malti. Il-kelma *sottomarini* kienet preżenti għal disa’ darbiet, il-kelma *tagħhom* instabet għal tliet darbiet flimkien ma’ *jistgħu, jintużaw* u *jivvinta* li dehru għal darbtejn. Minn dan, wieħed jista’ jikkonkludi li t-test tal-Malti seta’ jnaqqas ftit id-diffikultà minħabba l-ammont ta’ repetizzjoni ta’ kliem twil li kien fih it-test. Madanakollu fl-Ingliż il-qarrej ma kellux l-istess vantaġġ għaliex ftit kienu l-kliem twil li kien preżenti għal aktar minn darba. Fit-test kien hemm il-kelma *television* għal ħames darbiet u l-kelma *business* li dehret għal darbtejn.

### 4.3.3. Ħarsa ġenerali lejn l-2013

Jekk il-partijiet kollha jittieħdu b’mod kollettiv, kemm il-Malti, kif ukoll tal-Ingliż jidher li kienu itqal fit-tieni sessjoni. Meta dawn ikunu mqabbla flimkien, kien hemm biss parti waħda fil-Malti li kienet eħfef filwaqt li r-*readability* tal-Ingliż mill-ewwel għat-tieni sessjoni kienet dejjem itqal għall-istudenti. Huwa għalhekk li fl-aħħar mill-aħħar, kemm l-Ingliż kif ukoll il-Malti, kienu kemxejn itqal fit-tieni sessjoni. B’relazzjoni ma’ dan, it-tabelli t’hawn taħt jagħtu ħarsa ġenerali lejn it-taqsimiet kollha tal-karti. Il-garżelli mmarkati bil-vjola hija l-unika parti li dehret ħfiefet minn sessjoni għall-oħra filwaqt li l- garżelli l-ħodor jimmarkaw it-taqsimiet li kienu aktar diffiċli. Wara l-*graph*

tagħti r- riżultati b'mod aktar viżiv fejn il-kulur aħdar juri r-riżultati tal-karti tal-Malti filwaqt li l- kulur blu juri r-riżultati tal-karti tal-Ingliż.

| **2013 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 34.24 | 29.22 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 30.24 | 27.4 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 39.63 | 29.81 |
| ***Il-Medja*** | **34.7** | **28.81** |

Ġunju 2013 – L-ewwel sessjoni

| **2013 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 37.19 | 34.12 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 35.7 | 29.49 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 32.65 | 32.33 |
| ***Il-Medja*** | **35.18** | **31.98** |

Ġunju 2013 – It-tieni sessjoni




It-tabelli ma jurux daqstant riżultati sbieħ u dan ikompli jagħti konferma li x-xebh fis-suġġett mhix suffiċjenti biex il-karti jkunu simili għal xulxin. Dawn it-tabella huma

xhieda perfetta ta' dan u għalhekk huwa fundamentali li tibda titkejjel id-diffikultà tal-qari b'mod aktar xjentifiku.

## 4.4. L-eżami tal-Benċmark 2014

Bħas-snin ta' qabel, jidher li din is-sena fl-Ingliż reġgħu kienu aktar dawk l-istudenti li poġġew għall-eżami tal-qari b'total ta 3547. L-ammont ta' studenti li poġġew għall-Benċmark tal-Malti kien ta' 3476 (Ministry, 2015). L-ammont ikbar ta' studenti fl-Ingliż aktarx ġej minħabba n-numru ta' studenti barranin li jkunu residenti Malta u li jagħżlu li ma jpoġġux għall-Malti minħabba li akkademikament ma jkunux preparati għalih. Għalkemm naraw iktar studenti li jpoġġu għall-Ingliż, jidher li l-medja tal-qari għal din is-sena xorta waħda kienet ikbar fil-Malti b'medja ta' 22.44 minn 30 filwaqt li l-medja tal-Ingliż kienet ta' 21.17. Mhux ir-riżultat tal-qari biss juri li l-valuri miksuba mill-istudenti kienu pjuttost simili iżda bħala marka globali, jidher li għal din is-sena l-istudenti kisbu riżultati simili fiż-żewġ lingwi. Il-medja tal-karta kollha tal-Malti kienet ta' 74.57 filwaqt li tal-Ingliż kienet ta' 70.36.

### 4.4.1. L-eżami tal-Benċmark 2014, l-ewwel sessjoni

Bħas-snin ta' qabel, il-karta kienet maqsuma f'żewġ taqsimiet. Aktarx li l-ewwel taqsima dejjem tippreżenta test qasir bħal reklam jew avviż u wara l-istudent iwieġeb il-mistoqsijiet dwaru. Madanakollu, f'din is-sena, it-test ma jidhirx li kien wieħed daqstant qasir u sempliċi għax kien skeda ta' titjiriet u xi informazzjoni dwar it-titjiriet stess. L-għadd ta' kliem preżenti għal din is-silta kien ta' mitejn ħamsa u għoxrin, li komparat mas-snin ta' qabel, dan huwa test relattivament twil. In-numru ta' kliem kien wieħed kbir, l-aktar meta jitqies il-fattur li l-istudent għandu biss ħamsin minuta sabiex jaqra tliet testi u jwieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.

It-test mhux biss kien twil ħafna iżda d-diffikultà f'dan il-fehim il-qari kien ta' tlieta u erbgħin, numru pjuttost għoli meta mqabbel mar-*readability* tal-Ingliż li kienet ta' 31.49. It-test Ingliż kien jinkludi sett ta' istruzzjonijiet kif l-istudenti għandhom jagħmlu *sandwich*. Komparat b'mod immedjat, il-qarrej mill-ewwel jinduna li t-test tal-Ingliż kien aktar faċli għall-istudenti għax ittratta affarijiet prattiċi u sempliċi. It-test tal-Malti ried sforz ikbar għaliex l-iskeda ta' titjiriet żgur mhix xi ħaġa li l-istudenti jiltaqgħu magħha ta' spiss. Primarjament, it-test tal-Malti kien diffiċli wkoll minħabba l-ammont kbir ta' kliem twil li kien preżenti f'din il-karta, kważi d-doppju tan-numru li l-qarrej isib fil-karta tal-Ingliż. Fl-Ingliż instabu sitta u tletin kelma twila filwaqt li fil-Malti nstabu tlieta u sittin kelma twila.

Għalkemm jidher li kien hemm numru sostanzjali ta' kliem twil, ikun inġust li wieħed ma jgħidx li wħud mill-kliem fit-test kien repetut. Il-kelma *titjira* dehret għal erba' darbiet filwaqt li l-plural tal-istess kelma *titjiriet* kienet preżenti sitt darbiet. Simili għal dawn, kellna wkoll il-kelma *passiġġieri* li fit-test dehret għal tliet darbiet. Għalkemm jidher li dan jagħti xi ftit vantaġġ lit-test tal-Malti, huwa importanti li jingħad li fit-test tal-Ingliż ukoll kien hemm diversi kliem li kien frekwenti, bħal *sandwich* li dehret għal sitt darbiet. Għalhekk, xorta waħda jirriżulta li kien hemm differenza kbira fid-diffikultà tal-qari bejn il-Malti u l-Ingliż. Il-Malti jissupera wkoll l-Ingliż fit-tul tal-kliem. Din il-kelma kienet *destinazzjoni* b'total ta' tlettax-il ittra. Il-bqija tal-kliem, kemm għall-Malti kif ukoll għall-Ingliż kellu ħdax-il ittra jew inqas.

Wara l-ewwel taqsima, l-istudenti kellhom jaħdmu t-tieni taqsima li tkun maqsuma f'żewġ partijiet. Din is-sena l-karti kienu ferm differenti minn xulxin. Fejn fil-Malti l-ewwel parti tat-tieni taqsima kienet silta bħas-snin ta' qabel, l-eżaminaturi tal-Ingliż ddeċidew li jagħmlu lista ta' dati storiċi dwar it-torri ta' Londra u b'xi ġrajjiet abbonati magħhom. Sintendi, dan wassal għat-test li jkun relattivament ħafif b'riżultat ta'

*readability* ta' 23.32. B'kuntrast ma' dan, kellna l-Malti li kienet storja narrattiva fittizja li wkoll ma kinitx daqstant tqila, b'diffikultà ta' 28.64 madanakollu, hawnhekk jidħol il-fattur tal-ħin ukoll. Fejn fl-Ingliż riedu jaqraw biss lista ta' fatti, b'total ta' mija u ħames kelmiet, fil-Malti riedu jaqraw kważi t-triplu tal-kliem (mitejn tmienja u tmenin) li bla dubju, jirrikjedi ħafna aktar ħin min-naħa tal-istudenti.

Minħabba li s-silta tal-Malti kienet xi ftit itqal, dan wassal għal ħafna iktar kliem twil b'total ta' wieħed u erbgħin kelma twila filwaqt li fl-Ingliż kien hemm preżenti biss sittax-il kelma twila. Ma jistax ma jkunx irrimarkat li għalkemm il-Malti kien fih iktar kliem, xorta ma kienx hemm preżenti kliem li kienu komposti minn ħafna ittri. Iż-żewġ lingwi kellhom l-itwal kelma/kliem magħmul minn ħdax-il ittra. Fl-Ingliż instabet biss kelma waħda ta' dan it-tul li kienet *foundations* filwaqt li fil-Malti kien hemm żewġ kelmiet bl-istess ammont ta' ittri li kienu *kollezzjoni* u *infakkarhom*. Rigward il-frekwenza tagħhom, l-ammont ta' kliem repetut fl-Ingliż kien limitat minħabba n-numru limitat ta' kliem twil fis-silta. L-unika kelma doppja li kien hemm kienet *buildings* li definittivament ma kinitx ser tagħmel daqstant effett fuq ir-riżultat. L-ikbar sorpriża nstabet fil-karta tal-Malti għaliex minkejja l-ammont ta' kliem twil, xorta ma kienx hemm daqstant kliem li kienu repetuti. Meta jinqara t-test, wieħed għandu jiltaqa' darbtejn mal-kelma *kunċert* u tliet darbiet mal-kelma *umbrella*. Dan juri li, għal dan il-każ, ir-riżultat tal-LIX *formula* ftit kien hemm spazju fejn jinbidel.

Dak li l-karta tal-Ingliż kellha nieqes fl-ewwel parti tat-tieni taqsima, jinsab propju fit-tieni parti għaliex għal din il-parti l-istudenti kellhom ferm aktar x'jaqraw. Din il-parti kienet ukoll titratta dwar it-Torri tal-Londra iżda kienet silta informattiva u kemxejn twila. Madankollu, din ma kinitx tqila wisq għaliex il-livell ta' *readability* mogħti mil-LIX *formula* kien ta' 32.99. Is-silta tal-Malti, li kienet iqsar minnha iżda xorta waħda kellha *readability* ta' 30.94. Dan juri li mhux it-tul neċessarjament jagħmel test diffiċli iżda l-

ammont ta' kliem twil li hemm fit-test flimkien man-numru ta' sentenzi li jkun hemm fit-test. Jekk in-numru ta' sentenzi jkun bilanċjat mat-tul ta' test, dan ser jagħti riżultat tajjeb, iżda jekk ser ikollok test twil, bi ftit sentenzi, dan ser jagħmel is-sentenzi eċċessivament twal u hekk it-test ikun aktar tqil.

Rigward it-tul tal-kliem jidher li ma kienx hemm daqstant differenza bejn il-Malti u l-Ingliż għaliex iż-żewġ lingwi kellhom l-itwal kelma li kienet komposta minn tnax-il ittra. Fl-Ingliż l-itwal kelma kienet *constructing* filwaqt li l-Malti kellu żewġ kelmiet li kienu *tabbandunaha* u *ffrankatilha*. Il-frekwenza tal-kliem ukoll kien relevanti biex tkun analizzata u hekk ukoll seħħ f'din it-taqsima. Fil-Malti ma jidhirx li kien hemm wisq kliem li kien repetut. Fil-fatt kien kemm biss *umbrella* li dehret għal tmien darbiet, flimkien ma' *ġakketta* u *flimkien* li kienu fit-test għal darbtejn. Fit-test tal-Ingliż kien hemm ftit aktar kliem li kienu frekwenti fit-test. Dawn kienu *animals, fortress* u *collection* li kienu fit-test għal tliet darbiet u *buildings* u *Beefeaters* li kienu fit-test għal darbtejn. Xħin wieħed iqis li kien test ta' 'l fuq minn erba' mitt kelma, huwa sorprendenti kif m'hemmx daqstant kliem li huwa repetut u għalhekk dan jagħmel it-test xi ftit itqal.

Xħin dawn it-testi jkunu magħduda f'salt u tittieħed il-medja tagħhom, il-Malti jidher li kien kemxejn itqal mill-Ingliż. Il-medja tal-karta tal-Malti kienet ta' 34.19 filwaqt li tal-Ingliż kienet ta' 29.27. Mqabbla mas-sena ta' qabel, jidher li l-Malti baqa' xi ftit jew wisq fl-istess livell filwaqt li l-Ingliż kien kemxejn itqal mis-sena ta' qabel.

#### 4.4.2. L-eżami tal-Benċmark 2014, it-tieni sessjoni

L-ewwel taqsima tal-ewwel sessjoni tal-Malti kienet ferm diffiċli, iżda fit-tieni sessjoni, għalkemm hawnhekk ukoll kienet skeda ta' ħinijiet tal-vapuri, jidher li din kienet ftit eħfef, b'riżulat ta' *readability* ta' 38.6. Madanakollu, meta mqabbla mal-

Ingliż dan xorta waħda huwa test diffiċli. Fl-Ingliż reġa' kellhom sett ta' istruzzjonijiet, din id-darba kif jagħmlu tazza te. Fl-ewwel sessjoni, id-diffikultà kienet ta' 31.61 filwaqt li fit-tieni sessjoni kienet biss 19.61. Għajr li hemm differenza kbira fl-istess lingwa, bejn il-Malti hemm id-doppju tad-differenza. Dan juri li d-differenza mhux qiegħda biss bejn il-lingwi iżda wkoll minn sessjoni għall-oħra.

F'din is-sessjoni kien hemm ukoll kliem li kien fihom aktar ammont ta' ittri, għalkemm l-ammont ta' kliem twil kien inqas. Fil-Malti kien hemm preżenti tmienja u erbgħin kelma twila filwaqt li fl-Ingliż kien hemm biss tnejn u għoxrin kelma. Fil-Malti kienet preżenti l-kelma, *istruzzjonijiet*, li kienet tikkonsisti fi ħmistax-il ittra. Dan il-kliem bombastiku ma nstabx preżenti fil-karta tal-Ingliż għaliex fl-Ingliż l-itwal kelma kienet ta' tlettax-il ittra li kienet *automatically*. Wara din, l-itwal kelma kienet b'għaxar ittri, li kienet *ingredients*, u l-kumplament tal-kliem kien kollu b'disgħa ittri jew inqas. L-istess ma jistax jintqal għal Malti għaliex kien hemm ukoll kelma ta' tnax-il ittra, *faċilitajiet*, u l-bqija tal-kliem kienu ta' ħdax-il ittra jew inqas. Minħabba li t-test tal-Malti kien itwal, huwa prevedibbli li ser ikollu aktar kliem li huwa frekwenti minn tal-Ingliż. B'mod preċiż, kienu sitt kelmiet li dehru għal aktar minn darba fit-test li kienu *Għawdex, għandhom* u *jingħataw* li l-qarrej kellu jiltaqa' magħhom darbtejn, *għajnuna* u *passiġġieri* li fit-test jinsabu għal tliet darbiet u l-kelma *kumpanija* bl-okkorrenza ta' erba' darbiet. Mill-banda l-oħra, fl-Ingliż dehru biss tliet kelmiet li kienu repetuti fit-test kollu u dawn kienu *flavour, desired* u *teaspoon* li kienu preżenti fit-test għal darbtejn.

Għalkemm fl-ewwel taqsima jidher li fiż-żewġ lingwi t-testi kienu aktar ħfief, dan ma jistax jintqal għall-ewwel parti tat-tieni taqsima li kemm għall-Ingliż kif ukoll għall-Malti, din il-parti kienet offriet kemxejn aktar diffikultà fil-qari għall-istudenti. Fil-Malti, il-LIX *formula* tat żieda fil-livell tar-*readability* b'4.74 jiġifieri minn 28.64, it-test fit-tieni sessjoni kien 33.38. Id-differenza mhix waħda minima għax, kif rajna qabel, minn

kategorija ta' test sempliċi, fit-tieni sessjoni l-kategorija telgħet għal test normali skont it-tabella ta' Tillman u Hagberg li kienet imsemmija f'kapitlu tlieta (paġna 47). L-Ingliż ukoll għamel qabża, li ma kinitx waħda żgħira lanqas għaliex minn 23.32, żdiedet għal 36.95, differenza ta' 13.63. Meta mbagħad il-lingwi huma mqabbla flimkien, jidher li bejniethom m'hemmx daqshekk differenza daqskemm kien hemm fl-ewwel sessjoni.

L-analiżi tat-tul tal-kliem kien ukoll importanti f'din it-taqsima. Dan għaliex wieħed kapaċi jinduna b'dawk il-lakuni li l-*formula* tħalli barra. Fil-Malti jidher li kien hemm disa' u sebgħin kelma twila, bl-itwal waħda tkun ta' tnax-il ittra li kienet *qatgħetilhom* filwaqt li fl-Ingliż kien hemm total ta' wieħed u erbgħin kelma twila, bl-itwal kelma xi ħdax-il ittra li kienet *governments*. L-istudent ma ngħatax l-opportunità li jiffamiljarizza ruħu ma' kliem twil għaliex kien hemm biss erba' kelmiet li dehru għal aktar minn darba li kienu: *bagalja* li kienet preżenti għal ħdax-il darba, *ħwejjeġ* għal tliet darbiet u *filwaqt* u *gwardarobba* li dehru għal darbtejn. Fl-Ingliż ukoll kien hemm diversi kliem li ntużaw frekwentament fit-test li kienu *channel, England* u *British* li dehru erba' darbiet.

Bħalma deher fl-ewwel parti ta' din is-sessjoni, it-tieni parti ta' din is-sessjoni offriet sfida ikbar lill-istudenti sabiex jaqrawha. Il-Malti kellu diffikultà tar-*readability* ta' 35.30 filwaqt li tal-Ingliż kienet ta' 36.14. Meta mqabbla flimkien, ma jidhirx li hemm distakk kbir bejn iż-żewġ lingwi. Huwa interessanti li għalkemm it-test tal-Ingliż huwa ferm itwal minn tal-Malti, xorta d-differenza fil-qari ma kinitx kbira wisq.

Ħarsa lejn il-kliem twil, turi biċ-ċar li kien hemm aktar kliem twil fl-Ingliż milli fil-Malti. Aktarx li dan huwa inevitabbli meta għandek it-test tal-Ingliż li huwa 'l fuq minn mitt kelma itwal mill-Malti. Fl-Ingliż kien hemm total ta' ħamsa u sebgħin kelma twila

filwaqt li fil-Malti kien hemm tmienja u ħamsin. Għalkemm l-Ingliż jissupera lill-Malti fl-ammont ta' kliem twil, madanakollu l-Malti xorta jibqa' superjuri fl-ammont ta' ittri li għandhom uħud mill-kliem. Meta mqabbla flimkien, l-itwal kelma tikkonsisti fi tnax-il ittra, *jittrattawna*. Flimkien ma' din il-kelma kien hemm ukoll tliet kelmiet bi ħdax-il ittra, *gwardarobba, speċjalment* u *nixtiqilkom*. Mill-banda l-oħra, jidher li l-kliem twil tal-Ingliż kien kollu b'għaxar ittri jew inqas. Dan jagħmel differenza kbira għaliex f'test li huwa ferm itwal mill-Malti, xorta waħda ma nstabitx kelma li hija eċċessivament twila filwaqt li fil-Malti, li kienet iqsar, xorta waħda nstabu aktar kliem li jikkonsisti f'aktar ittri. Il-frekwenza tal-kliem ukoll huwa aspett li deher ferm importanti minħabba li jħalli effett fuq id-diffikultà tal-qari. Fil-Malti ma kienx hemm kliem li deher għal aktar minn darba. Kulma kien hemm kienu tliet kelmiet: *bagalja* li l-istudent kellu jaqraha għal seba' darbiet, *xogħolna* u *ajruplan* li kienu fit-test għal darbtejn. Fl-Ingliż kien hemm diversi kliem li kienu repetuti fit-test. Fost dawn kien hemm *channel* u *tunnels* li dehru għal erba' darbiet, *railway* u *Britain* għal tliet darbiet, fost xi kliem ieħor li deher għal darbtejn.

Meta tittieħed il-medja tal-karta kollha, jidher li l-Malti kien aktar diffiċli għall-istudent sabiex jaqraha. Dan għaliex id-diffikultà tal-qari tal-karta tal-Malti kienet ta' 35.76, li mhux ammont żgħir meta mqabbel mat-30.71 tal-Ingliż. Dawn huma riżultati pjuttost tat-tħassib l-aktar meta wieħed jaħseb li l-Malti huwa dejjem itqal mill-Ingliż.

### 4.4.3. Ħarsa ġenerali lejn il-Benċmark tal-2014

Skont dak li kien misjub għal din is-sena jidher li kienet biss l-ewwel taqsima li uriet livell eħfef fir-*readability* filwaqt li ż-żewġ partijiet tat-tieni taqsima kienu kollha aktar diffiċli fit-tieni sessjoni. Huwa għalhekk li meta ġiet ikkalkulata l-medja taż-żewġ lingwi, tidher żieda fid-diffikultà tar-*readability* mill-ewwel sessjoni għat-tieni sessjoni.

Huwa importanti li jkun rrimarkat li d-differenza mhix waħda kbira ħafna iżda dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm titjib. Għalkemm b'mod kollettiv il-karta tagħti dan it-tip ta' riżultat, xorta waħda li kien hemm testi li ma kinux ġusti ħafna. Fit-tabelli t'hawn taħt jidher li l-garżelli mmarkati bil-vjola huwa

fejn il-livell tal-qari ħfief filwaqt li l-garżelli l-ħodor huwa fejn il-livell tal-qari kien aktar diffiċli. Il-*graph* ta' wara t-tabelli turi l-istess riżultati iżda b'mod aktar viżiv. Il-kulur aħdar juri l-karti tal- Malti, Malti 1 u Malti 2, l-ewwel sessjoni u t-tieni sessjoni rispettivament. Il-kulur il-blu juri l-ewwel u t-tieni sessjoni tal-Ingliż, Ingliż 1 u Ingliż 2 rispettivament.

| **2014 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 43 | 31.49 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 28.64 | 23.32 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 30.94 | 32.99 |
| ***Il-Medja*** | **34.19** | **29.27** |

Ġunju 2014 – L-ewwel sessjoni

| **2014 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 38.6 | 19.61 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 33.38 | 36.95 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 35.30 | 35.56 |
| ***Il-Medja*** | **35.76** | **30.71** |

Ġunju 2014 – It-tieni sessjoni




Huwa essenzjali li jibda jinħoloq aktar bilanċ mhux biss fil-medja iżda anke fit-taqsimiet b'mod separat. La darba huwa rekwiżit li l-karti jitratta l-istess forma u suġġett, dan għandu jkun hekk ukoll fil-livell tal-qari f'kull taqsima.

### 4.5. L-eżami tal-Benċmark 2015

F'din is-sena partikolari, naraw l-inqas studenti li qatt poġġew għall-Malti. Kienu biss 3301 li poġġew għall-Malti filwaqt li fl-Ingliż kienu 3405 (Ministry, 2016). Huwa interessanti kif id-differenza fl-ammont ta' dawk l-istudenti li jpoġġu għall-Malti u dawk li jpoġġu għall-Ingliż qiegħed dejjem jikber. Primarjament, dan il-fattur ġej mill-fatt li hawn iktar barranin li ma jkunux ppreparati għall-Malti. Fil-fatt, ir-rapport jindika li huma 104 dawk l-istudenti li huma immigranti u għalhekk, din hija propju id-differenza fl-ammont li hemm bejn il-Malti u l-Ingliż. Bħala medja miksuba mill-istudenti fil-qari, kienet waħda tajba ferm. Il-medja tal-qari kienet ta 29.9 u 22.3 tal-Malti u l-Ingliż rispettivament. Dan ir-riżultat kien wieħed minn 30 u għalhekk wieħed jista' jinnota kemm l-istudenti marru tajjeb fil-Malti (Ministry, 2016). Għalkemm l-istudenti jidher li marru tajjeb fil-qari, il-medja tal-karta b'mod globali ma kinitx waħda

eċċellenti għaliex l-istudenti kisbu medja ta' 69.1 u 67.3 fil-Malti u fl-Ingliż rispettivament (Ministry, 2016). Permezz tar-*readability* formula ser inkunu nafu jekk l-istudenti kellhomx l-opportunità jmorru daqstant tajjeb forsi minħabba li t-testi ma kinux daqstant tqal.

#### 4.5.1. L-eżami tal-Benċmark 2015, l-ewwel sessjoni

Għalkemm is-sena l-oħra jidher li l-ewwel taqsima kienet ferm differenti fil-Malti, din is-sena l-eżaminaturi ddeċidew li jerġgħu jagħtu l-istess xejra tas-snin ta' qabel u għalhekk l-ewwel taqsima kienet riklam dwar teleskopju. Jidher li dan ir-riklam, meta mqabbel mas-sena ta' qabel, ma kienx daqstant diffiċli biex jinqara għaliex kellu diffikultà ta' 35.93. Madanakollu dan il-valur xorta jaqbeż b'ammont sostanzjali lill-Ingliż li kellu valur ta' 26.74. Il-karta tal-Ingliż kienet żewġ ittri elettroniċi bejn żewġt iħbieb. Għal darb'oħra, is-suġġett magħżul mill-Ingliż huwa wieħed aktar faċli għall-istudenti sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom miegħu. Fil-Malti, il-fatt li kien reklam dwar teleskopju, dan huwa diffiċli biex tiltaqa' miegħu fil-ħajja ta' kuljum. Għalkemm l-idea ta' riklam hija tajba, forsi kien ikun aktar ideali kieku kien riklam ta' oġġett li t-tfal huma aktar familjari miegħu.

Għalkemm kienu żewġ siltiet qosra, xorta kien hemm xi kliem twil li deher għal aktar minn darba bħal *teleskopju* li kienet fis-silta tal-Malti għal erba' darbiet, fost *tqabbdu* u *ritratti* li kienu fit-test għal darbtejn. Fl-Ingliż ukoll kien hemm xi kliem twil li kien frekwenti bħal *parents* li kienet fit-test għal erba' darbiet, *apologise* għal tliet darbiet u *continue* u *yesterday* għal darbtejn. Għalkemm l-LIX *formula* tqis il-kliem ta' 'l fuq minn sitt ittri twal, xorta hemm differenza bejn kelma ta' seba' ittri u bejn kelma ta' 20 ittra. It-tabella t'hawn taħt tindika kemm kien hemm kliem twil fl-ewwel taqsima u f'kemm kienu jikkonsistu ittri dawn il-kliem:

| **2015 S1T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 16 | 15 |
| 8 ittri | 12 | 5 |
| 9 ittri | 3 | 6 |
| 10 ittri | 7 | 2 |
| 11-il ittra | 1 | 1 |
| 12-il ittra | 1 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 0 | 0 |
| 16-il ittra | 0 | 1 |
| 17-il ittra | 0 | 0 |
| 18-il ittra | 0 | 0 |
| 19-il ittra | 0 | 0 |
| 20 ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 41 | 30 |

L-ewwel Sessjoni – L-ewwel Taqsima

F'din it-tabella wieħed jista' jara li fil-Malti kien hemm preżenti kelma ta' għoxrin ittra li kienet *ispeċifikazzjonijiet*. Għalkemm l-'i' hija waħda tal-leħen minħabba l-artiklu preċedenti din xorta waħda trid tinqara mal-kumplament tal-kelma. Fuq in-naħa l-oħra, l-Ingliż li wkoll kellu kelma ta' sittax-il ittra li kien *misunderstanding*. Iż-żewġ kelmiet jitolbu sforz kbir min-naħa tal-istudenti u għalhekk nemmen li l-eżaminaturi għandhom ikunu aktar konxji ta' kliem bħal dawn u jevitawhom minn testi ta' din l-età. Ċertament li setgħu jgħaddu mingħajrhom jew inkella jsibu kelma oħra minflokom.

Fis-sena 2014 kien hemm l-ewwel parti tat-tieni taqsima tal-Benċmark tal-Ingliż li kienet tassew differenti, iżda din id-darba l-ewwel parti kienet bħas-snin ta' qabel u għalhekk kien test li kien maqsum fi tnejn. Din id-darba kien *blog* meħud minn veterinarju u dak li tiltaqa' miegħu kuljum hi. Bħala diffikultà kienet daqsxejn ikbar minn tal-ewwel taqsima li huwa dak li għandu jkun mistenni f'eżami. Dan huwa essenzjali għaliex importanti li l-karta li titqal gradwalment. Id-diffikultà tal-qari kienet ta' 34.32. Il-karta tal-Malti għad mhix tagħmel din il-gradazzjoni għaliex l-ewwel taqsima dejjem tkun itqal mit-tieni. Din is-sena ma kinitx eċċezzjoni għaliex it-test mogħti dwar ħolma li kienet dwar l-annimali tat riżultat ta' *readability* ta' 31.97. Bejn iż-żewġ lingwi m'hemmx differenza kbira, għalkemm jidher li t-test tal-Ingliż kien kemxejn itqal. Huwa interessanti wkoll kif din hija it-tieni darba li qed naraw iż-żewġ lingwi jolqtu l-istess suġġett li dan huwa importanti sabiex ma tinħoloqx aktar imparzjalità.

Għalkemm jidher li l-karta tal-Ingliż kienet itqal, xorta waħda l-istudent ma kienx ser jiltaqa' ma kliem twil daqskemm kellu jiltaqa' fil-Malti. Fl-Ingliż kien hemm ħamsin kelma filwaqt li fil-Malti kien hemm tlieta u sittin. Madanakollu, l-itwal kelma kienet tinsab fl-Ingliż. Meta t-testi kienu mqabbla flimkien, l-itwal kelmiet kienu ta' tnax-il ittra li kienu *appointments*, li dehret għal darbtejn, u *receptionist* filwaqt li l-bqija tal-kliem kien għaxar ittri jew inqas. L-itwal kliem li nstabu fit-test tal-Malti kienu ta' ħdax-il ittra li kienu *kkompetejna* u *ġeneralment*. Fit-test kien hemm ukoll xi kliem li spikka aktar minn oħrajn minħabba l-ammont ta' drabi li deher fit-test. Fost dawn kien hemm *annimali* fil-karta tal-Malti li kienet preżenti għal sitt darbiet. Fl-istess test kien hemm ukoll is-singular tal-istess kelma, *annimal* li dehret għal tliet darbiet flimkien ma' *niftakar.* Barra minn hekk, fit-test kien hemm ukoll *għandha, karozza* u *isports* li kienu

fit-test għal darbtejn. Fl-Ingliż ukoll dehru xi kliem għal aktar minn darba fosthom *animals* li kienet preżenti għal disa' darbiet u *results* u *appointments* għal darbtejn.

Il-kontinwazzjoni tat-test fit-tieni parti, idealment, tkun tal-istess livell tal-ewwel parti. Madanakollu, il-kuntest li għandna attwalment ma jurix dan. Kemm il-karta tal-Malti, kif ukoll tal-Ingliż, f'din il-parti kienu eħfef. Il-LIX turi li l-Malti ħfief għax tat riżultat ta 29.81 iżda d-differenza fl-Ingliż naqset mhux ħażin għax minn 34.32 ġiet 28.36. Din id-differenza nħolqot primarjament minħabba li t-test kien iqsar u għalhekk ma kienx hemm daqstant sentenzi u kliem. Huwa għalhekk li meta l-eżaminaturi jkunu qegħdin jagħmlu dawn il-karti, iridu jaċċertaw ruħhom li l-karta qiegħda titqal gradwalment u mhux viċe-versa għaliex jekk l-istudent jibda b'test tqil, huwa probabbli li dan jaqta' qalbu mill-ewwel. Meta mqabblin flimkien iż-żewġ lingwi jidher li hawnhekk kienu pjuttost ugwali fid-diffikultà u dan huwa tajjeb għaliex hekk, l-eżaminaturi jkunu kemm jista' jkun ġusti.

Għalkemm il-karta tal-Malti kienet biss ftit itqal minn tal-Ingliż, kien hemm ammont sostanzjali ta' kliem twil, l-aktar meta mqabbel mal-Ingliż. Fit-test Malti kien hemm tmienja u erbgħin kelma twila filwaqt li fl-Ingliż kien hemm tnejn u tletin. L-itwal kelma tappartjeni wkoll għall-Malti b'total ta' tlettax-il ittra li kienet *kompetizzjoni*. Fl-Ingliż l-itwal kelmiet kienu bi tnax-il ittra li kienu *appointments* li tidher għal tliet darbiet, flimkien ma' *vaccinations* li kienet waħda biss fit-test. F'din il-parti ma jidhirx li kien hemm daqstant kliem frekwenti fiż-żewġ lingwi. Fl-Ingliż kien hemm biss *surgery* u *appointments* li kienu fit-test għal tliet darbiet filwaqt li fil-Malti kien hemm *gurilla* li kienet l-unika kelma bi tliet okkorrenzi, flimkien ma' *Josette, niftakar* u *Internet* li kienu fit-test għal darbtejn.

Bħala medja totali tat-taqsimiet kollha, jidher li għall-ewwel darba, fl-analiżi ta' din it-teżi, id-diffikultà tal-qari taż-żewġ lingwi kienu relattivament qrib ta' xulxin. Il-LIX *formula* tat riżultati ta' 32.57 u 29.81 għall-Malti u l-Ingliż rispettivament. Għajr il-medja, wieħed għandu jara wkoll li s-suġġetti kienu komuni u għalhekk din tkompli tgħin sabiex il-livell ta' dawn il-karti jkun jixxiebah.

### 4.5.2. L-eżami tal-Benċmark 2015, it-tieni sessjoni

Meta l-ewwel parti tat-tieni sessjoni kienet maħduma għaż-żewġ lingwi, irriżulta li t-tnejn li huma kienu ftit eħfef mill-ewwel darba. Id-differenza fil-karta tal-Malti kienet waħda minima b'riżultat ta' 34.7 filwaqt li d-differenza fl-Ingliż kienet ftit ikbar, b'riżultat ta' 24.23. Għalkemm kienet eħfef, din hija d-direzzjoni ġusta li l-eżaminaturi għandhom jieħdu f'dawn l-eżamijiet. Għalkemm hemm differenza, din mhix waħda kbira li ser taffettwa daqstant. Rigward l-istil ta' kitba, kemm għall-Malti kif ukoll għall-Ingliż inżamm l-istess stil għaliex l-ewwel taqsima tal-Malti kienet riklam ta' kamera tar-ritratti filwaqt li għall-Ingliż kienu żewġ ittri elettroniċi bejn il-ħbieb. Għal darb'oħra naraw il-vantaġġ li l-Ingliż kellu suġġett iktar relatat mill-Malti u li jolqot aktar il-gosti tat-tfal.

Xi ħaġa li dehret konsistenti wkoll mill-ewwel sessjoni għat-tieni hija l-ammont ta' kliem b'numru konsiderevoli ta' ittri fejn fil-Malti kien hemm sitta u teltin kelma filwaqt li fl-Ingliż sebgħa u għoxrin. Tajjeb li jkun innutat li bejn il-Malti u l-Ingliż m'hemmx distakk kbir li, għal darb'oħra, huwa ta' benefiċċju għall-istudenti. Xi ħaġa interessanti ferm huwa li kien hemm l-istess kelma twila, *ispeċifikazzjonijiet* fiż-żewġ karti tal-Malti, li għalkemm nemmen li hija kelma li setgħet tiġi evitata minħabba t-tul eċċessiv tagħha, naħseb li kien ġust li din kienet preżenti fiż-żewġ sessjonijiet. L-Ingliż ma kienx jikkonsisti f'daqstant kliem twil għaliex dan kien kollu b'għaxar ittri jew inqas. L-

uniċi kliem repetut fil-Malti kienu propju *Naranara* (isem ta' kamera tar-ritratti) deher għal tliet darbiet, filwaqt li *ritratti* kienet preżenti għal ħames darbiet. Fl-Ingliż kien hemm aktar kliem li huwa repetut bħal *birthday* u *Saturday* li fit-test kienu miktuba għal tliet darbiet u *present* u *invitation* li kienu miktuba għal darbtejn.

Simili għall-ewwel taqsima, it-tieni taqsima tal-karta wkoll segwit l-istess stil bħas-snin ta' qabel. Fil-Malti t-test kien dwar l-annimali u tal-Ingliż kien *blog* minn kok. Għalkemm segwew l-istess stil, fejn l-ewwel sessjoni iż-żewġ lingwi kellhom l-istess suġġett, sfortunatament din is-somiljanza ma nżammitx fit-tieni sessjoni. Skont l-analiżi li saret f'din it-taqsima, jidher li hawnhekk ma kienx hemm bidla kbira fid-diffikultà li kellhom jiltaqgħu magħha l-istudenti waqt il-qari. Għall-Ingliż, id-diffikultà tal-qari minn 34.32 niżlet għal 32.05 filwaqt li fil-Malti minn 31.71 żdiedet għal 33.15. Meta mqabbla flimkien jidher li, għall-ewwel darba, il-Malti u l-Ingliż jinsabu pjuttost fl-istess livell ta' diffikultà.

L-ammont ta' kliem twil f'din it-taqsima kien wieħed minimu. Fil-Malti kien hemm biss tmienja u tletin kelma filwaqt li fl-Ingliż kien hemm tnejn u ħamsin biż-żewġ lingwi juru li l-itwal kelma kienet ta' għaxar ittri. Minkejja li l-Malti li kellu inqas kliem twil, malli kienet studjata l-frekwenza tagħhom, kien sorprendenti kif kien hemm ħafna kliem li kien repetut fis-silta. Fost dan il-kliem kien hemm il-kelma *kamaleonte* li kienet fit-test għal sitt darbiet. Barra minn hekk, kien hemm ukoll *nilagħbu, nistaħba, annimali* u *nistaħbew* li dehru għal darbtejn. Fl-Ingliż ma jidhirx li kien hemm daqstant kliem repetut. Kien hemm biss tliet kelmiet li kienu *workers* li kienet repetuta għal tliet darbiet u *kitchen* u *cooking* li dehru darbtejn. Minħabba dan il-fattur, nemmen li għalkemm il-Malti jidher kemxejn itqal mill-Ingliż, minħabba dan il-kliem repetut, naħseb li id-distakk bejn il-lingwi kellu jkun iżgħar.

Fl-ewwel taqsima u fil-parti preċedenti, kien evidenti li l-Ingliż kien eħfef fit-tieni sessjoni filwaqt li l-Malti kien ftit itqal. Minkejja dan, it-tieni parti tat-tieni taqsima tagħti riżultati opposti. Fil-każ tal-Malti, fit-tieni sessjoni, is-silta tal-qari kienet kemxejn eħfef b'riżultat ta' 28.55 fit-tieni sessjoni, b'bidla ta' 1.26. Fil-każ tal-Ingliż, id-differenza fit-test ma kinitx daqshekk minima għaliex fl-ewwel sessjoni d-diffikultà tal-qari kienet ta' 28.36 filwaqt li fit-tieni kienet ta' 37.25, b'bidla ta' 8.89. Hija ħasra li kien hemm din il-qabża kbira fl-Ingliż għaliex din, bla dubju, offriet sfida ikbar lill-istudenti li qagħdu għat-tieni sessjoni. Dan id-distakk jinsab ukoll bejn iż-żewġ lingwi li meta mqabbla flimkien, jidher ċar li f'din il-parti, il-Malti kien ferm eħfef.

Xi drabi rajna kif xi kliem li huwa eċċessivament twil u l-frekwenza tal-kliem jagħtu spazju żgħir biex il-karta titqal jew teħfief. B'ħarsa eqreb lejn il-kliem twil jidher li ebda lingwa ma kellha vantaġġ fuq l-oħra għall-unika raġuni li kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż kellhom l-itwal kelma bi ħdax-il ittra. Dwar il-frekwenza tal-kliem, għalkemm jidher li l-Ingliż kien itqal, ftit li xejn dan ir-riżultat seta' jinbidel għax ftit kien hemm kliem li huwa repetut. Kienu biss żewġ kelmiet minn ħamsin li kienu repetuti u dawn kienu *workers* u *kitchen* li dehru għal tliet darbiet. Mill-banda l-oħra, għalkemm il-Malti juri diffikultà raġonevoli, xorta waħda din id-diffikultà tkompli tonqos għax kien hemm għadd ta' kliem li kien repetut. Il-kelma *għasafar* kienet tinsab fit-test għal tliet darbiet filwaqt li *insetti, tagħhom* u *inviżibbli* dehru fit-test għal darbtejn.

Sabiex l-analiżi tkun waħda kompluta, kien importanti li wara li ssir analiżi bir-reqqa għal kull taqsima u parti, tittieħed il-medja tal-karta b'mod kollettiv. Jidher li f'din is-sessjoni l-livell tal-qari tal-Malti kien ftit itqal minn tal-Ingliż iżda d-differenza mhix waħda inkwetanti. Il-medji taż-żewġ karti kienu 32.13 u 31.18 għall-Malti u għall-Ingliż rispettivament.

### 4.5.3. Ħarsa ġenerali lejn 2015

Din is-sena kienet waħda sinifikanti għaliex kienet l-ewwel darba li l-Malti u l-Ingliż kienu tassew qirb xulxin bħala diffikultà tal-qari. Barra minn hekk, minn din l-analiżi, kien innutat ukoll li din kienet l-unika sena fejn jidher li l-Malti kien eħfef fit-tieni sessjoni milli kien fl-ewwel sessjoni. Għalkemm it-test kien eħfef, id-distakk mhux wieħed kbir. It-tabelli t'hawn taħt juru dan b'mod aktar dettaljat u wara wieħed jista' jsib l-istess riżultati b'mod aktar viżiv.

| **2015 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 35.93 | 26.74 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 31.97 | 34.32 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 29.81 | 28.36 |
| **Il-Medja** | **32.57** | **29.81** |

Ġunju 2015 – L-ewwel sessjoni

| **2015 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 34.7 | 24.23 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 33.15 | 32.05 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 28.55 | 37.25 |
| **Il-Medja** | **32.13** | **31.18** |

Ġunju 2015 – It-tieni sessjoni



Il-garżelli mmarkati bil-vjola jagħtu indikazzjoni meta d-diffikultà mill-ewwel sessjoni għat-tieni ħfiefet filwaqt li l-aħdar juri meta l-istudenti kienu offruti aktar diffikulà fil-qari. Għalkemm fiż-żewġ lingwi jidher li kienet biss parti waħda li kienet aktar diffiċli, jista jkun innotat li fil-Malti, id-differenza minn sessjoni għall-oħra dejjem kienet waħda minima filwaqt li fl-Ingliż it-tieni parti tat-tieni taqsima, turi bidla sinifikanti. Dan juri li mhux fil-Malti biss hemm lok għal titjib iżda wkoll fil-Benċmark tal-Ingliż.

### 4.6. L-eżami tal-Benċmark 2016

Mir-rapport maħruġ, huwa evidenti li għaż-żewġ lingwi jpoġġu aktar għall-ħila tas-smigħ u tat-taħdit milli għall-kitba u l-qari. Din is-sena kienu 3318 li poġġew għall-eżami tal-qari tal-Malti, komparat mat-3421 tal-Ingliż (Ministry, 2017). Bħala medja tal-eżami tal-qari, ma kienx hemm distakk kbir bejn iż-żewġ lingwi. Il-medja tal-Malti kienet 21.6 u tal-Ingliż kienet 20.2. Meta tqis li l-fehim il-qari kienet minn 30 marka, wieħed jinduna li r-riżultati miksub ma kinux tajbin wisq. Id-differenza żgħira bejn iż-żewġ lingwi kienet rikkorrenti fil-karta kollha għaliex il-medja tal-karta globali tal-Benċmark tal-Malt kienet ta’ 68.9 filwaqt li tal-Ingliż kienet ta’ 68.8 (Ministry, 2017).

#### 4.6.1. L-eżami tal-Benċmark 2016, l-ewwel sessjoni

Għal din is-sena, l-ewwel taqsima tal-Malti kienet tassew differenti minn tal-Ingliż. Fil-Malti, l-istudenti kellhom jaqraw skeda li turi l-proċess ta’ kif isir il-ħobż Malti li kien magħmul minn sitt stadji. Għalkemm bħala fehim il-qari tidher ħafifa, meta kienet applikata l-LIX *formula,* din tat ir-riżultat ta’ 33.91. Minħabba li kien test qasir u jinsab fl-ewwel taqsima, jidher li ma kienx test daqstant ħafif għall-istudenti daqs l-impressjoni li tieħu mal-ewwel daqqa t’għajn. Sfortunatament dan ir-riżultat ma jistax jitqabbel ma’ tal-Ingliż għax fl-Ingliż ma kellhomx silta x’jaqraw. Dawn kellhom biss orarju, bis-suġġetti tal-ġurnata u orarju ieħor bl-attivitajiet li jkun hemm waqt il-*break*.

Sintendi, il-fatt li m'hemmx wisq affarijiet li l-istudent kellu jaqra dan jagħti vantaġġ kbir u fl-istess ħin nuqqas ta' konsistenza u ugwaljanza bejn il-karti.

Parti mid-diffikultà li tinsab fit-test tal-Malti huwa minħabba li kien hemm numru sostanzjali ta' kliem twil. F'test li kien fih total ta' mitejn u żewġ kelmiet, kien hemm tlieta u erbgħin kelma li kienu meqjusa bħala twal, skont il-kategorija tal-LIX *formula*. F'din it-taqsima ma jidhirx li kien hemm wisq kliem li deher għal aktar minn darba. Kien hemm biss *għaġina* li riedet tinqara mill-qarrej għal sitt darbiet u l-kelma *Maltija* li kellha tinqara għal tliet darbiet. Dan juri li ma kienx ser ikun hemm wisq alterazzjoni fit-riżultat li tat il-LIX *formula* għall-Malti.

Għalkemm il-karta tal-Ingliż kellha l-vantaġġ li l-ewwel taqsima tassew ma kinitx ser toffri sfida kbira għall-istudenti, it-tieni silta wkoll kienet waħda li ftit li xejn kienet ser titlob sforz kbir ta' qari min-naħa tal-istudenti. Id-diffikultà tal-ewwel parti tat-tieni taqsima tal-Ingliż kienet biss ta' 23.27, l-eħfef test li qatt ingħata fil-Benċmark. Ir-riżultat juri li dan kien test għat-tfal. It-test kien storja narrattiva bi spunt daqsxejn umoristiku u għalhekk, mal-ewwel daqqa t'għajn, wieħed faċilment jinnota li dan it-test kien ħafna aktar baxx mil-livell li għandhom ikunu mogħtija dawn l-istudenti. Mill-banda l-oħra, it-test tal-Malti kien bijografija dwar Mahatma Gandhi. Is-suġġetti nfushom ukoll jagħtuk x'tifhem li t-test tal-Ingliż iktar kien ser jiġbed il-gosti tal-istudenti filwaqt li tal-Malti kien ser ikun test li ma kienx ser jinżel daqstant tajjeb mat-tfal. Barra minn hekk, id-diffikultà kienet ferm ikbar minn tal-Ingliż għaliex il-livell tar-*readability* kien ta' 31.92. Fil-verità ma kienx test daqstant diffiċli iżda meta komparat mal-Ingliż, kien test inġust.

Minħabba d-diffikultà fit-test tal-Malti, huwa inevitabbli li jkun hemm aktar kliem twil fil-Malti milli kien hemm fl-Ingliż. Fil-Malti kien hemm total ta' tnejn u ħamsin kelma

twila filwaqt li fl-Ingliż kien hemm biss wieħed u tletin. Għalkemm fl-Ingliż kien hemm biss wieħed u tletin kelma twila, xorta waħda fit-test kien hemm kelma magħmula minn tnax-il ittra li kienet *salesmanship*. Dan in-numru kien assenti fil-Malti għaliex l-itwal kelma li kien hemm fit-test tal-Malti kienet ta' ħdax-il ittra li kienet *edukazzjoni*. Rigward il-frekwenza tal-kliem ma tantx nista' nikkummenta għaliex ftit kien hemm kliem li deher għal aktar minn darba u l-kelmiet li kienu repetuti, dehru biss għal darbtejn.

It-tieni parti tal-istess karta kienet kemxejn iktar diffiċli kemm fl-Ingliż kif ukoll fil-Malti. Dan huwa l-għan u l-iskop li l-istudenti jpoġġu għall-eżami tal-qari. Huwa importanti li d-diffikultà tkun gradata sabiex l-istudent jibda jsib gradwalment sfida u hekk, b'mod diskret, ikun qiegħed toħloq distinzjoni bejn min tassew kapaċi jikseb marka tajba u bejn min le. Jekk il-karta tkun waħda ħafifa żżejjed, din hija biss ta' detriment għall-istudent li jaħseb li l-eżami jkun ħafif wisq. Mill-banda l-oħra, jekk il-karta tkun tqila wisq, din imbagħad tkunx adekwata għall-istudenti ta' din l-età. Għal din il-parti jidher li l-eżaminaturi, gradwalment wasslu lill-istudenti għall-parti iktar diffiċli. Il-Malti kellha livell ta' *readability* ta' 34.63 u l-Ingliż kellu 29.92. Għalkemm jidhru li ż-żewġ testi ma tbegħdux wisq mill-ewwel parti, kien ikun aktar ideali kieku bħala diffikultà, dawn il-karti ġabu riżultat eqreb ta' qari.

Inkwantu għall-kliem twil, fil-Malti kien hemm marġinu żgħir iktar minn dan, iżda d-differenza mhix waħda preokkupanti għax fl-Ingiż kien hemm sebgħa u erbgħin kelma twila filwaqt li fil-Malti kien hemm erbgħa u ħamsin. Spunt li importanti li wieħed iqajjem huwa kemm kien twil il-kliem. Fil-Malti kien hemm preżenti kelma b'total ta' ħmistax-il ittra li kienet *internazzjonali.* Flimkien ma' din il-kelma, kien hemm ukoll kelma ta' tlettax-il ittra li kienet *reliġjonijiet.* Mal-ewwel daqqa t'għajn ma jidhirx li hija kwistjoni kbira li jkun hemm xi kliem twil, iżda meta mqabbel mal-fatt li fl-Ingliż li

ma kienx hemm kliem li huwa itwal tnax-il ittra, imbagħad hija storja differenti. Flimkien ma' dan kollu, għandu jkun meqjus ukoll il-frekwenza tal-kliem. Hawnhekk lanqas ma kien hemm spazju fejn il-karta tal-Malti tkun kemxejn eħfef għaliex kien hemm biss tliet kelmiet li huma repetuti fit-test, eżatt l-istess ammont li kien hemm fl-Ingliż.

Finalment, meta kienu magħduda l-karti kollha flimkien u ttieħdet il-medja tal-karta kollha, b'mod konklussiv juri biċ-ċar li l-Malti kien ferm itqal, primarjament minħabba l-ewwel taqsima. Il-Malti kellu livell ta' *readability* ta' 33.36 filwaqt li tal-Ingliż kien 26.6. Dan ir-riżultat mhux ta' min wieħed jinjorah għaliex id-differenza mhix waħda trivjali iżda li għandha tassew tittieħed bis-serjetà.

#### 4.6.2. L-eżami tal-Benċmark 2016, it-tieni sessjoni

La darba fl-ewwel sessjoni kien hemm l-ewwel taqsima kien hemm differenza kbira bejn il-karti, din id-differenza kienet preżenti wkoll fit-tieni sessjoni. Fl-Ingliż l-istudenti ma kellhomx wisq x'jaqraw għaliex kien orarju tal-lezzjonijiet tal-ġurnata u kellhom orarju ieħor bl-attivitajiet li jsiru wara l-ħin tal-iskola. Fil-Malti l-istudenti kellhom skeda ta' kif isir il-ġelat b'diffikultà ta' 38.32. Bħas-sena ta' qabel, din l-iskema kienet maqsuma f'sitt taqsimiet, bi stampa li setgħet tgħin lill-istudenti. Għalkemm l-istudenti kellhom stampa waħda ta' għajnuna, bħala test, xorta waħda kienet iktar diffiċli mill-ewwel sessjoni u għalhekk kien ikun aktar utli għalihom kieku t-test kien kemxejn eħfef. Dan it-test kien itqal ukoll għaliex kien jikkonsisti f'ammont ta' kliem twil li ma kienx preżenti qabel. F'din is-sessjoni, mhux biss kien hemm total ta' disgħa u ħamsin kelma twila iżda l-itwal kelma kienet ta' sittax-il ittra, li kienet *jippasturizzawha*. Kien hemm ukoll kliem ta' tnax-il ittra li kienu *supermarkits* u *jippumpjawha*. Dan it-tul ta' kliem ma kienx preżenti fl-ewwel sessjoni. Il-frekwenza

tal-kliem ma setgħetx ittaffi wisq id-diffikultà ta' dan it-test għax kien hemm biss erba' kelmiet repetuti li kienu: *taħlita* u *jagħqad* li dehru għal tliet darbiet, u *tankijiet* u *ingredjent* li dehru għal darbtejn.

L-ewwel parti tat-tieni taqsima, meta mqabbla mal-ewwel sessjoni, turi li fiż-żewġ lingwi kien mistenni aktar sforz min-naħa tal-istudenti għax bejn l-ewwel u t-tieni sessjoni kien hemm qabża mhux ħażin. B'mod preċiż, fl-Ingliż kien hemm qabża ta' 11.79 fil-livell tal-qari, jiġifieri l-istudenti kellhom jaqraw test li kien ta' 35.06 *readability* u fil-Malti saret qabża ta' 8.45, b'diffikultà ta' 40.37. Dan juri li t-test tal-Malti daħal fil-kategorija ta' test fattwali (Tillman & Hagberg, 2014). Rigward is-suġġett ttrattat fil-karti, dan kien simili għall-ewwel sessjoni għax fil-Malti kellhom bijografija ta' Nelson Mandela u fl-Ingliż kellhom storja narrattiva.

Waħda mill-fatturi fundamentali li wassal għal żieda fid-diffikultà tal-qari kien propju l-ammont ta' kliem twil li kien preżenti. Fl-Ingliż il-kliem twil żdied minn wieħed u tletin għal tmienja u ħamsin, li juri li kien hemm kważi d-doppju tal-kliem twil. Fil-Malti wkoll kien hemm qabża mhux ħażin għax minn tnejn u ħamsin, il-kliem twil tela' għal erbgħa u sebgħin. Meta ż-żewġ lingwi huma mqabbla flimkien, din ukoll turi ċertu differenza kbira li, ċertament, m'għandhiex tkun preżenti. Forsi l-ammont ta' kliem twil li kien hemm fil-Malti, jittaffa ftit bil-fattur li dawn il-kliem kienu kollha magħmula minn għaxar ittri jew inqas. Min-naħa l-oħra, l-Ingliż kellu kelma li kienet tikkonsisti fi tnax-il ittra li kienet *blackcurrant*. Fit-test kien hemm preżenti wkoll kliem ta' ħdax-il ittra li għal darb'oħra, dawn kienu assenti fil-Malti. Dawn il-kliem kienu *everlasting* u *uncertainly*. Din id-diffikultà tkompli tonqos meta jkun innotat li kien fiha ħafna kliem repetut. Fost dawn kien hemm l-isem *Harriet* li deher għal għaxar darbiet u l-kunjom *Armitage* li deher għal sitt darbiet fost oħrajn. Il-Malti wkoll ma kienx

nieqes minn dan il-kliem twil għaliex il-kunjom *Mandela* kien preżenti fit-test għal disa' darbiet.

Meta l-istudenti kellhom jimxu għat-tieni parti tal-istess taqsima, ma kellhomx isibu daqshekk diffikultà fil-qari, la għal Malti u lanqas għall-Ingliż Fl-Ingliż id-diffikultà naqset għal 22.81 filwaqt li l-Malti naqset għal 38.57. Għajr id-differenza kbira li hemm bejn iż-żewġ lingwi, li huwa indubjament inġust, ta' min jinnota wkoll li l-kategorija li waqgħet fiha din is-silta tal-Ingliż tiġi meqjusa bħala test għat-tfal. Din is-silta kienet aktar faċli mill-istess silta tal-ewwel sessjoni għaliex fl-ewwel sessjoni s-silta kienet ta' 29.92. Fil-Malti naraw jiġri kompletament l-oppost għaliex mhux biss is-silta kienet itqal mill-Ingliż iżda kienet ukoll itqal mill-ewwel sessjoni tal-Malti li ġabet riżultat ta' 34.25. Dan huwa fattur sfortuntat għaliex minflok nagħtu l-opportunità lill-istudenti jmorru tajjeb, qegħdin noħolqu distinzjoni mhux bejn iż-żewġ lingwi uffiċjali ta' Malta iżda fil-lingwa nfisha bejn karta u oħra.

Din id-distinzjoni tkompli tikber meta fil-Malti jidher li kien hemm total ta' sitta u sittin kelma twila filwaqt li fl-Ingliż kien hemm disa' u tletin. Barra minn hekk, fil-Malti kien hemm preżenti kliem ta' 'l fuq minn ħdax-il ittra bħal *gallettiniet, elezzjonijiet* u *jissapportjahom*. Madanakollu dan il-kliem twil ma kienx preżenti fl-Ingliż għaliex il-kliem tal-Ingliż kollu kien ħdax-il ittra jew inqas. Għalkemm jidher li l-Malti kien fih ħafna aktar kliem twil, ma jistax ma jissemmiex il-fatt li fit-test kien hemm il-kelma Mandela, il-kunjom li l-istudenti ltaqgħu miegħu fil-parti ta' qabel, li kien fit-test għal tlettax-il darba. Barra minn hekk, kien hemm ukoll *president* li dehret għal tliet darbiet u l-kliem *minnhom, pajjiżi* u *gwardjan* li kienu għal darbtejn. Manadankollu, dan il-vantaġġ kien jinsab ukoll fl-Ingliż għaliex l-isem Harriet, li wkoll deher fl-ewwel parti tal-istess taqisma, kien miktub fit-test għal sitt darbiet, flimkien mal-kunjom *Armitage* li deher għal erba' darbiet u l-kelma *machine* għal tlieta.

Minħabba li f'din is-sessjoni, il-Malti dejjem rajnieh iktar diffiċli mill-Ingliż, wieħed faċilment jista' jantiċipa r-riżultat bejn iż-żewġ lingwi. Fl-Ingliż tidher medja ta' 28.94 filwaqt li fil-Malti tidher medja ta' 32.13. Id-differenza fil-qari mhix waħda żgħira u parti minn dan id-distakk indubjament ġej mill-ewwel taqsima li kienet daqstant differenti u daqstant inġusta. Għall-istudenti li fl-aħħar mill-aħħar it-tnejn jitgħallmu dawn il-lingwi, hemm bżonn li tinħoloq riga retta li tigwida l-eżaminaturi  b'mod aktar ġust u ugwali.

### 4.6.3. Ħarsa ġenerali lejn 2016

Din is-sena, għall-Malti tidher żieda fit-tieni sessjoni f'kull taqsima, filwaqt li fl-Ingliż kellek it-tieni parti tat-tieni sessjoni li naqqset fi ftit. Huwa dan li ħalla lill-Malti fuq livell, aktar ogħli milli kien u lill-Ingliż li ogħla bi ftit. Sintendi, dan ikompli juri li hemm bżonn isir xi ħaġa mill-aktar fis. It-tabelli t'hawn taħt, juri b'mod viżiv, ġabra sħiħa tal-bidla li seħħet fil-karti. Il-garżelli l-ħodor juru l-okkorrenza meta l-karta tqalet filwaqt li l-garżella l-vjola turi meta t-test ħfief. Il-garżella l-bajda turi li fl-ewwel taqsima tal-Ingliż ma kienx hemm test x'jinqara. Wara t-tabelli r-riżultati huma ppreżentati b'mod iktar viżiv permezz ta' *graph*. Il-valuri mmarkati bl-aħdar juri l-karti tal-Malti, l-ewwel sessjoni (Malti 1) u t-tieni sessjoni (Malti 2) filwaqt li l-valuri l-blu huma l-ewwel sessjoni (Ingliż 1) u t-tieni sessjoni (Ingliż 2) tal-karti tal-Ingliż.

| **2016 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 33.91 | |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 31.92 | 23.27 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 34.25 | 29.92 |
| ***Il-Medja*** | **33.36** | **26.6** |

Ġunju 2016 – L-ewwel sessjoni

| **2016 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 38.32 | |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 40.37 | 35.06 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 38.51 | 22.81 |
| ***Il-Medja*** | **39.07** | **28.94** |

Ġunju 2016 – It-tieni sessjoni




## 4.7. Il-konklużjoni

Minn din l-analiżi jista' jkun innotat li hemm ħafna titjib li jista' jsir fil-karta, kemm f'ta l-Ingliż kif ukoll fil-Malti. Mhux biżżejjed li jinżamm biss l-istess *format* fil-karta iżda trid tinżamm ukoll l-istess diffikultà bejn sessjoni u oħra u bejn lingwa u oħra. Barra minn hekk, huwa fundamentali wkoll li s-suġġett tal-fehim il-qari ikun wieħed pjaċevoli

għall-istudenti. Mis-snin studjati, dejjem jidher li t-test tal-Ingliż kien wieħed aktar pjaċevoli għaliex ħafna drabi test jkun narrattiv filwaqt li tal-Malti jkun test fattwali. Li t-test ikun jattira lill-qarrej jew wieħed li jista' jiffamiljarizza ruħu miegħu, huwa ta' benefiċċju għall-istudenti (Sollars, 1987).

Spunt ieħor li nħareġ minn din l-analiżi kien il-gradazzjoni tal-karti. Ħafna drabi, l-ewwel taqsima dejjem tkun itqal mit-tieni. Dan mhux l-iskop li għalih ipoġġi l-istudent. Li tibda bit-tqil imbagħad ikompli bil-ħafif, iwassal lill-istudent li jaqta' qalbu minnufih. Minflok, jekk il-karta tinbeda b'test ħafif li mbagħad ikompli għal wieħed itqal, l-istudent ikun jista' jadatta ruħu aktar għal-lingwaġġ tal-karta kif ukoll għall-istil. L-għan aħħar m'għandux ikun biss li jkun eżaminat l-istudent iżda li l-istudent jagħraf il-kapaċitajiet tiegħu tal-qari.

# 5. Konklużjoni ġenerali u rakkomandazzjonijiet

Dan il-kapitlu ser jgħaqqad flimkien ir-riżultati miksuba minn din l-analiżi, flimkien ma' xi konklużjonijiet oħra li stajt nagħmel minn dan l-istudju. Finalment, ser ikun hemm xi rakkomandazzjonijiet rigward l-eżamijiet tal-Benċmark, kemm tal-Malti, kif ukoll tal-Ingliż, bl-għan li l-eżaminaturi jkollhom il-possibbiltà li jikkunsidraw dawn il-pariri waqt li jkunu qegħdin jagħmlu l-karti tal-eżamijiet.

Sabiex dan l-istudju seta' jseħħ, kien importanti li nara x'tip ta' *formulas* jeżistu attwalment, u jekk possibbli, liema waħda minnhom tapplika għall-Malti. Ingħatat ħarsa wkoll lejn studji grammatikali li saru minn divesi studjużi, kemm Maltin kif ukoll barranin bl-iskop li dan l-istudju jkun magħmul b'mod korrett. Ġew imfittxija wkoll xogħlijiet simili dwar is-suġġett tar-*readability* iżda fil-Malti nstabu biss żewġ xogħlijiet simili u t-tnejn kienu jitrattaw il-kotba tax-xjenza, li attwalment huma bl-Ingliż. Kien għalhekk li xtaqt nieħu approċċ differenti u din id-darba nieħu t-tieni lingwa uffiċjali ta' Malta li hija propju, il-Malti.

Wara li saret riċerka intensiva dwar il-*formulas* tal-Ingliż, mill-ewwel indunajt li kienet ser tkun sfida li l-Malti jinfilsa f'dawn il-*formulas* minħabba d-differenza bejn iż-żewġ lingwi. Kien għalhekk li kont ser insegwi l-passi ta' studju li għamilt u nipprova naddatta l-*Fry Readability Graph* għall-Malti. Dan stajt nagħmlu biss permezz ta' testi li huma tradotti kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Kien għalhekk li kont ser nagħmel użu mit-testi tal-PIRLS li propju jinsabu bil-Malti u bl-Ingliż iżda kif kien diskuss qabel, ħassejt li t-traduzzjoni mhix dejjem hija waħda ċara u hemm lok għal titjib f'dawn it-testi.

Dan wassalni għall-konklużjoni li mhux faċli li tislet *formula* li hija oriġinarjament magħmula għall-Ingliż u taddattaha għall-Malti. Sabiex dan ikun possibbli, huwa

essenzjali li t-traduzzjonijiet li jintużaw ikunu tradotti tajjeb sabiex ma jkunx hemm nuqqas ta' ftehim fit-testi. Preferibbalment, sabiex dan iseħħ, isir *back-to-back translation* jiġifieri li t-test jinqaleb mill-Ingliż għal Malti u t-test Malti li jkun tradott, jerġa' jiġi tradott għall-Ingliż. Jekk il-verżjoni tal-aħħar tal-Ingliż tkun tixbah ħafna, jew qrib tal-verżjoni oriġinali Ingliża, dan jirriżulta li t-traduzzjoni Maltija hija waħda tajba. Minħabba li ħassejt li dawn il-karti tal-PIRLS huma neqsin minn ċertu ċarezza fl-espressjoni kif ukoll it-traduzzjoni hemm lok fejn titjieb, ikkonkludejt li minix ser insegwi l-passi ta' Thonis. Għalhekk warrabt il-*Fry Readability Graph*.

Meta ġew studjati diversi *formulas*, instab li l-aktar *formula* adattata kienet propju l-*LIX formula*. Il-karti tal-Benċmark tal-Malti u tal-Ingliż kienu mgħoddija minn skrutinju kemm fuq livell xjentifiku kif ukoll fuq livell uman. Il-qofol ta' dan l-istudju jinsab fil-kapitlu tal-analiżi fejn mhux biss kienu diskussi r-riżultati tal-*formula* iżda kien ikkalkulat ukoll il-frekwenza tal-kliem kif ukoll l-ammont ta' ittri li kien fih il-kliem twil. Fl-istess kapitlu kienu mqabbla wkoll il-lingwi flimkien sabiex tinħoloq somiljanza jew differenza bejn il-karti, bl-għan li nkun nista' nikkonkludi kif dawn l-istudenti jistgħu jtejbu l-prestazzjoni tagħhom fl-eżami tal-qari tal-Benċmark.

### 5.1. Konklużjonijiet

L-iskop aħħari tal-eżami huwa li jagħti l-possibbiltà lill-istudenti li jikklassifikaw f'livell partikolari malli jidħlu fis-sekondarja. Madanakollu, il-Benċmark jista' jkun utli wkoll għall-istudenti fuq livell personali. L-istudent jista' jassessja lilu nnifsu fil-ħiliet tal-Malti u fejn huwa għandu bżonn jaħdem aktar sabiex itejjeb il-ħiliet tiegħu. Dan jista' jkun possibbli jekk ikun ippreparat tajjeb meta jpoġġi għall-eżami flimkien ma' eżami li huwa ta' livell xieraq għall-istudenti.

Kien għalhekk li f'din it-teżi kien investigat ir-*readability* tal-karti tas-sitt sena Primarja li l-istudenti jpoġġu għalihom fl-aħħar tas-sena. Il-qofol tat-teżi kien li jkunu mqabbla l-eżamijiet tal-Benċmark tal-Malti u tal-Ingliż bl-użu tal-LIX *formula*. Ma kinux biss ikkumparati ż-żewġ lingwi iżda kienu mqabbla wkoll l-ewwel sessjoni li l-istudenti jpoġġu għaliha mat-tieni sessjoni. L-iktar ħaġa sinifikanti li ħarġet b'mod ċar minn dan l-istudju huwa li l-Malti dejjem kien itqal mill-Ingliż kemm fl-ewwel, kif ukoll fit-tieni sessjoni. Id-distakk bejn iż-żewġ lingwi huwa tant kbir li, bla dubju, dan wassal biex l-istudenti sabu sfida ikbar fil-Malti.

Waqt dan l-istudju, kien innotat ukoll li t-tieni sessjoni tal-Malti dejjem tkun itqal mill-ewwel waħda. Dan kien riżultat li ma kienx mistenni minħabba li huwa rekwiżit li bejn l-ewwel u t-tieni sessjoni ma jkunx hemm daqstant differenza. L-unika darba fejn il-Malti deher eħfef fit-tieni sessjoni kien propju fl-2015. Din is-sena kienet waħda partikolari għaliex mhux biss ma kienx hemm wisq differenza bejn l-ewwel u t-tieni sessjoni tal-Malti, iżda wkoll ma kienx hemm distakk kbir bejn iż-żewġ lingwi. Kien innotat ukoll li din kienet l-unika sena li l-istudenti eċċellaw fil-Malti, b'medja tal-qari ta' 29.9 minn 30. Huwa għalhekk li jekk ikollok test li huwa raġonevoli fid-diffikultà tiegħu, l-istudenti jkollhom l-opportunità jmorru ferm aħjar.

Skont ma' kien miksub bil-LIX *formula*, l-eżami tal-Ingliż jidher iżomm l-istess livell minn sena għall-oħra. Il-karti tal-Ingliż dejjem kienu b'riżultat li jinsab bejn is-26.6 u 31.98 kemm għall-ewwel sessjoni kif ukoll għat-tieni sessjoni. Il-Malti mhux daqstant prevedibbli għaliex il-karti kollha jaqgħu fil-firxa ta' bejn 32.57 u 44.47. Din il-firxa ta' riżultati miksuba, minnha nfisha turi li l-Malti qatt ma kien eħfef mill-Ingliż. Barra minn hekk, xi drabi, il-Malti kien jaqbeż ukoll ir-riżultat ta' 40 bħala livell ta' *readability.* Dan

juri li xi testi jaqgħu fil-livell ta' test fattwali li, bla dubju, imorru lil hinn mill-ħiliet tal-istudenti ta' din l-età. Dawn ir-riżultati jistgħu jidhru b'mod viżiv f'din il-*graph*:




Il-karta tal-Malti tal-ewwel sessjoni hija rrappreżentata minn blu skur, fuq it-tabella mmarkat bħala Malti 1. L-ewwel sessjoni tal-Ingliż, immarkata bħala Ingliż 1, tinsab fit-tabella bħala l-kulur oranġjo. It-tieni sessjoni tal-Malti tinsab fit-tabella bil-kulur blu ċar, bil-konnotazzjoni ta' Malti 2, filwaqt li t-tieni sessjoni tal-Ingliż, li tidher fuq it-tabella bħala Ingliż 2, hija b'kulur isfar. Kif jidher ċar minn din il-*graph*, xi drabi l-Malti huwa superjuri għall-ħiliet tat-tfal, l-Ingliż xi drabi jidher li huwa wisq ħafif għall-istudenti għaliex skont Tillman u Hagberg (2014), bejn 25 u 30 *readability*, ikun test tat-tfal. Minħabba f'hekk huwa importanti li jistab bilanċ adekwat għal dawn iż-żewġ lingwi.

L-analiżi ma saritx biss b'mod kollettiv iżda qabelxejn, sar għal kull test li kien hemm fil-karti. Skont il-*LIX formula* jidher li, ħafna drabi, l-ewwel taqsima tal-Malti tkun ħafna itqal mit-tieni taqsima. Dan huwa fattur stramb, l-aktar meta, skont l-eżaminaturi stess, din il-karta tkun mogħtija b'mod gradat fejn l-istudenti jibdew minn dak li hu ħafif, u jimxu għal dak aktar tqil. Il-*graph* t'hawn taħt, turi l-medja tat-taqsimiet tal-karti tal-Malti. Il-kulur blu skur jirrappreżenta l-ewwel taqsima tal-ewwel sessjoni (M1T1) filwaqt li l-blu ċar jirrapreżenta it-tieni taqsima tal-istess sessjoni (M1T2). Għajr għall-2011 u l-2013, l-ewwel taqsima dejjem tidher aktar diffiċli b'mod speċjali fl-2012 u fl-2014. Il-qabża li hemm bejn dawn iż-żewġ taqsimiet hija waħda pjuttost konsiderevoli. Mill-banda l-oħra, fit-tieni sessjoni jidher li apparti fl-2016, l-ewwel taqsima (M2T1) hija dejjem aktar diffiċli mit-tieni taqsima (M2T2).



Fl-Ingliż ukoll jidher li din il-gradazzjoni bejn l-ewwel u t-tieni taqsima mhix daqstant segwita, l-aktar fl-ewwel sessjoni. Fl-ewwel sessjoni kienu l-karti tal-2011 u l-2015 li kellhom l-istruttura tal-karta fejn l-ewwel taqsima (I1T1) kienet eħfef mit-tieni taqsima (I2T2). Fl-2016 ma kienx hemm test x'jinqara u għalhekk il-valur mhux imniżżel. Mill-banda l-oħra, il-bqija tas-snin juru kif l-eżaminaturi tal-Ingliż ukoll mhumiex konxji ta' dan il-fattur u jidher li l-ewwel taqsima toffri iktar diffikultà lill-istudenti. Fit-tieni sessjoni wkoll jidher li xi drabi l-ewwel taqsima (I2T1) kienet itqal mit-tieni waħda (I2T2) u dan kien evidenti l-aktar fl-2012 u fl-2013. Il-bqija tas-snin l-oħra jidher li l-karta kienet imqassma aħjar għax l-ewwel taqsima kienet iktar faċli.




Matul dan l-istudju, sostnejt għal diversi drabi li fl-aħħar mill-aħħar, huma studenti li qegħdin ipoġġu għal dan l-eżami u għalhekk trid tara wkoll il-lat uman. Anderson u

Davison (1986) iddiskutew kemm huwa importanti li s-suġġett mogħti jkun jolqot il-gosti tal-istudenti u preferibbilment ikun suġġett li l-istudenti huma familjari miegħu iżda dan mhux dejjem il-każ. Fl-eżamijiet kien hemm diversi eżempji ta' dawn il-każijiet pereżempju fl-2016, is-suġġetti tal-fehim il-qari tal-Malti kienu dwar Mahatma Gandhi, għall-ewwel sessjoni, u dwar Nelson Mandela għat-tieni sessjoni. Għalkemm huwa suġġett interessanti, naħseb li ftit li xejn jolqot il-gosti tat-tfal. Fl-Ingliż ukoll ġieli kien hemm din l-okkorrenza bħall-2015 fejn l-istudenti kellhom blogg minn veterinarju għall-ewwel sessjoni u blogg minn kok għat-tieni sessjoni. Naħseb li ż-żewġ xogħlijiet setgħu jkunu aktar adatti għall-istudenti. Dan seta' jseħħ billi jingħataw blogg ta' għalliema jew ta' kap tal-iskola.

Waqt li kienet qiegħda tiġi applikata l-LIX għal dawn it-testi, xi drabi kien innotat kemm it-testi huma ta' ġeneru differenti minn suġġett għall-ieħor. Pereżempju fl-2016, l-istudenti fl-Ingliż kienu mogħtija test narrattiv filwaqt li fil-Malti kienu mogħtija bijografija ta' personaġġ. Sintendi, il-bijografija mhix ser tattira lill-istudenti daqs storja narrattiva, li kienet ukoll xi ftit umoristika. Huwa għalhekk li s-suġġett ukoll għandu jingħata importanza sabiex il-karti jkunu jolqtu aktar il-gosti tat-tfal.

Waqt li kont qiegħda nagħmel dan l-istudju, kien innotat kemm xi drabi dawn it-testi huma twal. Bla dubju dan ikun jirrikjedi aktar ħin biex l-istudent jaqra t-test, iżda l-ħin mogħti lill-istudenti huwa pjuttost limitat meta wieħed iqis li l-karta fiha tliet testi x'jinqraw u erba' sezzjonijiet ta' mistoqsijiet li l-istudenti għandhom iwieġbu. Kemm huwa realistiku għall-istudent li jagħmel dan f'ħamsin minuta? Sfortunatament, il-ħin abbinat mal-karta huwa limitat wisq, l-aktar għal studenti tal-età ta' għaxar snin. Ma' dan wieħed għandu jinkludi wkoll li mhux l-istudenti kollha jkollhom l-abbiltà li jaqraw il-Malti b'mod mgħaġġel u għalhekk il-ħin ma jagħtix spazju lil dawn l-istudenti li jmorru tajjeb fil-fehim il-qari.

## 5.2. Rakkomandazzjonijiet

Dan l-istudju wera li l-karti tal-Benċmark mhux dejjem huma adekwati għall-istudenti tas-sitt sena. L-eżaminaturi jisħqu wkoll li dawn il-karti huma magħmula sabiex jagħtu d-diffikultà b'mod gradat, iżda dan l-istudju wera xort'oħra. Huwa minħabba f'hekk li l-istudenti qegħdin isibu sfida fil-fehim il-qari. Meta l-istudenti kienu mogħtija testi li huma addattati għall-età tagħhom fl-2015, l-istudenti eċċellaw u tassew marru tajjeb fl-eżami tal-qari bil-Malti. Minħabba f'hekk, ikun ideali li test ikollu diffikultà ta' bejn it-30 u l-35 meta maħdum bil-LIX *formula*. Dan għandu jkun jgħodd kemm għall-Ingliż kif ukoll għall-Malti. Apparti l-LIX *formula* għandha wkoll tingħata ħarsa lejn il-kliem innifsu. Għalkemm test faċilment ikollu kliem tqil, tajjeb li dan il-kliem ikunu familjari miegħu l-istudenti u ma jkunx eċċessivament twil. Jekk l-eżaminaturi jagħtu kas aktar ta' dawn l-affarijiet, dan ukoll jista' jwassal għal titjieb fir-*readability*.

Ħaġa oħra li tkun utli ferm għall-istudenti hija s-suġġett li jingħataw. Dan mhux biss għandu jkun jattira lill-istudenti iżda t-test bejn il-lingwi għandu jkun simili jew jitratta l-istess suġġett. Hawnhekk hu fejn jidħol il-fattur li l-eżaminaturi għandhom bżonn jibdew jaħdmu aktar id f'id biex b'hekk ikun hemm aktar konsistenza fil-karti tal-eżami. Din hija pedagoġija li qegħdin jisħqu ħafna fuq d-Dipartiment tal-Edukazzjoni u għalhekk ikun ideali li dan nibdew narawh ukoll fil-karti tal-eżami (Ministry, 2012a). Dan mhux biss ikun ta' għajnuna għall-istudenti iżda wkoll lill-eżaminaturi nfushom li jkun aktar faċli għalihom għaliex jaqsmu l-ideat flimkien għal benefiċċju tal-istudenti.

Apparti l-eżaminaturi, din il-*formula* għandha tibda tkun użata wkoll mill-għalliema. Għalkemm l-istudenti jersqu għall-eżami, dan m'għandux ikun l-għan aħħari tal-għalliema. Huwa fundamentali li l-istudenti jibdew ikunu mogħtija testi adekwati tal-

fehim il-qari fil-klassi wkoll. Il-LIX *formula* mhux biss tista' titfa' dawl fuq test addattat skont is-sena li jinsabu fiha l-istudenti iżda wkoll skont il-livell tagħhom. Hekk biss it-tfal jistgħu jibdew ikunu mħajra aktar biex jaqraw u mhux jaraw il-qari bħala xi ħaġa tedjanti jew xi ħaġa li trid issir bilfors. Sabiex l-istudenti tassew jibda jmur tajjeb, għandha bżonn tibda tikber l-imħabba lejn il-qari u dan jista' jseħħ biss jekk it-tagħlim ikun aktar attraenti u tassew addattat.

L-analiżi minnha nnfisha turi li mhux lakemm wieħed jaqta' linja u sempliċiment jistrieħ fuq *formula* xjentifika sabiex, b'mod konvenjenti, insiru nafu liema karta kienet l-itqal għaliex il-*formula* fiha l-limitazzjonijiet tagħha. Fost dawn il-limitazzjonijiet, wieħed isemmi l-fattur li l-*formula* ma tiddistingwix bejn il-kliem twal. Jekk kelma fiha seba' ittri, din hija meqjusa bħala kelma twila iżda kelma li fiha sbatax-il ittra, din definittivament hija aktar diffiċli għall-qarrej sabiex jaqraha. Il-LIX *formula* tevita milli titratta wkoll dawk il-kliem li huma repetuti fis-silta li dawn bla dubju jħallu effett fuq il-valur tar-*readability*. Barra minn hekk, il-*formula* tonqos ukoll milli tikkunsidra l-kumplessità grammatikali li tinsab fil-lingwa li tvarja minn lingwa għal oħra.

Finalment, huwa evidenti wkoll li l-eżami huwa kontinwament ġlieda kontra l-ħin. li taqra tliet testi għal darbtejn f'ħamsin minuta u saħansitra twieġeb il-mistoqsijiet dwarhom, mhux biss titfa' lill-istudent taħt pressjoni inneċessarja iżda wkoll twassal għal xogħol li mhux neċessarjament huwa tajjeb. Kieku l-istudenti jkunu mogħtija siegħa minflok ħamsin minuta, f'dawk l-għaxar minuti mhux biss l-istudenti ikun jista' jkun iktar rilassat iżda aktarx li jkollu wkoll ċans li jiċċekkja xogħlu.

Mhux faċli li fis-sistema edukattiva tinfilsa metodu ġdid ta' kif għandha tkun imkejla d-diffikultà tal-qari iżda, fl-aħħar mill-aħħar, huwa fundamentali li l-istudent ma sseħħx inġustizzja miegħu. L-għan ta' dan l-istudju kien propju sabiex l-istudent itejjeb il-

prestazzjoni tiegħu fil-Benċmark u f'eżamijiet oħra tal-qari iżda għad hemm ħafna aktar ħidma li tista' ssir f'dan ir-rigward. Għalkemm dan l-istudju sar fuq l-eżamijiet tal-Benċmark, l-istess test jista' wkoll isir fuq il-kotba li l-istudenti jużaw fl-iskola sabiex hawnhekk ukoll ikun magħruf jekk dawn humiex adekwati għall-istudenti. Aktar studju jista' jsir ukoll fuq il-karti tal-PIRLS billi ssir *back-to-back translation* u hekk ikun magħruf jekk dawn kinux tassew imparzjali favur il-lingwa Ingliża. Permezz ta' din il-*back-to-back translation* imbagħad tkun tista' tinħoloq ukoll adattatament tal-*Fry Readability Graph*. Din it-teżi mhux biss tefgħet dawl fuq l-eżami tal-Benċmark iżda wkoll fetħet opportunitajiet għal studji oħra fil-Malti li s'issa kienu għadhom impossibbli li jsiru.

# 6. <u>Appendiċi 1: Riżultati miksuba bil-LIX *formula*</u>

## 6.1. L-eżami tal-Benċmark 2011

| **2011 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 32.37 | 24.18 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 40.22 | 29.39 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 30 | 34.24 |
| It-tieni taqsima (It-tielet parti) | | 38.34 |
| **Il-Medja** | **34.2** | **31.53** |

Ġunju 2011 – L-ewwel sessjoni

| **2011 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 41.19 | 23.31 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 31.88 | 24.5 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 30.02 | 29.46 |
| It-tieni taqsima (It-tielet parti) | | 36.24 |
| **Il-Medja** | **34.36** | **28.37** |

Ġunju 2011 – It-tieni sessjoni

## 6.2. L-eżami tal-Benċmark 2012

| 2012 S1 | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 47.84 | 32.72 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 32.35 | 33.63 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 34.33 | 25.18 |
| **Il-Medja** | **38.17** | **30.51** |

Ġunju 2012 – L-ewwel sessjoni

| 2012 S2 | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 41.02 | 32.4 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 38.21 | 30.9 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 37.97 | 25.29 |
| **Il-Medja** | **39.2** | **29.53** |

Ġunju 2012 – It-tieni sessjoni

## 6.3. L-eżami tal-Benċmark 2013

| **2013 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 34.24 | 29.22 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 30.24 | 27.4 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 39.63 | 29.81 |
| **Il-Medja** | **34.7** | **28.81** |

Ġunju 2013 – L-ewwel sessjoni

| **2013 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 37.19 | 34.12 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 35.7 | 29.49 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 32.65 | 32.33 |
| **Il-Medja** | **35.18** | **31.98** |

Ġunju 2013 – It-tieni sessjoni

### 6.4. L-eżami tal-Benċmark 2014

| **2014 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 43 | 31.49 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 28.64 | 23.32 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 30.94 | 32.99 |
| **Il-Medja** | **34.19** | **29.27** |

Ġunju 2014 – L-ewwel sessjoni

| **2014 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 38.6 | 19.61 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 33.38 | 36.95 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 35.30 | 35.56 |
| **Il-Medja** | **35.76** | **30.71** |

Ġunju 2014 – It-tieni sessjoni

## 6.5. L-eżami tal-Benċmark 2015

| **2015 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 35.93 | 26.74 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 31.97 | 34.32 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 29.81 | 28.36 |
| **Il-Medja** | **32.57** | **29.81** |

Ġunju 2015 – L-ewwel sessjoni

| **2015 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 34.7 | 24.23 |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 33.15 | 32.05 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 28.55 | 37.25 |
| **Il-Medja** | **32.13** | **31.18** |

Ġunju 2015 – It-tieni sessjoni

## 6.6. L-eżami tal-Benċmark 2016

| **2016 S1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 33.91 | |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 31.92 | 23.27 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 34.25 | 29.92 |
| **Il-Medja** | **33.36** | **26.6** |

Ġunju 2016 – L-ewwel sessjoni

| **2016 S2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| L-ewwel taqsima | 38.32 | |
| It-tieni taqsima (L-ewwel parti) | 40.37 | 35.06 |
| It-tieni taqsima (It-tieni parti) | 38.51 | 22.81 |
| **Il-Medja** | **39.07** | **28.94** |

Ġunju 2016 – It-tieni sessjoni

# 7. Appendiċi 2: Numru ta' kliem twil

## 7.1. L-eżami tal-Benċmark 2011

| **2011 S1T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 8 | 11 |
| 8 ittri | 10 | 1 |
| 9 ittri | 2 | 4 |
| 10 ittri | 3 | 1 |
| 11-il ittra | 2 | 2 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| 13-il ittra | 2 | 0 |
| 14-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 28 | 19 |

L-ewwel Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2011 S1T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 30 | 19 |
| 8 ittri | 14 | 8 |
| 9 ittri | 6 | 3 |
| 10 ittri | 3 | 2 |
| 11-il ittra | 1 | 0 |
| 12-il ittra | 0 | 2 |
| 13-il ittra | 0 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 54 | 35 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (L-ewwel parti)

| **2011 S1T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 28 | 26 |
| 8 ittri | 14 | 13 |
| 9 ittri | 6 | 3 |
| 10 ittri | 4 | 1 |
| 11-il ittra | 1 | 0 |
| 12-il ittra | 0 | 1 |
| 13-il ittra | 0 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 1 |
| 15-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 54 | 45 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (It-tieni parti)

| **2011 S1T2.3** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 0 | 18 |
| 8 ittri | 0 | 16 |
| 9 ittri | 0 | 7 |
| 10 ittri | 0 | 1 |
| 11-il ittra | 0 | 2 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 1 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 0 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 0 | 46 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (It-tielet parti)

| **2011 S2T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 7 | 5 |
| 8 ittri | 6 | 3 |
| 9 ittri | 2 | 3 |
| 10 ittri | 0 | 1 |
| 11-il ittra | 0 | 2 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 16 | 14 |

It-tieni Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2011 S2T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 27 | 10 |
| 8 ittri | 10 | 5 |
| 9 ittri | 5 | 3 |
| 10 ittri | 3 | 3 |
| 11-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 46 | 21 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2011 S2T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 7 | 5 |
| 8 ittri | 6 | 3 |
| 9 ittri | 2 | 3 |
| 10 ittri | 0 | 1 |
| 11-il ittra | 0 | 2 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 16 | 14 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (It-tieni parti)

| **2011 S2T2.3** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 0 | 20 |
| 8 ittri | 0 | 18 |
| 9 ittri | 0 | 11 |
| 10 ittri | 0 | 7 |
| 11-il ittra | 0 | 0 |
| 12-il ittra | 0 | 2 |
| 13-il ittra | 0 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 0 | 59 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (It-tielet parti)

### 7.2. L-eżami tal-Benċmark 2012

| **2012 S1T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 33 | 12 |
| 8 ittri | 22 | 15 |
| 9 ittri | 6 | 5 |
| 10 ittri | 4 | 0 |
| 11-il ittra | 2 | 5 |
| 12-il ittra | 0 | 1 |
| 13-il ittra | 2 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 70 | 40 |

L-ewwel Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **<u>2012 S1T2.1</u>** | <u>Malti</u> | <u>Ingliż</u> |
|---|---|---|
| 7 ittri | 28 | 26 |
| 8 ittri | 15 | 6 |
| 9 ittri | 7 | 8 |
| 10 ittri | 4 | 3 |
| 11-il ittra | 0 | 3 |
| 12-il ittra | 0 | 1 |
| 13-il ittra | 0 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 54 | 48 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **<u>2012 S1T2.2</u>** | <u>Malti</u> | <u>Ingliż</u> |
|---|---|---|
| 7 ittri | 23 | 19 |
| 8 ittri | 18 | 11 |
| 9 ittri | 4 | 7 |
| 10 ittri | 5 | 3 |
| 11-il ittra | 1 | 4 |
| 12-il ittra | 0 | 1 |
| 13-il ittra | 2 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 53 | 45 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

| **2012 S2T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 14 | 8 |
| 8 ittri | 9 | 6 |
| 9 ittri | 4 | 2 |
| 10 ittri | 6 | 3 |
| 11-il ittra | 3 | 4 |
| 12-il ittra | 1 | 1 |
| 13-il ittra | 2 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 2 | 0 |
| 16-il ittra | 0 | 0 |
| 17-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 42 | 24 |

It-tieni Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2012 S2T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 24 | 16 |
| 8 ittri | 20 | 7 |
| 9 ittri | 7 | 13 |
| 10 ittri | 7 | 3 |
| 11-il ittra | 3 | 4 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 62 | 43 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| 2012 S2T2.2 | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 20 | 15 |
| 8 ittri | 8 | 5 |
| 9 ittri | 10 | 6 |
| 10 ittri | 9 | 5 |
| 11-il ittra | 0 | 0 |
| 12-il ittra | 1 | 0 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 49 | 31 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

## 7.3. L-eżami tal-Benċmark 2013

| 2013 S1T1 | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 8 | 10 |
| 8 ittri | 9 | 9 |
| 9 ittri | 7 | 5 |
| 10 ittri | 5 | 4 |
| 11-il ittra | 1 | 2 |
| 12-il ittra | 3 | 1 |
| 13-il ittra | 0 | 1 |
| 14-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 34 | 32 |

L-ewwel Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2013 S1T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 16 | 18 |
| 8 ittri | 18 | 5 |
| 9 ittri | 7 | 4 |
| 10 ittri | 3 | 5 |
| 11-il ittra | 3 | 1 |
| 12-il ittra | 3 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 0 | 0 |
| 16-il ittra | 0 | 0 |
| 17-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 52 | 33 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2013 S1T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 21 | 19 |
| 8 ittri | 24 | 11 |
| 9 ittri | 19 | 6 |
| 10 ittri | 4 | 2 |
| 11-il ittra | 2 | 1 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 70 | 40 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (It-tieni parti)

| **2013 S2T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 10 | 24 |
| 8 ittri | 7 | 11 |
| 9 ittri | 4 | 11 |
| 10 ittri | 10 | 1 |
| 11-il ittra | 0 | 6 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 32 | 53 |

It-tieni Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2013 S2T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 28 | 20 |
| 8 ittri | 17 | 7 |
| 9 ittri | 11 | 5 |
| 10 ittri | 1 | 5 |
| 11-il ittra | 2 | 2 |
| Total ta' kliem twil | 59 | 39 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2013 S2T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 24 | 15 |
| 8 ittri | 12 | 15 |
| 9 ittri | 6 | 5 |
| 10 ittri | 7 | 10 |
| 11-il ittra | 9 | 2 |
| 12-il ittra | 0 | 2 |
| 13-il ittra | 1 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 59 | 50 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

### 7.4. L-eżami tal-Benċmark 2014

| **2014 S1T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 20 | 13 |
| 8 ittri | 20 | 13 |
| 9 ittri | 14 | 5 |
| 10 ittri | 3 | 2 |
| 11-il ittra | 5 | 3 |
| 12-il ittra | 0 | 0 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 63 | 36 |

L-ewwel Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2014 S1T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 14 | 3 |
| 8 ittri | 19 | 6 |
| 9 ittri | 4 | 5 |
| 10 ittri | 2 | 1 |
| 11-il ittra | 2 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 41 | 16 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2014 S1T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 14 | 24 |
| 8 ittri | 26 | 18 |
| 9 ittri | 8 | 15 |
| 10 ittri | 4 | 7 |
| 11-il ittra | 1 | 3 |
| 12-il ittra | 2 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 55 | 68 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

| **2014 S2T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 13 | 11 |
| 8 ittri | 18 | 7 |
| 9 ittri | 8 | 2 |
| 10 ittri | 3 | 1 |
| 11-il ittra | 4 | 0 |
| 12-il ittra | 1 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 1 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 48 | 22 |

It-tieni Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2014 S2T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 46 | 29 |
| 8 ittri | 14 | 7 |
| 9 ittri | 14 | 0 |
| 10 ittri | 2 | 4 |
| 11-il ittra | 2 | 1 |
| 12-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 79 | 41 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2014 S2T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 32 | 47 |
| 8 ittri | 10 | 12 |
| 9 ittri | 9 | 10 |
| 10 ittri | 3 | 6 |
| 11-il ittra | 3 | 0 |
| 12-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 58 | 75 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

### 7.5. L-eżami tal-Benċmark 2015

| **2015 S1T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 16 | 15 |
| 8 ittri | 12 | 5 |
| 9 ittri | 3 | 6 |
| 10 ittri | 7 | 2 |
| 11-il ittra | 1 | 1 |
| 12-il ittra | 1 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 0 | 0 |
| 16-il ittra | 0 | 1 |
| 17-il ittra | 0 | 0 |
| 18-il ittra | 0 | 0 |
| 19-il ittra | 0 | 0 |
| 20 ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 41 | 30 |

L-ewwel Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2015 S1T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 34 | 30 |
| 8 ittri | 20 | 9 |
| 9 ittri | 5 | 6 |
| 10 ittri | 2 | 2 |
| 11-il ittra | 2 | 0 |
| 12-il ittra | 0 | 3 |
| Total ta' kliem twil | 63 | 50 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2015 S1T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 21 | 14 |
| 8 ittri | 16 | 10 |
| 9 ittri | 5 | 3 |
| 10 ittri | 3 | 1 |
| 11-il ittra | 1 | 0 |
| 12-il ittra | 1 | 4 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 48 | 32 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

| **2015 S2T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 14 | 7 |
| 8 ittri | 14 | 11 |
| 9 ittri | 3 | 5 |
| 10 ittri | 1 | 4 |
| 11-il ittra | 1 | 0 |
| 12-il ittra | 2 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 0 | 0 |
| 16-il ittra | 0 | 0 |
| 17-il ittra | 0 | 0 |
| 18-il ittra | 0 | 0 |
| 19-il ittra | 0 | 0 |
| 20 ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 36 | 27 |

It-tieni Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| 2015 S2T2.1 | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 21 | 18 |
| 8 ittri | 18 | 9 |
| 9 ittri | 5 | 6 |
| 10 ittri | 8 | 5 |
| Total ta' kliem twil | 38 | 52 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| 2015 S2T2.2 | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 22 | 21 |
| 8 ittri | 15 | 14 |
| 9 ittri | 3 | 8 |
| 10 ittri | 5 | 5 |
| 11-il ittra | 1 | 2 |
| Total ta' kliem twil | 46 | 50 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

### 7.6. L-eżami tal-Benċmark 2016

| 2016 S1T1 | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 24 | 0 |
| 8 ittri | 14 | 0 |
| 9 ittri | 3 | 0 |
| 10 ittri | 1 | 0 |
| 11-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 43 | 0 |

L-ewwel Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2016 S1T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 22 | 1 |
| 8 ittri | 22 | 3 |
| 9 ittri | 6 | 7 |
| 10 ittri | 1 | 5 |
| 11-il ittra | 1 | 0 |
| 12-il ittra | 0 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 52 | 31 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2016 S1T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 26 | 14 |
| 8 ittri | 18 | 11 |
| 9 ittri | 2 | 14 |
| 10 ittri | 6 | 4 |
| 11-il ittra | 0 | 3 |
| 12-il ittra | 0 | 1 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 54 | 47 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

| **2016 S2T1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 23 | 0 |
| 8 ittri | 12 | 0 |
| 9 ittri | 11 | 0 |
| 10 ittri | 6 | 0 |
| 11-il ittra | 4 | 0 |
| 12-il ittra | 2 | 0 |
| 13-il ittra | 0 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 0 | 0 |
| 16-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 59 | 0 |

It-tieni Sessjoni – L-ewwel Taqsima

| **2016 S2T2.1** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 38 | 26 |
| 8 ittri | 24 | 19 |
| 9 ittri | 5 | 4 |
| 10 ittri | 7 | 6 |
| 11-il ittra | 0 | 2 |
| 12-il ittra | 0 | 1 |
| Total ta' kliem twil | 74 | 58 |

L-ewwel Sessjoni – It-tieni Taqsima (l-ewwel parti)

| **2016 S2T2.2** | Malti | Ingliż |
|---|---|---|
| 7 ittri | 35 | 22 |
| 8 ittri | 16 | 13 |
| 9 ittri | 8 | 2 |
| 10 ittri | 3 | 1 |
| 11-il ittra | 1 | 1 |
| 12-il ittra | 1 | 0 |
| 13-il ittra | 1 | 0 |
| 14-il ittra | 0 | 0 |
| 15-il ittra | 1 | 0 |
| Total ta' kliem twil | 66 | 39 |

It-tieni Sessjoni – It-tieni Taqsima (it-tieni parti)

# 8. Appendiċi Ċ: Il-Karti tal-eżami

## 8.1. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2011

### 8.1.1. L-ewwel sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dan il-programm u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**PROGRAMM TA' FIERA KBIRA**
**F'JUM ĦAŻ-ŻARŻUR**
**ORGANIZZATA MILL-KUNSILL LOKALI**

| | |
|---|---|
| Fid-9·00 AM | Diskors tal-ftuħ mis-Sindku tal-Kunsill Lokali. |
| Fid-9·30 AM | Varjetà ta' kant u żfin fuq il-palk prinċipali minn kantanti popolari Maltin. |
| Fin-12·30 PM | Wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. |
| Fis-1·00 PM | Dħul fil-pjazza ta' karozzi u muturi antiki użati fi żmien il-gwerra. Wara l-pubbliku jkun jista' jdur magħhom u jieħu xi ritratti. |
| Fis-2·30 PM | Ftuħ ta' wirja bi tpinġijiet tat-tfal. Fl-aħħar tal-fiera, it-tpinġijiet ser ikunu għall-bejgħ u l-qligħ imur b'risq id-dar tal-anzjani tar-raħal. |
| Fl-4·00 PM | Preżentazzjoni ta' ċertifikati u trofej mill-President ta' Malta lit-tfal rebbieħa tal-kompetizzjoni tat-tpinġija. |
| Fil-4·45 PM | Għeluq tal-fiera. |

**Matul il-jum kollu ser ikun hemm bejgħ ta':**



**Ħwawar tal-borma**



**Pjanti ta' ġewwa**

**Ikel u ħelu tradizzjonali Malti**

**KULĦADD HUWA MISTIEDEN LI JATTENDI**

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

# IT-TISLIMA

***L-Ewwel Parti***



Kien għad fadal l-aħħar kwarta biex iddoqq dik l-imbierka ta' qanpiena. Kulħadd kien qiegħed ***jistennieha fuq ix-xwiek*** għaliex kienet tfisser ġimagħtejn vaganzi tal-Għid. Xi tifel imqarqaċ beda jżerżaq fil-basket il-kotba li kellu fuq il-bank, dejjem bil-moħbi tal-għalliem. U dan kollu biex, malli ddoqq, ikun minn ta' quddiem li jispara 'l barra mill-klassi. *(par.1)*

"Tfal, qabel nispiċċaw nixtieq ngħidilkom xi ħaġa tal-aħħar," instema' jirbombja leħen is-Sur Borg li ħasad lil xi studenti li f'moħħhom bdew ifasslu programmi sħaħ għall-vaganzi. "Nixtieqkom tagħtu ċapċipa ta' tislima lil seħibna Shaun li għalih illum huwa l-aħħar jum fl-iskola tagħna. Kif tafu, wara l-vaganzi, huwa ser jibda jattendi skola ġdida fil-lokalità fejn sejjer joqgħod mal-familja tiegħu." Minnufih il-klassi kollha nfexxet f'applaws kbir. *(par.2)*

Claire u Ryan, il-ħbieb tal-qalb ta' Shaun, qamu minn posthom u resqu lejh għax kien mifxul waħda sewwa. Claire taptpitlu tnejn fuq dahru filwaqt li f'isem il-klassi stednitu biex jibqgħu jiltaqgħu. "Isma', wara kollox, Malta ser tibqa' u dejjem hemm it-telefown u l-*Facebook*," aċċertah Ryan, filwaqt li ħares lejn Shaun li kellu għajnejh mimlija dmugħ. Fil-ħin daqqet il-qanpiena u kulħadd nesa kollox. L-istudenti qabdu triqthom lejn darhom biex igawdu l-libertà li jġibu l-vaganzi! *(par.3)*

**Kompli aqra l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

## IT-TISLIMA

***It-Tieni Parti***

Fi triqtu lura lejn id-dar, Shaun ma kienx jaf minn fejn hu għaddej. Saqajh kienu mexjin waħidhom għaliex moħħu beda jhewden fuq it-tifkiriet sbieħ li kellu ta' din l-iskola u ta' ħbiebu. Beda jġib quddiem għajnejh il-gost li ħadu hu u Claire dakinhar li ħadu magħhom il-klieb għat-tberik tal-annimali. Ftakar ukoll fid-dawra bl-ajruplan sa Sqallija li organizzatilhom il-Kap tal-Iskola. Żgur li mhux se jinsa l-eċċitament li qabdu hu u tiela' fl-ajruplan! *(par.4)*

Imma l-aktar li ser jibqa' jgħożż hija t-tifkira ta' meta t-tim tal-futbol tal-klassi tas-sena l-oħra rebaħ it-tazza tal-iskola. Kemm qabżu meta rebħuha! Bdew ġejjin f'moħħu l-mumenti sbieħ ta' dik il-logħba u beda jisma' f'widnejh il-kumplimenti ta' sħabu u tas-Sur Portelli, il-kowċ tat-tim. Reġa' ħaseb fuq il-ġmiel ta' gowl li skorja! Dakinhar ġie waħdu quddiem il-gowler wara li għaddielu l-ballun Ryan. Fil-pront fajjar xutt bil-lemin li baqa' dieħel dritt fix-xibka. *(par.5)*



Taħt il-bankina Shaun lemaħ bott vojt tal-piżelli. Bla ma jaf kif siequ l-leminija ħarġet fil-pront u bumm! Il-bott qabad jitgerbeb bis-saħħa sakemm waqaf zoptu mar-roti ta' wara ta' trakk aħmar li kien hemm wieqaf. "Eħħ! Shaun, hekk irid dak iż-żarbun il-ġdid! Issa ejja għidli li tqatta' ta..." sema' l-leħen t'ommu. Shaun inħasad u ġie f'sensih minnufih. "Qis li titla' malajr fuq u tbiddel dik l-uniformi; ilna nofs siegħa nistennewk jien u missierek. Niżżel kollox miegħek u stenniena fil-karozza għax dalwaqt irridu nitilqu. Isa, ħaffef," ordnatlu ommu bil-ħatfa. *(par.6)*

***B'geddumu mdendel sal-art***, Shaun tela' t-taraġ waħda waħda u kontra qalbu għamel dak li talbitu ommu. Ftit ħin wara, Shaun sab ruħu bilqiegħda fuq wara tal-karozza tagħhom, b'gozz basktijiet f'ħoġru, kemm kemm seta' jdawwar rasu. Hekk kif missieru startja l-karozza, Shaun ħares kif seta' għall-aħħar darba lejn id-dar li tant kienet għal qalbu u minn taħt l-ilsien lissen 'ċaw', filwaqt li ħass qalbu tingħafas. *(par.7)*

**Reading Comprehension 1**

**Read carefully.**

Mandy, Emma and Mark are at a library. They want to choose books to read from the different sections of the library.










**Look at the library sections on the next page.**

**Write the letters of the library sections that match their reading preferences.**

**(6 marks)**

| **Reading Preferences** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Mandy** | | **Emma** | | **Mark** | |
| **Example: people's lives** | **B** | | | | |
| past events | | imaginative stories about future worlds | | detective stories | |
| netball | | the sun and the planets | | the Romans | |
| crafts | | things to make and do | | famous paintings | |
| theatre | | poems | | the life story of famous people | |

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the following comprehension passage which is divided into 3 sections to help you. THEN ANSWER THE QUESTIONS THAT FOLLOW EACH SECTION.**

**Bicycles**



**SECTION 1** Today, bicycles are very common. It's hard to believe they haven't always been around. In fact two hundred and twenty years ago, bicycles didn't even exist. The first machine that looked like a bicycle was built around 1790 in France. It was very different from our bicycles today. It was made of wood and it didn't even have pedals. Since then, however, many changes and improvements have been made. **(paragraph 1)**

In 1839, Kirkpatrick Macmillan, a Scottish blacksmith, made great improvements on the original bicycle design. Macmillan's machine had tyres with iron rims to keep them from getting worn down. He also added pedals so the rider could ride the bicycle at a quick pace. It didn't look much like a modern bicycle, though, because its back wheel was larger than its front wheel. **(paragraph 2)**

In 1871, James Starley, an English inventor, revolutionized bicycle design. He made great changes by making the front wheel many times larger than the back wheel. He put a gear on the pedals to make the bicycle work better. He also lightened the wheels by using wire spokes. This bicycle was much lighter and less tiring to ride but it was still clumsy. **(paragraph 3)**

**Questions on Section 1** **(6½ marks)**

1. In which year was the first bicycle made? ……………………… *(½ mark)*

2. a) Which **word** in **paragraph 1** is **the opposite of the same**? ……………….. *(½ mark)*
   b) Which **word** in **paragraph 1** means **changes for the better**? …………….. *(½ mark)*
   c) Which **paragraph** tells us about **the original bicycle**? ……………….. *(½ mark)*

3. Name TWO things that the blacksmith added to the bicycle. *(½ mark each)*

   a) ………………………………………. b) ……………………………………….

4. Why did Macmillan add pedals to the bicycle? *(½ mark)*

   ……………………………………………………………………………………...

5. How was Macmillan's bicycle different from the modern bicycle? *(1 mark)*

   ……………………………………………………………………………………...

6. a) Who was James Starley? …………………………………………….. *(½ mark)*
   b) What did Starley do to make the bicycle work better? *(½ mark)*

   ………………………………………………………………………………………

   ………………………………………………………………………………………

   c) Mention TWO good things about Starley's bicycle. *(½ mark each)*

   i) …………………………………….. ii) ……………………………………..

**SECTION 2** It wasn't until 1874 that the modern bicycle was invented by H. J. Lawson. This bicycle would look familiar to today's cyclists. The wheels were of equal size, so it was less prone to topple over. He also attached a chain which linked the back wheel to the pedals. With these improvements, the bicycle became extremely popular and useful for transportation. **(paragraph 4)**



As bicycles became safer and cheaper, women started to use them. Women felt it gave them freedom and some called the bicycle, "the freedom machine". In 1895 a well-known woman, Frances Willard, wrote a book in which she praised the bicycle that she had learned to ride late in life. She named her bicycle "Gladys" because it made her feel glad when she rode it. **(paragraph 5)**

Bicycles brought about many changes. An important one was the change in women's fashions. Clothes became more practical to allow women to ride bicycles. Of course, once people started building bicycles, it didn't take long for them to want to race each other. The first recorded bicycle race took place on 31st May, 1868 in Paris. The 1.2 km race was won by Englishman James Moore. Interest in bicycle racing grew. It was only natural that bicycle racing was included as one of the events in the first modern Olympic Games held in Athens, Greece in 1896. **(paragraph 6)**

**Questions on Section 2** **(6½ marks)**

7. Read the following sentences. Put a **T** if you think it is true, an **F** if you think it is false and an **N** if there is no information in this section. *(½ mark each)*

   a) Lawson's bicycle looked similar to today's bicycle. ☐

   b) Francis Willard knew how to ride a bicycle when she was young. ☐

   c) Francis Willard used the bicycle to go to work. ☐

   d) Bicycle racing started in 1896. ☐

   e) James Moore was in Paris on 31st May, 1868. ☐

8. What happened after bicycles became less dangerous and less costly? *(1 mark)*

   ……………………………………………………………………………………………...

9. **<u>Underline</u> the best answer to complete the sentence.** *(1 mark each)*



   a) Lawson's bicycle was (certain, unlikely, expected) to fall.

   b) Women's clothes became (more fashionable, more suitable, more colourful) for bicycle riding.

   c) Bicycle racing soon became (more expensive, more practical, more popular).

**TURN OVER THE PAGE**

**SECTION 3** Today there are many different types of bicycles. There are mountain bikes, road bikes, cruisers and more, depending on where and how you want to ride. Bicycles have many more benefits when compared to motor vehicles. These include exercise, no use of fossil fuels, no air or noise pollution, no traffic jams and easier parking. Besides, roads are not damaged. However, there are some disadvantages. The cyclist is not protected in a crash with a motor vehicle. It also takes longer to travel and the cyclist faces different weather conditions. **(paragraph 7)**

In most countries there are laws that cyclists must obey. For example, bicycles must have front and rear lights when ridden in the dark. Since a moving bicycle makes little noise, bicycles have a warning bell for use when approaching pedestrians and other cyclists. Both children and adults must wear helmets, as this may protect them from head injuries. **(paragraph 8)**



One can say that the bicycle is a cheap, healthy and environmentally friendly mode of transport. It is for this reason that bicycles are built, used and enjoyed all over the world. **(paragraph 9)**

*(Adapted from Wikipedia)*

**Questions on Section 3** **(6½ marks)**

10. Think of TWO examples of weather conditions that a cyclist might face. *(½ mark each)*

a) ……………………………….. b) ………………………………..

11. How do we know that cyclists have rules to follow? *(½ mark)*

…………………………………………………………………………………………….

12. **<u>Underline</u> the best answer to complete the sentence.** *(½ mark each)*

a) A moving bicycle is (absolutely silent, almost soundless, completely noiseless).

b) A bicycle must have lights on the (front and side, back and side, front and back).

13. In what way could a cyclist be dangerous to others? *(1 mark)*

…………………………………………………………………………………………….

…………………………………………………………………………………………….

14. a) Find **a word** from **paragraph 7 or 8** that means **advantages** ……………………….. *(½ mark)*

b) Find **a phrase of TWO words** from **paragraphs 8 or 9** that shows that the bicycle **causes no harm to nature**.

……………………………………………………................... *(1 mark)*

c) Which **paragraph** tells us that **the bicycle is used worldwide**? .............. *(½ mark)*

### 8.1.2. It-tieni sessjoni

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Aqra dan ir-reklam u wara aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

# "Ta' Patist"

## L-aqwa forn ġo Ħal Qormi



**Bil-kumdità kollha u minn post wieħed issib tixtri:**

- ħobż tal-Malti frisk u magħdum b'sengħa tradizzjonali minn Ġorġi, sid il-forn;
- kull xorta ta' ħobż ieħor bħal ftajjar, bziezen, panini, kif ukoll ħobż imqatta' abjad u ismar;
- kull xorta ta' pasti, kejkijiet u ħlewwiet għal mat-te;
- għaġina tal-pizza u tat-torti.

Il-forn jiftaħ mill-ħamsa ta' filgħodu sal-għaxra ta' billejl matul il-ġimgħa kollha, minbarra t-Tnejn filgħodu.

Kull nhar ta' Ħadd, Ġorġi l-furnar jaċċetta d-dixxijiet għax-xiwi, sa mhux aktar tard mit-tmienja ta' filgħodu.

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

*L-Ewwel Parti* **IL-ĦBIEB TA' TAMARA**



Issa ilha xahrejn tgħix Malta. Kellha tagħmel vjaġġ iebes fuq il-baħar, imma issa għadda kollox b'wiċċ il-ġid. Tamara qed tipprova tgħix il-ħajja normali ta' tifla ta' tnax-il sena. Hija toqgħod fiċ-ċentru għar-refuġjati flimkien ma' missierha. Quddiem iċ-ċentru hemm ġnien kbir u fih hemm grawnd żgħir tal-futbol. Tamara kuljum tara ***daqs nofs tużżana tfal,*** subien u bniet, jilagħbu l-ballun u jiġru flimkien. Tixtieq ħafna li taqsam it-triq u tmur tkellimhom biex tagħmel ħbieb magħhom. Imma tibża' li jkeċċuha. *(par. 1)*

L-uniku ħabib li għandha huwa Robbie, l-għasfur tal-bejt. Ta' kuljum jersaq f'ħoġor it-tieqa jnaqqar il-frak tal-gallettini jew tal-ħobż li bdiet tpoġġilu Tamara. Waqt li l-għasfur joqgħod jiekol, Tamara tersaq inkiss inkiss qrib it-tieqa. Għall-ewwel, l-għasfur kien jitgerrex u jtir ftit 'il bogħod. Iżda ma tantx kien idum ma jerġa' lura fil-ħoġor tat-tieqa u jkompli jnaqqar. Tamara u Robbie malajr saru ħbieb u l-għasfur dera lil Tamara viċin tat-tieqa, filwaqt li Tamara ta' kuljum tpoġġilu x'jiekol u toqgħod tistennieh. *(par. 2)*

Madanakollu, Tamara tixtieq li jkollha ħbieb ġodda bħalma kellha qabel. Hija trid ħbieb li tista' toqgħod titkellem jew tilgħab magħhom fil-ġnien. Tamara tixtieq ħbieb li tkun tista' tmur magħhom l-iskola u li jgħinuha fix-xogħol li jagħtuha l-għalliema. Imma kif u fejn ser issibhom dawn il-ħbieb? *(par. 3)*

**Kompli aqra l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

## IL-ĦBIEB TA' TAMARA

### *It-Tieni Parti*



Jum minnhom, Tamara kienet aljenata wara t-tieqa tħares lejn Robbie jiekol. "Qisek ilek ma tiekol ġimgħa, x'ġuħ għandek, Rob," qaltlu minn taħt l-ilsien. F'dak il-ħin, nebħa qawwija ta' kelb tant ħasdet lil Tamara li kważi ħabtet rasha mal-ħġieġa. Robbie tar imwerwer għal fuq l-ogħla fergħa li sab fil-qrib. X'ħin ħarset 'il barra, Tamara rat ***biċċa ta' kelb daqsiex***. Dan kien marbut b'ċinga miżmuma minn tifel li deher ixejrilha, donnu jrid ikellimha. Għall-ewwel lanqas riedet temmen lil għajnejha. Iżda wara li ħasbitha ftit, inqalgħet minn fejn kienet u ħarġet tiġri barra. *(par. 4)*

"Kif inti? Jien Saviour u noqgħod xi żewġ bibien bogħod miċ-ċentru fejn toqgħod inti. Rajtek kemm-il darba waħdek wara dik it-tieqa, tiċċassa 'l barra. U llum xtaqt inkellmek ftit," tbissmilha dak it-tifel waqt li beda jġebbed il-kelb li kien il-ħin kollu jifraħ u jogħla ma' Tamara. "U jien jisimni Tamara. Issa ilni xahrejn noqgħod fiċ-ċentru. Fit-tieqa mhux niċċassa nkun, imma nħares lejn Robbie. Robbie huwa għasfur ħabib tiegħi u nagħtih jiekol kuljum," wiġbitu Tamara, li xejn ma għoġbitha l-kelma 'tiċċassa'. *(par. 5)*

Wara waqfa ta' skiet Saviour kiser is-silenzju u qal: "Għandek x'tagħmel bħalissa? Tridx tiġi miegħi passiġġata bil-kelb sal-ġnien? Donnu Rex irid isir ħabib tiegħek għax arah x'jifraħ u jferfer denbu!" "Iva, iva ... dażgur li niġi," qalet Tamara ferħana, fil-ħin li mellset ras Rex. "Tista' tistennieni ftit kemm ngħid lil missieri li sejra sal-ġnien ma' żewġt iħbieb ġodda? " qaltlu Tamara, li sparixxiet mill-ewwel minn quddiemu. *(par. 6)*

F'ħakka t'għajn, Tamara reġgħet kienet ħdejn Saviour u Rex u t-tlieta flimkien irħewlha bil-pass il-pass lejn il-ġnien. Tamara bdiet tirrakkonta lil Saviour dwar ħajjitha u kif spiċċat Malta mis-Somalja. Min-naħa tiegħu, Saviour ħa gost li għamel ħabiba ġdida u li rnexxielu jferraħ persuna oħra. *(par.7)*

## Reading Comprehension 1

**Read carefully.**

Alex, Karl and Paula are working at their computer. They have found a useful children's website which they can use for their projects.










**Look at the website options on the next page.**

**Write the letters of the options that match their search topics.** **(6 marks)**

| **Search Topics** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Alex's topics:** | | **Karl's topics:** | | **Paula's topics:** | |
| **Example: important inventions** | **F** | | | | |
| the stars | | guitars | | sharks | |
| knights | | first explorers | | elephants | |
| big cats | | Chinese food | | how things float | |
| ferry boats | | modern houses | | the moon | |

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the following comprehension passage that is divided into 3 sections to help you. THEN ANSWER THE QUESTIONS THAT FOLLOW EACH SECTION.**

**Cars**



**SECTION 1** The car is part of life today just like the television, the Internet, the mobile phone or the laptop. Motoring as we know it today, however, is only a little over a century old. Most people know very little about the motor car even though they may be driving one. The car was also known by its other names: the automobile and the horseless carriage. **(paragraph 1)**



It's hard to imagine life before the car, isn't it? It was a world of steam-trains, ocean-liners, horses and carriages. If you didn't own a horse and carriage of some kind, you had to walk or take a train. **(paragraph 2)**

Cars have brought about many changes. It is now very easy to move from one place to another because of the car. The automobile has even changed where we build our homes. Before the invention of cars, towns were built so that people could get where they needed to go on foot or by carriage. Homes were built closer to town. It has all changed now. **(paragraph 3)**

**Questions on Section 1** **(6½ marks)**

1. a) Which **word** in **paragraph 1** means **a hundred years**? ………………….. *(½ mark)*

   b) Which **word** in **paragraph 3** is **the opposite of few**? ………………….. *(½ mark)*

   c) Which **word** in **paragraph 3** is **the opposite of difficult**? ………………….. *(½ mark)*

   d) Which **paragraph** tells us about **modern inventions**? ………………….. *(½ mark)*

2. **<u>Underline</u> the best answer to complete the sentence.** *(½ mark each)*

   a) Before the car was invented, people used their (horse and carriage, horseless carriage, automobile) to travel.

   b) Today homes can be built (closer to, away from, within) towns.

   c) Before the invention of cars it was (less of a problem, more of a problem, no problem) to go from one place to another.

3. How did people move from one place to another if they had no horse and carriage? *(1 mark)*

   ……………………………………………………………………………………

4. Write down the names of TWO modern inventions mentioned in this section. *(½ mark each)*

   a) ……………………………… b) ………………………………

5. Write down TWO means of transport mentioned in this section. *(½ mark each)*

   a) ……………………………… b) ………………………………

**SECTION 2** The invention of the automobile was one of the most important events in recent history. The famous inventors – Leonardo Da Vinci and Isaac Newton – developed the first plans of a motor vehicle. However, the automobile or motor car was not invented in one day by one inventor. In 1806 a Swiss inventor by the name of Francois Isaac de Rivaz invented the first internal combustion engine. This early engine was fuelled with a mixture of hydrogen and oxygen. He used it to power one of the very first cars ever built. However, his design was very basic and so was not successful. **(paragraph 4)**



It wasn't until 1885 that Karl Benz, a German engineer and inventor, invented the first engine powered by petrol. Though there were other German engineers trying to invent a good design, Karl Benz is said to be the true inventor of the petrol engine. He used this engine to power one of the world's first cars. This early car looked like a seat on three wheels. It was not an ideal car, but Benz did not give up. Later, Benz created four-wheel car designs with improved engines. **(paragraph 5)**

One day in August in 1888, Mrs. Bertha Benz, Karl Benz's wife, successfully started her husband's car. She went with their two sons for a ride. She drove them off to visit their grandmother and then drove back home three days later. The length of the trip was 200 kilometres. Mrs. Benz had successfully shown the world that the car could travel long distances! **(paragraph 6)**

**Questions on Section 2** **(6½ marks)**

6. Read the following sentences. Write a **T** if you think it is true, an **F** if you think it is false and an **N** if there is no information in this section. *(½ mark each)*

a) Leonardo Da Vinci designed the first petrol engine. ☐

b) Karl Benz had several competitors. ☐

c) Karl Benz was satisfied with his three-wheel car. ☐

d) Mrs. Benz had a driving licence. ☐

e) The boys' grandmother was happy to see them. ☐



7. Why was Francois Isaac de Rivaz's car a failure? *(1 mark)*

…………………………………………………………………………………………...

8. **<u>Underline</u> the best answer to complete the sentence.** *(1 mark each)*

a) Isaac Newton was a (well-known, highly respected, much loved) inventor.

b) Mrs. Benz proved that the car could go (far, fast, places).

c) The first petrol engine was invented (after 1885, before 1885, in 1885).

**TURN OVER THE PAGE**

**SECTION 3** In the United States, two men were making great improvements in the automobile industry. They were Henry Ford and Ransom Olds. Ransom Olds was the first to come up with a car that was low-priced and could be produced in great numbers so that the general public could afford it. However, Henry Ford greatly improved on Olds' design. His factory could produce vehicles more quickly using fewer workers. In just 15 years his factory produced 15 million motor cars. With the success of the Ford model, many other car companies began to produce cars. In the early 20th century many more changes were made and these improved cars greatly and now they are essential to our lives. **(paragraph 7)**

However, cars also create a wide range of problems. In major cities and large towns throughout the world, motor vehicles cause environmental problems. The good news is that future cars will make use of new energy sources and materials which are being developed in order to make cars cheaper to run, safer, more energy efficient and less polluting. As fuel prices go up hybrid vehicles and electric vehicles are increasing in popularity. **(paragraph 8)**

Also on the increase is the interest in model cars. Miniature motor vehicles such as cars, trucks and buses are very popular with collectors. These models are made with great attention to detail. Like real vehicles, they have a working steering, and opening doors, boot, and bonnet. They have detailed interiors, instrument panels, boots with spare tyres and engine compartments. One thing is different though! Collectors don't have to worry about pollution and rising fuel prices! **(paragraph 9)**

(Adapted from *EzineArticles.com* and *Wikipedia*)

**Questions on Section 3** **(6½ marks)**

9. Read the following sentences. Write a **T** if you think it is true, an **F** if you think it is false and an **N** if there is no information in this section. *(½ mark each)*

   a) Henry Ford and Ransom Olds were friends. ☐

   b) In Ford's factory, it took longer to produce a car than at Olds' factory. ☐

   c) Ford was the only person who owned a car factory. ☐

10. a) Mention TWO good things about Olds' design. *(½ mark each)*

    i) ……………………………………………………………………………………

    ii) ……………………………………………………………………………………

    b) Which TWO things made Ford's factory more successful than Olds'?

    i) ……………………………………………………………………………………

    ii) ……………………………………………………………………………………

11. **<u>Underline</u> the best answer to complete the sentence.** *(½ mark each)*

    a) Higher fuel prices (encourage, force, allow) people to buy electric cars.

    b) Miniature vehicles are (close copies, working models, perfect examples) of real cars.

## 8.2. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2012

### 8.2.1. L-ewwel sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dan ir-riklam u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**



# Klinika Annimali Kuntenti

**Fejn issib dak li trid għall-*pet* tiegħek**

Il-klinika toffri dawn is-servizzi:

- Kura u ħarsien tal-annimali domestiċi tiegħek, bħal meta jkollok bżonn titlaq mid-dar għal raġunijiet ta' safar, saħħa, xogħol jew mistrieħ.
- Veterinarji bl-aqwa kwalifiki bi snin twal ta' esperjenza li jagħtu servizz mediku u jagħmlu operazzjonijiet jekk ikun meħtieġ.
- Pariri minn esperti dwar kif tieħu ħsieb aħjar l-annimali tiegħek.
- Korsijiet ta' kif tħarreġ il-klieb u l-qtates tiegħek biex jadattaw ruħhom għall-ambjent tad-dar.
- Qtugħ tad-dwiefer taż-żwiemel, tal-klieb u tal-qtates.
- Bejgħ ta' prodotti tal-ikel tajbin għall-annimali tiegħek.
- Servizz ta' emerġenza, inkluż trasport b'ambulanza tal-annimali, matul il-ġurnata kollha, sebat ijiem fil-ġimgħa.
- Bejgħ ta' kotba ġodda u użati li l-qligħ minnhom imur għall-aġenzija edukattiva "Ħobb l-Annimali" li tgħallem lill-pubbliku kif irabbi l-annimali.



Il-klinika tinsab 22, Triq il-Bhejjem, Ħal Pinen u tkun miftuħa kuljum, inklużi s-Sibtijiet u l-Ħdud, mis-sebgħa ta' filgħodu sal-għaxra ta' billejl. Jekk tkun teħtieġ xi servizz tista' ċċempel il-Klinika Annimali Kuntenti fuq 21234587. Tista' tidħol fis-sit tal-klinika u ssib l-informazzjoni meħtieġa f'dan l-indirizz elettroniku: *www.klinikannimalikuntenti.mt* . Tista' timla l-formola ta' sħubija biex tibda tirċievi l-aħħar informazzjoni u offerti mingħandna.

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

### Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.



## L-GĦASEL MALTI

*L-Ewwel Parti*

L-għasel huwa prodott tal-ikel li ssibu f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Il-Gżejjer Maltin huma magħrufin għall-kwalità bnina tal-għasel li n-naħal tagħna jipproduċi. Ħafna studjużi jaħsbu li l-kelma 'Melita', l-isem li **bih** kienet magħrufa gżiritna fi żmien ir-Rumani, ġejja mill-kelma Griega 'meli' li tfisser għasel. Illum għad għandna ismijiet ta' postijiet f'Malta u f'Għawdex marbutin man-naħal u mal-għasel. Hekk insibu Wied il-Għasel fil-Mosta, Għar Naħal fl-inħawi ta' Ħal Qormi, l-Imġiebaħ f'Selmun, u Tax-Xemgħat fin-naħa Ta' Sannat, f'Għawdex. ***(par. 1)***

L-għasel jinġabar minn kaxxi maħduma apposta biex fihom il-ferħ tan-naħal jibni x-xehda tiegħu. Fl-antik kienu jintużaw ġarar tal-fuħħar imsejħin qliel jew qolol. Dawn kienu jinżammu ġo kmamar mibnijin apposta magħrufin bħala mġiebaħ. Il-faċċata tal-kaxxi dejjem tħares lejn in-Nofsinhar biex id-dawl tax-xemx tielgħa jilħaq kmieni lin-naħal u jħajru joħroġ jaħdem. In-naħal huwa insett bieżel ħafna u jagħmel ħafna xogħol iebes biex jipproduċi l-għasel. ***(par. 2)***

In-naħal idur fuq il-fjuri biex jieħu **minnhom** żewġ sustanzi importanti. Dawn huma t-trab fin magħruf bħala trab dakkari (*pollen*) u l-meraq ifuħ li terħi l-pjanta biex tiġbdu lejha. Dan il-meraq huwa magħruf bħala nektar. Mill-fjura n-naħla tibda tiġbed u taħżen f'żaqqha l-meraq permezz ta' lsienha li għandu l-**għamla** ta' tubu twil u rqiq. Waqt li ssoff il-meraq, hija tibda tgeddes ma' saqajha ta' wara t-trab dakkari li jkun hemm fuq il-fjura. In-naħla **tgħaqqdu** u tiffurmah f'boċċa. Mat-trab hija żżid ftit meraq biex dan jagħqad u jeħel sewwa. **(*par. 3*)**

Meta tara li mtliet, in-naħla tirritorna lejn ix-xehda u tqiegħed kollox hemm. Ta' min jgħid li n-naħla tagħmel mili sħaħ kuljum tivvjaġġa minn u lejn ix-xehda b'tagħbija ta' meraq u trab dakkari daqs kemm tiżen hi! Dan il-ġiri tan-naħal minn pjanta għal oħra huwa meħtieġ għall-biedja għax bih issir id-dakra tal-frott. Id-dakra tfisser meta s-siġra tibdel il-fjuri fi frott. ***(par. 4)***

## Kompli aqra l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.

*It-Tieni Parti*



Fis-suq wieħed jiltaqa' ma' tipi u kuluri differenti ta' għasel. Issib għasel dehbi maħlul, u għasel skur magħqud. Il-kulur jiddependi mill-fjuri li minnhom in-naħla tkun ġabret l-għasel tagħha. Hemm għasel magħmul minn fjura waħda jew minn fjuri differenti li jiftħu fl-istess staġun. Aktar ma l-fjura tkun żgħira fil-qies, aktar l-għasel ikun skur u magħqud. L-għasel insemmuh jew skont il-fjura li minnha jkun sar, jew skont il-post li fih jitrabba n-naħal, jew skont l-istaġun li fih jinġabar. Hekk insibu l-għasel tas-sagħtar, tal-ħarrub, tas-silla u tal-laring. ***(par. 5)***

L-għasel jista' jintuża bħala mediċina, fi prodotti tas-sbuħija u fit-tisjir. L-għasel tal-laring fih ammont kbir ta' vitamina Ċ u għalhekk tajjeb biex jilqa' jew ifejjaq l-irjiħat. L-għasel magħmul mill-ħarrub jintuża biex itaffi s-sogħla. Kuċċarina jew tnejn minn dan l-għasel maħlula fi ftit misħun ma' biċċa lumija magħsura hija riċetta popolari għas-sogħla. Xi tobba jissuġġerixxu li min iħossu għajjien jista' jieħu kuċċarina għasel filgħaxija u jakkwista l-enerġija malajr. Ħafna jużawh biex irattab il-ġilda xotta. Dan il-prodott jidħol ukoll fit-tisjir Malti, speċjalment f'riċetti tal-ħelu tradizzjonali tal-Milied, bħall-qagħaq tal-għasel u l-pudina tal-ħobż. ***(par. 6)***

Minn dan kollu napprezzaw kemm in-natura ħasbet fil-bniedem. B'kuċċarina għasel kuljum tista' tilqa' kontra ħafna mard għax tieħu l-vitamini meħtieġa għall-ġisem. Niftakru li bis-saħħa ta' xogħol in-naħla, fil-kampanja Maltija nistgħu ngawdu pjanti u xtieli selvaġġi li jikbru bis-saħħa tad-dakra li jagħmel in-naħal. B'hekk, Malta għandna pjanti u siġar bħas-sagħtar, is-silla u l-ħarrub li, barra li jsebbħu l-kampanja, jagħtuna l-għasel bnin li l-Griegi tal-qedem kienu jqisu bħala l-ikel tal-allat! ***(par. 7)***

# POETRY IS FOR KIDS

**NATIONAL POETRY COMPETITION FOR CHILDREN**

Organised by

**THE MALTA POETRY SOCIETY**

**CATEGORY A**:

**AGE**: 9 to10-year-olds **TOPIC**: Summer

**LENGTH**: Up to a page long

**CATEGORY B**:

**AGE**: 11 to 12-year-olds **TOPIC**: The Village Feast

**LENGTH**: Up to a page and a half long

Applications can be collected from Local Councils in Malta and Gozo.

**CLOSING DATE:** Entries will be accepted up to **10th AUGUST 2012**

Poems are to be handed in at the Local Council where the participant lives.

Each participant may submit up to 3 poems.




**The best poem in each category will win a prize of 50 Euro**

The first, second and third best poems in each category will be published in the Children's Poetry Magazine. Prizes will be awarded during **A POETRY EVENING**, which will be held on the 15th September 2012, at the Malta Poetry Society centre in Valletta. The President of the Society will award the prizes.

All participants and their parents will be invited to the award-giving ceremony.

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the following passage which is divided into two sections to help you. Then, answer the questions that follow each section.**

**Section 1**

'When do the children come?' asked Dr. Maud Biggin without looking up and flicking over the pages of one of the many books open before her. The study was full of tables piled with books, photographs and boxes, which spread and spilled over on to the floor. **(paragraph 1)**

Dr. Maud was a short-sighted woman who never straightened her back, but moved about at the right height for consulting other books wherever she had laid them. If not reading, her attention was on the ground as if expecting that something very interesting might catch her eye there. She had spent much of her life digging up old cities and graves in deserts and hillsides, and had got into the habit of searching the ground for fragments. She could not bear a vacuum cleaner because it left her nothing to look at. If a chimpanzee were let loose in a shop to choose its own clothes it would choose much the same as she was wearing. **(paragraph 2)**





'Ah! The dear children!' replied her old friend Miss Sybilla Bun. 'They arrive at tea-time. I have made a strawberry cream sponge for them. I hope they have healthy appetites. I am looking forward to seeing them eat.' Miss Sybilla's only remaining passion in life was food. **(paragraph 3)**

These two ladies had rented a house in the country beside a broad, slow-flowing river. Maud Biggin had chosen this remote and ancient dwelling because she was writing a book about archaeology. When she had settled in at the house and felt how much room there was to spare, she decided to invite three disadvantaged children to spend the summer there.

**(paragraph 4)**

## Section 2



'Ah, here's the taxi! Here they are!' cried Sybilla Bun. 'And ready for their tea I hope. Come in, children, come in.'
They stood shyly in a row. Ida was eleven, but small for her age. Oskar looked obstinate and smart. Lastly there was slim, eight-year-old Jo.
'I thank you for your very kind invitation,' nine-year-old Oskar said softly.
'Come with me children and see your room,' said Sybilla. **(paragraph 5)**

As they wound their way upstairs after her, the children were wide-eyed with surprise. They were to share a large room at the top of the house. It had windows on three sides, out of which they could see the river as if on a map. It looked smooth, sleepy and timeless. **(paragraph 6)**

'What a lot of islands the river makes,' said Ida, calling the others to look out of the side window. 'We are on one, and I can see at least three others. We must go exploring and sail round them all. Perhaps we shall find one where nobody has ever set foot. Look at that island downstream. It looks beautifully wild.' **(paragraph 7)**

'Look at this house reflected in the water,' said Oskar. 'I can see us all looking out of the window, but our faces wiggle as if we were eating toffee.' **(paragraph 8)**

The following morning after breakfast the children hurried down to the river. All three were keen to start exploring their surroundings. They climbed into a canoe that lay tugging gently on its mooring. Oskar took hold of the paddles. They drifted happily along, a twist of the paddle now and again by Oskar, being enough to keep them on a straight course. Presently the sun came out and beautifully warmed them and with the sun appeared another host of living things, butterflies, dragonflies, brightly coloured beetles and lizards. The canoe drifted to a standstill. **(paragraph 9)**

**Adapted from *The River of Green Knowe* by Lucy M. Boston**

## Questions on Section 2

**9.** Quote part of a sentence that shows that Oskar was grateful. **1 mark**

______________________________________________________________________

**10.** Which **word** found in **paragraph 9** means ***stop?*** **½ mark**

______________________________________________________________________

**11.** **<u>Underline</u> the best answer to complete the sentence.** **½ mark each**

**(a)** The house and river (scared, excited, bored) the children.

**(b)** The river was (smooth and wild, smooth and slow, slow and warm).

**(c)** The children found it (hard, easy, impossible) to row the canoe.

### 8.2.2. It-tieni sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dan l-avviż u aħdem l-eżerċizzji ta' warajh.**

# FESTA TA' TALENT

**Taf iddoqq jew tkanta? Taf tirreċta jew tpinġi?**





Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Ballut qed jistiednek biex tieħu sehem f'serata ta' talenti li ser tkun organizzata nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Lulju 2012 fis-Sala Parrokkjali 'Dun Karm Psaila'.

Jekk titħajjar, tista' tiġbor applikazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jew tniżżel il-formola minn fuq is-sit www.kunsillħalballut.mt .

Kulħadd jista' japplika. L-applikazzjonijiet ser jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill u jridu jaslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sat-30 ta' Ġunju 2012. Mal-applikazzjoni kull parteċipant ser jintalab jagħti donazzjoni ta' ewro b'risq ir-restawr tal-kappella l-qadima ta' Santa Rita. Fl-aħħar tas-serata ser jitqassam ċertifikat ta' parteċipazzjoni lil kull min jieħu sehem fil-festa.

Ġurija magħmula minn nies magħrufa fil-qasam tal-ispettaklu ser tagħżel l-aħjar tliet talenti biex f'Awwissu li ġej jirrappreżentaw lil Malta f'konkors artistiku għall-pajjiżi Mediterranji li ser isir f'Agriġento, Sqallija.

**KUNSILL LOKALI**
**ĦAL BALLUT**

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**



# Is-Siġar taċ-Ċitru

*L-Ewwel Parti*

Skont rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, f'Malta kull persuna tikkonsma mat-33 kilogramma ta' frott taċ-ċitru f'sena waħda! Fost l-ispeċi tas-siġar taċ-ċitru nsibu l-larinġ, il-larinġ tal-bakkaljaw, il-lumi, il-lumiċell u l-mandolin. ***(par.1)***

Il-frott tas-siġar taċ-ċitru għandu l-qoxra ħoxna mimlija glandoli taż-żejt u b'ġewwieni maqsum fi flieli mmerrqa. Il-qoxra tista' tkun lixxa jew xi ftit raffa, b'kulur li jaqleb minn aħdar għall-isfar jew l-oranġjo mtebba' bir-roża jew l-aħmar. Il-meraq jista' jkollu togħma morra ħafna jew ħelwa; inkella togħma bnina, bejn ħelwa u morra. Is-siġar taċ-ċitru jħaddru s-sena kollha u huma ta' daqs mezzan. Il-friegħi tagħhom huma bix-xewk u l-weraq aħdar skur ileqq li jħalli riħa tfuħ meta wieħed **jgħaffġu** f'idu. Siġra trid bejn sitta u tmien snin biex tibda tagħmel il-frott, u kapaċi tgħix għal mijiet ta' snin jekk tkun ikkultivata tajjeb. ***(par.2)***

Is-siġar taċ-ċitru jikbru l-aħjar f'pajjiżi li għandhom klima bħal tagħna. F'pajjiżna jippreferu nħawi mkennija mir-riħ, postijiet xemxin, u ħamrija fonda. Is-siġar jeħtieġu ilma tajjeb u ta' spiss. Dawk is-siġar li jinżabru kull sena u li jingħataw taħlita ta' demel naturali u artifiċjali jagħtu frott sabiħ u ta' kwalità għolja. Wieħed irid **joqgħod b'seba' għajnejn** għal ħafna mard u insetti li jagħmlu ħsara liċ-ċitru. Is-siġar jimtlew biż-żahar ta' fjuri bojod silġ f'Marzu u April. ***(par.3)***

Il-frott taċ-ċitru jista' jittiekel frisk bħala deżerta, jinħadem f'marmellata u **zlazi**, jingħasar f'meraq tal-frott u xorb, jitqatta' jew jinħakk fuq platti tal-ikel, u jitħallat ma' insalati u mat-tisjir biex titjieb it-togħma. Il-qoxra tal-frott taċ-ċitru tintuża bħala tiżjin fuq platti, tinħadem f'konfettura u tintuża fil-preparazzjoni tal-ħelu. **Minnha** nieħdu wkoll żjut essenzjali kif ukoll sustanza użata ħafna fl-industriji tal-ikel, tal-mediċina u tal-prodotti tas-sbuħija. ***(par.4)***

## Kompli aqra l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.



*It-Tieni Parti*

F'Malta, it-tkabbir tas-siġar taċ-ċitru jmur lura eluf ta' snin. Naħsbu li kienu r-Rumani, madwar 200 sena qabel Kristu, li daħħlu l-ewwel siġar taċ-ċitru fi gżiritna. Aktar tard, fi żmien l-Għarab, daħal il-lumi, il-bakkaljaw u l-lumiċell. Il-laring tal-Portugall twassal Malta fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, filwaqt li l-Ingliżi ġabu magħhom il-mandolina u l-laring tal-Bahia. ***(par.5)***

Tul il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin kibret ħafna u għalhekk kellu jiżdied it-tkabbir tal-ħaxix u l-frott. Il-Kavallieri ħadu ħsieb jirranġaw l-għelieqi mtarrġa mal-ġnub tal-għoljiet; ħaffru bjar, ġibjuni u mini għall-ħażna tal-ilma tax-xita u **bnew** ġonna taċ-ċitru mdawra b'ħitan għoljin. Bil-bini tal-Akwadott ta' Wignacourt, l-ilma tan-nixxigħat twassal minn Ġnien is-Sultan fir-Rabat sal-Belt Valletta. L-ilma tiegħu kien ukoll jitwassal lejn il-ħafna ġonna tal-lumi u tal-laring f'postijiet bħal Birkirkara, Ħ'Attard u Ħal Balzan. ***(par.6)***

Ġonna oħra tħawlu f'widien fejn jgħaddi l-ilma ġieri bħal Wied il-Luq u Ġnien il-Kbir. Minn dawn il-ġonna kien joħroġ biżżejjed frott għall-bżonnijiet ta' kuljum u anki għall-esportazzjoni lejn pajjiżi tal-Ewropa. L-ewwel storiku Malti, Ġan Franġisk Abela, fl-1647 kiteb li l-laring u l-lumi Malti tant kienu tajbin fit-togħma li kienu jintbagħtu l-Italja u Franza, fejn kienu ferm apprezzati min-nies ta' dawn il-pajjiżi kbar. ***(par.7)***

Matul is-sekli l-bdiewa Maltin nisslu xitel lokali permezz ta' tnissil bil-biċċiet jew bit-tilqim. Fost dawn wieħed isib il-laring tad-demm, il-laring ħelu, il-lumi ta' bla żerriegħa u l-mandolina l-kbira. Fl-1915, it-tabib Ġanni Borg, fil-ktieb tiegħu *'Malta and Gibraltar Illustrated',* isemmi li fil-ġonna tagħna wieħed seta' jsib mal-150 varjetà differenti ta' siġar taċ-ċitru! ***(par.8)***

*(Adattament minn artiklu ta' Carmelo Briffa mir-rivista **Biedja u Sajd** tad-Dipartiment tal-Agrikoltura)*

# SWIMMING, CYCLING and RUNNING COMPETITION FOR 7 to 12-YEAR-OLDS



Swimming



Cycling



Running

**A Training Week is to be held in preparation for the Competition.**

**Date:** 23rd to 29th July 2012
**Place:** Seaside Resort, Sandy Bay
**Cost:** 250 Euro for the whole week. The second child from the same family pays 100 Euro only.

**Training offered:**

- 7 to 10-year-olds will be trained to swim 100 metres, cycle 5 kilometres and run 1 kilometre.
- 11 to 12-year-olds will be trained to swim 200 metres, cycle 10 kilometres and run 2 kilometres.

Applications for the Training Week will be accepted until 13th July 2012 and are to be handed in to the School Secretary.

The Competition will be held on 1st August 2012.

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the following passage which is divided into two sections to help you. Then, answer the questions that follow each section.**

**Section 1**

Two things should be remembered about adventures. They always happen when you are not expecting anything to happen and the beginning is usually quite unexciting and ordinary so that you seldom realize that something important has begun. An adventure always creeps up on you from behind. **(paragraph 1)**

Certainly, Ben's adventure did. It all started on a hot, windless day in late summer; the sort of day that is only comfortable if you are swimming in the sea. But Ben was nowhere near the sea. He was sitting, feeling sticky and bored, in a small flat in London, near the Zoo. His boredom had made him indulge in three cream cakes. He was wondering with half his mind if he could possibly manage another cream cake without being sick, when his father said,

'Why don't you go and play in the garden, old chap?' **(paragraph 2)**



Though Ben had been thinking of doing just that, – with the half of his mind that wasn't wondering about the next cream cake – the fact that his father had suggested the garden turned him against it at once. He wasn't often contrary or quarrelsome but at the moment he was feeling heavy and cross. **(paragraph 3)**

'Nothing to do in the garden,' he mumbled. This wasn't true. Ben was such a resourceful person that he could find something to do even in an empty yard.




'I'm afraid you're finding London rather a dull place, aren't you? If you look in that carrier bag by the window, you might find something to cheer you up.' Ben's father said. Reluctantly, Ben peered into the bag in which there was a new, colourful ball. **(paragraph 4)**

## Section 2

Ben stood on the steps that led down into the garden and considered what to do. He could go to the Zoo. He had enough pocket-money left. But he didn't really enjoy the Zoo. He had been twice already this week. He was really only interested in the lions but they didn't do anything; just lay in their cages and looked incredibly weary and bored. Ben was sorry for them. No, there was no point in going to look at lions in cages. **(paragraph 5)**

He made his way slowly down to the bottom of the garden. The wall was high, but there were enough broken or missing bricks to make it an easy climb. From the top of the wall, you could look down into the other gardens, most of which were neglected and overgrown. **(paragraph 6)**



The top of the wall was rather wide so it was easy to walk along but quite difficult to bounce a ball while walking. As he moved along, Ben's skill and confidence increased with the result that he could bounce the ball higher and higher. **(paragraph 7)**

Suddenly the ball landed on a crumbly brick and shot forwards and sideways at an awkward angle. Ben lurched to catch it, missed, lost his balance and fell forward – not off the wall, but onto it. He was badly frightened because the top of the wall just in front of him was covered with jagged spikes of broken glass. He could have fallen right on top of it and slashed his face. He noticed that the broken glass continued all round the small garden that lay in front of him. And the ball had bounced into it. It had bounced – though of course he didn't quite realize it at the time – straight into adventure. **(paragraph 8)**

**Adapted from *On the Run* by Nina Bawden**

## Questions on Section 2

**8.** Write down the sentence which tells us how Ben felt about the zoo. **1 mark**

_______________________________________________

**9.** Write down the sentence which tells us that Ben had visited the zoo. **1 mark**

_______________________________________________

**10.** **<u>Underline</u>** the best answer. **½ mark each**

**(a)** (All, Only a few, Many) of the gardens were not well kept.

**(b)** Ben was frightened because he (might have hurt himself, might have lost the ball, might have got into trouble).

**11.** Why was Ben sorry for the lions? **1 mark**

_______________________________________________

## 8.3. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2013

### 8.3.1. L-ewwel sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dawn ir-riklami u aħdem l-eżerċizzji ta' warajhom.**

**1.**

**Puliti**

**67, Triq il-Kavallieri, Il-Belt**

Inbigħu uniformijiet tal-istudenti,
tal-bankiera, tal-koki u oħrajn.
Inħitu uniformijiet skont ħtiġijietkom.

Żuruna fis-sit elettroniku
www.puliti.com.mt



**2.**

**Battista**

Ħwejjeġ tan-nisa għall-istaġuni kollha.
Ħwejjeġ għal kull okkażjoni.

Biex tilbes bħal artista
ejja ixtri għand Battista!

Issibna fi Triq il-Ferrovija, il-Belt,
fuq ix-xellug tal-Bank Antonio.

**3.**

**Ċama Ċama**



**22, Triq il-Kavallieri, Il-Belt**

Nispeċjalizzaw f'kotba għat-tfal.
Issibu kotba b'ilsna differenti
għall-iskejjel
u kotba oħra fuq kull suġġett.

Lil min jonfoq iktar minn €20
nagħtuh kalendarju!

**4.**

**Il-Librerija Pubblika tal-Belt**

Trid tiffranka l-flus?
Trid taqra l-kotba bil-Malti
u b'lingwi oħra b'xejn?
Mela ejja sal-Librerija Pubblika!

Miftuħin kuljum
mid-9:00 ta' filgħodu sas-7:30 ta' filgħaxija.
Il-Ħadd niftħu sa nofsinhar.

Paġna 2 minn 8 Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja – 2013 Il-Malti – Il-Fehim mill-Qari

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# It-Titjir bl-Ajruplani

***L-Ewwel Parti***

Fil-qedem, il-bniedem kien iħares lejn l-għasafar u jistaqsi bejnu u bejn ruħu jekk għadx itir bħalhom. L-għasafar itiru għax ħfief, għandhom il-ġwienaħ u miksijin bir-rix. Imma l-bniedem la għandu rix, la għandu ġwienaħ, u ġismu tqil wisq biex itir waħdu. Kemm nies dari ppruvaw iwaħħlu r-rix ma' dirgħajhom biex mingħalihom jekk iferfruhom ftit jinqatgħu mill-art! Iżda qatt ma rnexxielhom! **(par. 1)**



Fi żmien bużnannietna, fil-Ġermanja, inventur jismu Otto ħoloq għamla ta' ajruplan żgħir. Għalkemm dan l-ajruplan ma kellux magni, xorta kien itir, bis-saħħa tar-riħ biss. Kien iżomm fl-arja bħalma jagħmlu l-ajruplani tal-karti. Tgħidx kemm kien jieħu pjaċir Otto għaddej qalb is-sħab! Iżda sikwit dawn it-titjiriet kienu jkunu perikolużi. B'kollox huwa għamel 'il fuq minn elfejn titjira b'dan l-ajruplan. Iżda darba, waqt li kien fl-ajru, Otto tilef il-kontroll, u l-ajruplan instabat mal-art. Otto tilef ħajtu bl-ajruplan li ħoloq huwa stess! **(par. 2)**

Dik il-ħabta fl-Amerka kien hemm żewġ inventuri oħra. Dawn kienu l-aħwa Wright. Minn mindu kienu tfal, l-ikbar ħolma tagħhom kienet li jtiru! Qraw kotba fuq kotba dwar it-titjir. U b'riħethom l-aħwa Wright żiedu mħabbithom lejn it-titjir. Fl-aħħar qatgħuha li jxammru l-kmiem. Bdew jagħmlu esperimenti fuq xi tajra tal-karti u fuq bżieżaq kbar. L-aħwa Wright kienu jqattgħu sigħat twal josservawhom u jaraw x'saħħa kellu fuqhom ir-riħ. Wara kienu jmorru ġol-garaxx u jintefgħu jaħdmu fuq dawn l-osservazzjonijiet. Għaddew is-snin, u fl-aħħar, b'ħafna taħbit, **irnexxielhom** joħolqu għamla ta' ajruplan bil-ġwienaħ u bl-iskrun li seta' jtir. **(par. 3)**

**Kompli aqra l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

***It-Tieni Parti***



Minn żmien l-aħwa Wright sal-lum saru passi ta' ġgant fit-titjir. Jekk inqallbu l-paġni elettroniċi tal-internet, jew il-paġni tal-kotba, naraw ħafna tipi ta' ajruplani. **(par. 4)**

L-iktar ajruplani li aħna mdorrijin naraw huma dawk tal-passiġġieri. Dawn iwasslu n-nies minn post għal ieħor. Insibu wkoll ajruplani tat-tagħbija, jiġifieri dawk li jgħabbu oġġetti biss. Dawn jistgħu jkunu minn ittri tal-posta sa trakkijiet daqsiex. Insibu wkoll ajruplani tal-gwerra li jintużaw biex jiddefendu l-pajjiżi mill-għedewwa tagħhom. Barra dawn hemm ukoll l-ajruplani tas-salvataġġ li jintużaw l-aktar biex ifittxu nies li jkunu ntilfu f'nofs ta' baħar. Imbagħad insibu ajruplani li jintużaw biex jagħtu spettakli fis-sema. Kull Settembru, hawn Malta, jittella' spettaklu tal-ajruplani. Fih jieħdu sehem bosta ajruplani mid-dinja kollha u juruna x'akrobaziji għandhom il-ħila jagħmlu **fuq rasna**. **(par. 5)**

Kultant nistaqsu: "Min jaf x'ajruplani se jkun hawn **100 sena** oħra?" Fl-internet insibu salt ritratti u stampi ta' ajruplani hekk imsejħin tal-futur. Uħud minnhom għandhom għamliet mill-iktar strambi. Fost dawn naraw ajruplani ċatti, qishom plattini. Insibu oħrajn b'żaqq enormi li tista' tesa' elf ruħ f'daqqa. Hemm oħrajn qishom tubi. Dawn tant jiġru li jmorru minn Londra sa New York f'nofs siegħa, qisek sejjer minn Malta sa Għawdex. Li hu żgur hu li llum l-inventuri qed iżommu f'moħħhom li l-ajruplan għandu jkun aktar veloċi filwaqt li jħammeġ inqas l-ambjent. **(par. 6)**

Kull meta nitilgħu fuq ajruplan, jew inkella naraw xi wieħed għaddej, niftakru li kien bis-saħħa tal-aħwa Wright u ta' dawk l-inventuri li ġew qabilhom u warajhom li llum nistgħu nivvjaġġaw fis-sema, xi ftit jew wisq bħalma **jagħmlu** l-**għasafar**! **(par. 7)**

**Tiggy's Pet**
by
Charles Weary

Everybody knows that cats chase mice. And what's more, they catch them and eat them too. At least normal cats do … but Tiggy is no ordinary kitten. To everyone's embarrassment he prefers tinned cat food to real mice. When at last he does catch a mouse, he decides not to eat it, but to keep it as a pet!



Read about Tiggy, Jinny the mouse and their adventures.

A delicious, humorous story!

**Seaside Surprise and Other Stories**
by
Marie Smith



The wonderful sea holds many secrets that are only revealed when the moon is shining.

A delightful collection of short stories for the summer holidays.

**The Countryside Children**
by
Adele Brown

When their father is mysteriously taken away, John, Peter and Pam have to move with their mother to the countryside. A nearby farm becomes the centre of their new life, bringing them not only fun and adventure, but an important new friend who changes their lives.



What adventures await the three children?
Read the book now!

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the passage below, which is divided into two sections. Then, answer the questions that follow each section.**

**Section 1**



Amelia Earhart was one of the world's most famous pilots. She broke records and showed great courage during her short life. She disappeared while she was on a flight around the world. Amelia Earhart's family consisted of her father Edward, her mother Amy, Amelia and her younger sister Muriel. Amelia's nickname 'Meelie' remained with her throughout her life.

**(paragraph 1)**



Born on 24th July, 1897, Amelia was daring even when she was a child. When she was seven years old she wanted to ride an elephant, but her mother said, "No". However, she allowed her to ride a Ferris wheel instead. A short time later, Amelia, Muriel, and a boy, Ralphie, built a roller coaster in their garden. It ran from the top of a three-metre tool shed to the ground. Their Uncle Carl, whom they called 'Nicey', helped them with it. Amelia took the first ride and felt as if she were 'flying', but when their mother came out and saw how unsafe it was, she made them tear it down. To make up for the loss of their roller coaster, their parents gave them a swing, and Uncle Carl made a merry-go-round for the girls. Their mother made tracksuits for them to wear and encouraged their outdoor activities. **(paragraph 2)**



A tool shed is a small building that is used for storing things such as garden tools.



A Ferris wheel, also known as a big wheel, is a structure consisting of a rotating upright wheel with passenger cars.

Amelia and her sister loved animals, and it hurt them when they saw animals being abused. Once she was very upset at their neighbour, Mr. Oldham, because he had been cruel to his horse. **(paragraph 3)**

**Section 2**



In 1921, Amelia began taking flying lessons. She worked in an office to pay for the lessons and bought her first plane that summer. She told Muriel, her sister, that she thought that in the future the cockpits of planes would be covered, and planes would be large enough to carry 10 or 12 passengers. They would even run according to a timetable. She loved travelling so much that she designed clothing suitable for travel and even designed some light weight luggage for air travel. **(paragraph 4)**

In 1932, one year after her flight as a passenger across the Atlantic, she crossed alone from Canada to Ireland. It was a dangerous flight due to the fact that one of the instruments on her latest plane wasn't working. She didn't know how high she was above the ocean, but she arrived safely and was awarded many honours in Europe. **(paragraph 5)**



Amelia's last flight began in June 1937. She and her friend Fred Noonan set out to fly around the world in a twin-engine plane. The two of them took off from Miami in America to South America. Then they crossed the South Atlantic Ocean to Dakar in Africa. From there they had to go to Thailand and then to Australia. However, on the way, radio contact with the plane was lost. A final message from Amelia was received on 2nd July, 1937 at 8.45 a.m. Amelia's voice was described as frantic. **(paragraph 6)**

Although there was a long search, the American Navy never found a trace of either the plane or the pilots. After 16 days the Navy called off the search. Their disappearance is still a mystery. **(paragraph 7)**

**Adapted from *Amelia Earhart* – Biography by Patsy Stevens**

**Questions on Section 2** **10 marks**

**7.** Why did Amelia work in an office? *1 mark*

____________________________________________________________

**8.** What happened on 18th July, 1937? *1 mark*

____________________________________________________________

**9.** What is mysterious about the disappearance of Amelia Earhart? *1 mark*

____________________________________________________________

## 8.3.2. It-tieni sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dawn ir-riklami u aħdem l-eżerċizzji ta' warajhom.**

**1.**

### Kompjuters

**34, Triq il-Pitirrossi, Ir-Rabat**



Inbigħu kompjuters kbar u żgħar u l-aċċessorji kollha tagħhom.
Issibu għażla kbira ta' printers tal-aqwa ditti.
Ċemplilna: 28 98 09 73

**2.**

### Televiżivi

Inbigħu diversi għamliet u ditti ta' televixins, minn żgħar, li tista' tqabbadhom fil-karozza, sa oħrajn kbar għas-swali.



Issibna fi Triq il-Pitirrossi, ir-Rabat, fuq il-lemin tal-banka tal-lottu.

**3.**

### Sodisfatti



**56, Triq il-Fjuri, Ir-Rabat**

Nieħdu ritratti u niġbdu films ta' tiġijiet u ta' okkażjonijiet speċjali oħrajn.

Issibulna wkoll kameras tar-ritratti u għażla varjata ta' albums tar-ritratti għall-bejgħ.

**4.**

### L-Aħwa Vella

Aħna nsewwu l-kompjuters.
Niġu għandek u nagħmlu t-tiswijiet fil-post.

Naħdmu kuljum ħlief il-Ħadd.



Ċemplilna 23 89 78 09
www.vella.com.mt

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# It-Trasport bil-Baħar

***L-Ewwel Parti***

Jingħad li l-bniedem, qabel ma ddomestika l-annimali, kien diġà jivvjaġġa bil-baħar. Seta' jagħmel dan biz-zkuk tas-siġar. Huwa ntebaħ li z-zkuk, kbar kemm huma kbar, ma jegħrqux. B'zokk twil u oħxon, b'daqsxejn ta' ħofra fih fejn seta' jpoġġi, il-bniedem ħoloq l-ewwel forma ta' dgħajsa! Għalkemm biha ma setax joħroġ wisq 'il barra mix-xatt, u fil-maltemp kellu joqgħod b'seba' għajnejn, xorta seta' jivvjaġġa distanzi twal. Hekk twieldet il-kenura, kif inhija magħrufa, u li għadna nużawha sal-lum! **(par. 1)**

Biex jivvjaġġa b'aktar ħeffa, il-bniedem ħareġ bl-idea li seta' juża biċċiet tad-drapp imdaqqsin, magħrufa bħala qlugħ. Dawn kienu jintrabtu ma' arblu mwaħħal ma' qiegħ id-dgħajsa. Malli jibda jonfoħ ir-riħ, dawn il-biċċiet jintefħu u d-dgħajsa tibda taqta' 'l barra. Jidher li din l-għamla ta' dgħajsa żviluppawha fost l-oħrajn l-Eġizzjani, ir-Rumani u l-Vikingi, ħafna żmien ilu. **(par. 2)**

Maż-żmien il-biċċiet tal-baħar bdew jinbnew akbar u aktar b'saħħithom. Il-vapuri, kif inhuma magħrufin, bdew jgħabbu kwantità akbar ta' nies u bdew jintużaw għall-kummerċ ukoll. Illum il-ġurnata l-vapuri jaħdmu bil-magni. Fil-poppa l-vapur ikollu skrejjen daqsiex biex **imexxuh** fejn irid il-kaptan. Fost l-aktar vapuri komuni u li narawhom fil-portijiet tagħna nsibu l-vapuri tat-tagħbija u l-vapuri li jġorru ż-żjut, magħrufin l-aktar bħala tankers. **(par. 3)**

Insibu wkoll il-vapuri tal-passiġġieri, li jġorru n-nies minn post għal ieħor. L-aktar popolari minn dawn huma l-vapuri tat-turisti, li qishom lukandi fuq l-ilma. Dawn jistgħu jġorru 'l fuq minn tlett elef ruħ f'daqqa u jdawruhom ma' bosta pajjiżi. **(par. 4)**



## Kompli aqra l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.

*It-Tieni Parti*



Il-biċċiet tal-**baħar** l-aktar komuni narawhom għaddejjin fuq wiċċ l-ilma. Imma hemm oħrajn li minflok fuq l-ilma jivvjaġġaw taħtu. Dawn huma s-sottomarini, kelma ġejja mit-Taljan li tfisser taħt il-baħar. **(par. 5)**

L-ewwel sottomarini nbnew madwar **200 sena** ilu. Dawn ġew żviluppati l-aktar fl-Ewwel Gwerra Dinjija, madwar mitt sena ilu. L-iskop ewlieni tagħhom kien li jattakkaw il-vapuri tal-għadu minn qiegħ il-baħar. Kienu jintużaw ukoll biex iħarsu l-vapuri ħbieb tagħhom mill-ħbit ta' vapuri jew sottomarini oħrajn. Is-sottomarini kien ikollhom bombi kbar fuqhom, u miskin hu min jispiċċa fil-mira tagħhom! **(par. 6)**

Illum il-ġurnata s-sottomarin ma jintużax biss għall-gwerra. Insibu sottomarini għall-esplorazzjoni ta' qiegħ il-baħar. Insibu oħrajn biex isalvaw nies li jkunu spiċċaw imsakkrin f'xi vapur mgħarraq. Hemm ukoll sottomarini biex iħaffru f'qiegħ il-baħar, ħalli jkunu jistgħu jgħaddu pajpijiet kbar, ngħidu aħna, tal-elettriku jew tal-gass. Jeżistu wkoll sottomarini li jintużaw għat-turisti. Kif **iġibu għajnejhom wara widnejhom** meta jniżżluhom taħt wiċċ l-ilma u jaraw dak il-ġmiel ta' qiegħ il-baħar u l-ħajja li hemm fih! **(par. 7)**

Is-sottomarini l-moderni jaħdmu b'magni qawwijin u kapaċi jinżlu mijiet ta' metri fil-fond tal-oċeani. **Jistgħu** jmorru kullimkien, anki jgħaddu minn taħt meded kbar tas-silġ. Uħud minn dawn is-sottomarini kapaċi jagħmlu xhur sħaħ taħt l-ilma. **(par. 8)**

X'qabża! Minn biċċa zokk ta' siġra għal vapuri ta' kull daqs li kapaċi jimirħu fuq u taħt il-baħar! Il-bniedem dejjem joħlom u jivvinta biex jivvjaġġa bl-iktar mod komdu fuq il-baħar. Jgħidu li l-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa għax mhux l-ewwel darba li nisimgħu bi traġedji kbar fil-baħar. Min jaf? Forsi xi darba l-bniedem għad jivvinta xi opra tal-baħar li ma tegħreq b'xejn! **(par. 9)**

## The village that went North!

by

Jacob King

A whole village is adrift in the channel between Malta and Gozo!!!

One morning the people of St Paul's Bay wake up to find that their village has come adrift from the rest of Malta and is floating gently across the channel to Gozo! And that's the beginning of their journey for they carry on floating north to Sicily and further north to Italy …



What happens to the inhabitants of the floating village? If you want to know, start reading now! A wonderful story full of surprises and adventurous thrills!

*Cover illustration by John Brighton*

## Monster Haircut and Other Stories

by

Pauline Waters

Welcome to the strangest hairdresser's in town, where every day's a bad hair day. Green hair, purple hair, monster haircuts – you name it. It certainly is never boring at Shirley's Hairdresser's.



A really delightful read full of amusing episodes! Be sure to read the title story as well as all the other stories in this short fifty-page book.

## The Sleepover Club at Tracy's

by

Maryrose Wall




Join the Sleepover Club: Julia, Anne, Jane, Meg, Tracy and Mandy – *girls who just want to have fun, but who always end up in mischief.*

It's Tracy's birthday and the Sleepover Club plan a spooky sleepover, with the most frightening video they can find. Only, once the lights are finally out and everyone has snuggled down, the spooks suddenly seem for real …

What frightening events happen on the sleepover night? Read this exciting and thrilling story!

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the passage below, which is divided into two sections. Then, answer the questions that follow each section.**

**Section 1**



John Logie Baird, a very famous Scottish inventor, was born on 13th August 1888 before there was radio and television. There were few cars on the roads, and no planes in the skies. When Baird died in 1946, there were rockets, jet planes, the first computers – and television. He had played an important role in the invention of television. **(paragraph 1)**

John had an older brother and two older sisters. He hated school. He was often ill which caused him to miss lessons. Neither did he like sports lessons, after which the boys had to take cold baths! However, John liked science. He enjoyed going through his collection of books with stories about the future. He hoped that one day people might send pictures through the air. **(paragraph 2)**

John showed his talent at invention from a very early age. When he was just twelve, he joined his phone to the homes of four friends across the street, by hanging wires from trees and chimneys. He had to take down his wires after the driver of a horse-drawn carriage had his hat knocked off! Another time John and his friend Godfrey also tried their hand at making a glider but somehow it flew off the roof with John in it! He was lucky not to be hurt when the glider crashed in the garden. Some experiments, however, were more successful. Aged thirteen, John built a generator, to make electric power to light the house, so that, the Bairds' house was the first in the town to have electricity. **(paragraph 3)**



**Section 2**

In 1914, when World War One broke out, Baird tried to join the Army but due to his bad health he could not participate in the war. After that he tried out many activities. First he worked in a factory but did not like it. He then successfully went into business selling a soap called 'Baird's Speedy Cleaner'. But his dream lay elsewhere. Eventually he sold his business and concentrated on creating television, a dream of many scientists for decades. **(paragraph 4)**



People passing Baird's house were often puzzled when they saw strange flashing lights. Baird would be busy trying to send pictures through the air. One day he wrote to a friend, "I am trying to invent a way of seeing by wireless." His friend said, "Stick to soap!" **(paragraph 5)**

His first basic apparatus was made of odds and ends, but by 1924 he managed to transmit a flickering image across a few metres. In 1925, he gave the first public display of a working television in a shop in London. Shoppers saw slightly unclear but readable images of letters. **(paragraph 6)**

Baird's first television pictures were black and white but soon he was making colour TV. Sound and vision were at first sent separately, and only began to be transmitted together from 1930. However, Baird was not the only inventor trying to develop television at that time. Other inventors were hard at work too. The television age had begun. This life-changing invention today brings us news, education, sport and entertainment. It was Baird who helped to make this possible. **(paragraph 7)**

**Adapted from *BBC Primary History Famous People***

**Questions on Section 2** **10 marks**

**8.** How do we know that Baird had wished to become a soldier? *1 mark*

____________________________________________________________

**9.** Give **TWO** reasons to show that Baird was not satisfied with his business. *2 marks*

**(a)** ________________________________________________________

**(b)** ________________________________________________________

## 8.4. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2014

### 8.4.1. L-ewwel sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra din l-iskeda u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**L-Iskeda tat-Titjiriet ta' TIR MALTA - Ħarifa 2014**

Il-kumpanija tal-ajru TIR MALTA tixtieq tħabbar l-iskeda l-ġdida ta' titjiriet tagħha għall-ħarifa li ġejja. Dawn huma l-postijiet li se jkun hemm titjiriet diretti lejhom kull ġimgħa:

| Id-Destinazzjoni tat-Titjira | L-Għadd ta' Titjiriet | In-Numru tat-Titjira |
|---|---|---|
| Amsterdam, l-Olanda | 4 | BM 101 |
| Brussell, il-Belġju | 7 | BM 102 |
| Istanbul, it-Turkija | 2 | BM 103 |
| Londra, l-Ingilterra | 14 | BM 104 |
| Madrid, Spanja | 2 | BM 105 |
| Milan, l-Italja | 9 | BM 106 |
| Moska, ir-Russja | 2 | BM 107 |
| Ruma, l-Italja | 7 | BM 108 |
| Tripli, il-Libja | 7 | BM 109 |
| Vjenna, l-Awstrija | 4 | BM 110 |



**Il-Biljetti tal-Ajru**

Biljetti tat-titjiriet tal-iskeda tal-ħarifa 2014 li jinxtraw sal-aħħar ta' Lulju **jingħataw skont ta' 25%.**

**Il-Flotta tal-Kumpanija**

Għat-titjiriet tagħha, TIR MALTA tinqeda bi tnax-il ajruplan tal-għamla Ajrubus 320. Kull ajruplan twil 38 metru, għandu ġwinħajh wesgħin 34 metru, itir b'veloċità ta' 850 kilometru fis-siegħa u jġorr 170 passiġġier/a.

**Servizzi u Sigurtà tul it-Titjira**

Tul it-titjira, il-passiġġieri jingħataw ikla żgħira u xarba friska (ilma jew frott magħsur) b'xejn. Fl-ajruplan ma jistax isir tipjip.

Waqt it-tlugħ u l-inżul tal-ajruplan, il-passiġġieri jintalbu jaqflu ċ-ċintorin tas-sigurtà u jitfu kull apparat elettroniku li jkollhom.

Il-passiġġieri jistgħu jtellgħu magħhom fuq l-ajruplan bagalja żgħira ta' mhux aktar minn 10 kilogrammi. Il-bagalji l-oħra jinżammu f'żaqq l-ajruplan.

**Għal Tagħrif Ieħor**

Ċempel 86812330 jew żur is-sit elettroniku tal-kumpanija TIR MALTA www.tirmalta.com.mt .

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**



## Weġgħa ta' qalb

***L-Ewwel Parti***

"Din l-aħħar waħda għal-lum u naħsiblu," qal bejnu u bejn ruħu Karlu, il-purtinar tal-iskola. Ta daqqa t'għajn lill-klassi biex jara li t-twieqi magħluqin u d-dwal mitfija. Kien ħiereġ l-aħħar meta **għajnejh waqgħu** fuq xi ħaġa safra fuq mejda fil-ġenb tal-klassi. "Ara x'għandna hawn," qal bi tbissima fuq wiċċu hekk kif resaq lejn il-mejda. "Oħra mal-kollezzjoni tas-Sur Agius! Din tidher għadha ġdida jaħasra!" ċaqlaq rasu l-purtinar hekk kif ġabar umbrella safra li xi ħadd nesa warajh fil-klassi. **(paragrafu 1)**

Karlu ħaffef il-pass lejn l-uffiċċju tal-kap tal-iskola. Is-Sur Agius kien mitluf u rasu mgħaddsa fil-kompjuter. Waqaf u għolla rasu xħin sema' lil Karlu ġej biċ-ċekċik tal-mazz kbir ta' ċwievet li kellu jitbandlu ma' qaddu.

"Is-sala lesta għal għada, Karl?" staqsa l-kap malli Karlu tfaċċa fil-bieb. "Tinsiex li għandna l-kunċert tat-tfal tas-Sitt Sena."

"Iva, Sur Agius, kollox lest u armat għall-kunċert," aċċertah Karlu. "Sibt din l-umbrella fil-klassi tas-Sur Muscat. Nista' nqegħidha fil-kabord mal-oħrajn?" staqsa l-purtinar fuq ix-xwiek waqt li ħares lejn l-arloġġ il-kbir imdendel fuq ras is-surmast. **(paragrafu 2)**

"Iva, jekk jogħġbok," wieġbu s-Sur Agius filwaqt li qabad il-lapes u beda jħażżeż fuq ktejjeb li kellu quddiemu. "Ser nieħu nota biex għada waqt il-laqgħa ta' filgħodu navża biex min ħallieha warajh jiġi għaliha. Infakkarhom ukoll fl-affarijiet l-oħra li hemm għax il-kabord imtela b'umbrelel, ġkieket u flokkijiet. Anke par żarbun tal-futbol hemm!"

Karlu fetaħ il-bieba tal-kabord, xeħet bl-addoċċ l-umbrella s-safra u ħareġ jgħaġġel **bla kliem u bla sliem**. **(paragrafu 3)**

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*It-Tieni Parti*



L-umbrella s-safra kellha qalbha sewda. Bkiet xi ftit meta spiċċat waħidha fil-klassi imma issa fid-dlam tal-kabord bdiet tibża' aktar. "Imma kif insietni Sara?" bdiet thewden l-umbrella. "U kemm kienet mgħaġġla u moħħha mtajjar biex ħallietni warajha?"

"Ħelow, kif inti?" ħasadha leħen irqiq ġej mit-tarf tal-kabord.

"Min hawn?" staqsiet imbeżżgħa l-umbrella s-safra. "Int min int?"

"Tibża' xejn. Jien ġakketta tal-isport u ilni hawn xi **xahar**. Milli jidher sidi m'għandux bżonni aktar għax ma ġiex jiġborni," qalet il-ġakketta b'ton imnikket. **(paragrafu 4)**

"X'waħda din! Allaħares tagħmilli hekk Sara," bdiet tgħid l-umbrella s-safra b'leħen miksur.

"Ara, mhux sew jagħmlulna hekk," qal ftit irrabjat iż-żarbun tal-futbol miftuq mill-ġenb. Milli jidher kien ilu mitluq fil-kabord għax kellu kisja trab fuqu. "L-ewwel jużawna u nagħmlu mill-aħjar biex naqduhom tajjeb; imbagħad, xħin jidhrilhom, ma jkunux iridu jafu bina aktar. Hekk mhux sewwa," ipprotesta ż-żarbun waqt li bosta oġġetti oħra qablu miegħu. **(paragrafu 5)**

L-umbrella s-safra ħassitha mdejqa tisma' dan il-kliem. Bejnha u bejn ruħha bdiet titlob biex Sara ma tagħmilx bħal tfal oħra u tabbandunaha fid-dlam ta' dak il-kabord. Safejn taf hi, dejjem qdiet dmirha sew u kull meta Sara fetħitha, dejjem laqgħetilha l-ilma tax-xita u ffrankatilha tixriba. U mhux darba jew tnejn kellha tiġġieled mal-qawwa tar-riħ li pprova jisraqha minn id Sara. Tgħidx kemm-il darba nbarmet 'l hawn u 'l hemm biex tilqa' x-xita qawwija u Sara ma tixxarrabx. **(paragrafu 6)**

Sara u l-umbrella s-safra kienu saru ħbieb u jmorru l-iskola flimkien. "Ma nagħmlux mod li Sara sabet xi umbrella isbaħ u se titlaqni? Allaħares!" ħasbet l-umbrella filwaqt li rasset għajnejha flimkien biex iżżomm demgħa milli taqbżilha. **(paragrafu 7)**

## Reading Comprehension 1 (6 marks)

**Read these instructions carefully and answer the questions on the opposite page.**

### How to make a sandwich

**Pick your favourite type of bread.**

You can use white, wheat, wholemeal, rye or any other type of bread, even gluten-free. You need two whole slices of bread to make a full sandwich, or you can use one slice to make a half sandwich. You can also toast your bread.

**Choose a spread that will make the bread stick together.**

Margarine, ricotta, tomato paste, or mustard are common good choices. Combine two spreads for a different and delicious taste.

**Add fillings.**

Cheese, lettuce, tomato, pickles, onions, tuna, ham, turkey, beef, chicken, various other meats – you have got a lot of choices. What you put on a sandwich is really up to your imagination and preferences. Just remember to put together things you enjoy eating because you have to eat it.

**When you have finished putting together the ingredients, slice the sandwich diagonally for easier handling.**

Add a cup of soup, fresh fruit juice, milk or a drink of your choice to go with it for a complete and healthy meal. Keep in mind that sandwiches can be eaten at any time but are often had at lunch time.

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the text below, which is divided into two sections. Then, answer the questions that follow each section.**

**Section 1**

## The Tower of London



**1078** First foundations are laid by William the Conqueror.

**1100** The Tower is used as a prison for the first time.

**1101** The first prisoner makes a daring escape.

**1220** Henry III adds new buildings to The Tower.

**1275** Edward I adds new buildings: St Thomas's Tower and Traitors' Gate.

**1485** Henry VII sets up the Beefeaters to guard The Tower.

**1536** Queen Anne Boleyn is beheaded on Tower Green.



**1660** Crown Jewels are exhibited.

**1780** The last hangings take place on Tower Hill.

**1841** Crown Jewels are saved from a fire at The Tower.

**1850** Koh-i-nor diamond is presented to Queen Victoria.

**1941** The Tower is damaged by bombings in World War II.

**Section 2**

The Tower of London is the oldest palace, fortress and prison in Europe. The history of The Tower of London stretches back almost 1,000 years. The full name of The Tower is actually: *Her Majesty's Royal Palace And Fortress, The Tower of London.* **(Paragraph 1)**

The foundations were laid in 1078 and the castle has been constantly improved and extended. Over the centuries many kings and queens enlarged the area around The Tower of London by constructing new buildings. **(Paragraph 2)**



**The Tower of London**

The addition of other smaller towers, extra buildings, walls and walkways, gradually changed the building. For many years it was used by the monarch to imprison people for various reasons. **(Paragraph 3)**

The Tower of London also housed what was known as the 'Royal Menagerie', a collection of exotic animals. The first animals to arrive were lions, an elephant and a polar bear which would hunt for fish in the River Thames. Later came tigers, kangaroos and ostriches. The menagerie was closed in 1835 and the animals were taken to London Zoo. **(Paragraph 4)**

During World War II, bombs damaged The Tower of London and destroyed several of its buildings. After the war, the damage was repaired and The Tower of London was reopened to the public. **(Paragraph 5)**

The most famous tourist attraction in The Tower of London is the collection of Crown Jewels that has been on display since the 17$^{th}$ century. Most of the jewels were created around the year 1660. The jewels can be found in the Jewel House which was built to house the symbols of royalty such as the crown, sceptre and sword. Some of the important items of the collection are the Imperial State Crown with more than 2,800 diamonds and the famous Koh-i-Nor, a 105 carat diamond which was presented to Queen Victoria in 1850. **(Paragraph 6)**

At the main entrance of The Tower of London one finds the Beefeaters. They not only guard The Tower of London, but also give guided tours of the fortress. There are about 40 Beefeaters. One of them is known as the Ravenmaster. He is responsible for the ravens that have been living there for centuries. **(Paragraph 7)**



The Ravenmaster



A Raven

There is a legend about The Tower of London. It says that The Tower of London and the kingdom will fall if the ravens leave, so the wings of the ravens are clipped to prevent them from flying away. **(Paragraph 8)**

The Tower of London is still a royal residence of Her Majesty The Queen. She has a house on site called 'The Queen's House' in which she could still live if she wished. **(Paragraph 9)**

**Adapted from *The Tower of London* (www.britainexpress.com)**

**Questions on Section 2** **12 marks**

6. What happened to the Royal Menagerie? (1 mark)

______________________________________________________

______________________________________________________

7. **(a)** Find **a word** from **paragraph 4** which is **the opposite** of *leave*. (½ mark)

____________________________

**(b)** Which **phrase of two words** in **paragraph 7** tells you that the ravens have been living at The Tower of London *for a very long time*? (½ mark)

______________________________________________

8. Name **two objects**, mentioned in the passage, that represent royalty. (1 mark)

**(a)** ________________________ **(b)** ________________________

## 8.4.2. It-tieni sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra din l-iskeda u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

### L-Iskeda ta' VJAĠĠI FLIEGU - Sajf 2014

Il-kumpanija VJAĠĠI FLIEGU tixtieq tgħarraf lill-pubbliku bl-iskeda l-ġdida ta' vjaġġi bil-baħar bejn Għawdex u Malta għas-sajf, minn Ġunju sa Settembru 2014.

Il-vjaġġi bejn iż-żewġ gżejjer mit-Tnejn sas-Sibt se jkunu kif ġej:



| Mill-Imġarr, Għawdex | Miċ-Ċirkewwa, Malta |
|---|---|
| 5:00 | 5:30 |
| 7:00 | 7:30 |
| 9:30 | 10:00 |
| 11:30 | 12:00 |
| 15:00 | 15:30 |
| 17:30 | 18:00 |
| 20:00 | 20:30 |
| 22:30 | 23:00 |



| Il-Prezzijiet tal-Biljetti | |
|---|---|
| It-tfal | €2 |
| L-adulti | €5 |
| Ix-xufier u l-karozza | €15 |
| L-anzjani | €3 |

**Fil-Ħdud u l-festi pubbliċi l-vjaġġi jkunu aktar spissi, kull nofs siegħa.**

**Il-Faċilitajiet fuq il-Vapuri**
Fuq il-vapuri tal-VJAĠĠI FLIEGU wieħed isib kafeterija, ħanut tal-kotba u post fuq barra bil-bankijiet għall-arja.

**Għal min jeħtieġ Għajnuna Speċjali**
In-nies li jkunu jeħtieġu għajnuna speċjali fuq il-vapur għandhom iċemplu lill-kumpanija mhux inqas minn siegħa qabel il-vjaġġ biex kif jaslu fit-terminal tal-port, jingħataw l-għajnuna meħtieġa.

**Is-Sigurtà**
Il-passiġġieri għandhom jobdu l-istruzzjonijiet li jingħataw mill-kaptan u l-ħaddiema tal-kumpanija. Waqt il-vjaġġ il-passiġġieri ma jistgħux joqogħdu fil-vetturi. Importanti li l-passiġġieri jagħtu kas tat-tabelli u s-sinjali.

**Għal Tagħrif Ieħor**
Ċempel 56567124 *jew* żur is-sit elettroniku tal-kumpanija VJAĠĠI FLIEGU www.vjaġġifliegu.com.mt .

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**



### Ġejjin u Sejrin

*L-Ewwel Parti*

Sebaħ jum ġdid t'Awwissu. Fid-dar tal-familja Agius kien hemm geġwiġija sħiħa. Kulħadd kellu ħafna x'jagħmel. Meta jiltaqgħu f'xi kamra jew kuritur iħarsu bis-serqa lejn xulxin u jitbissmu b'idejhom mimlijin ħwejjeġ. **(paragrafu 1)**

"Paul," sejħet Helen. "Tista' jekk jogħġbok **tiġi tniżżilli l-bagalja s-sewda** minn fuq il-gwardarobba?" Ir-raġel qabad il-banketta u resaq lejn il-gwardarobba. Tela' bilwieqfa u, filwaqt li ġġebbed fuq ponot subgħajh, irnexxielu jilħaq il-widna tal-bagalja u bi skoss qawwi ġibidha lejh. Sħaba trab waqgħet fuq wiċċu u, biex jevitaha, ħares in-naħa l-oħra. Ballun żgħir tal-kamoxxa tgerbeb għal fuqu minn fuq il-bagalja u waqa' jaqbeż fl-art. "Ara fejn hu l-ballun tiegħi!" għajjat Kurt ferħan. Telaq kollox minn idu u mar jiġri jilħaq il-ballun qabel ma jidħollu taħt is-sodda. "Jaqaw ħbejthuli inti hemm fuq, Katya?" staqsa lil oħtu waqt li żamm il-ballun tajjeb f'idu. **(paragrafu 2)**

"Ara, issa morru komplu u ħalluni ħa nibda nippakkja," qatgħetilhom kliemhom l-omm filwaqt li ħadet il-bagalja minn idejn żewġha. "Kemm għandha żmien din il-bagalja!" qalet bejnha u bejn ruħha. "U kemm ħarġet tajba! Niftakar li xtrajnieha meta **sifirna** l-ewwel darba jien u Paul għaxar snin ilu''. **(paragrafu 3)**

Hekk kif Helen mesħitha bi **sponża** niedja, il-bagalja ħadet ir-ruħ. L-omm fetħet iż-żipp tal-bagalja bil-mod u għolliet il-wiċċ. Helen bdiet tippakkja l-ħwejjeġ li kellhom jieħdu magħhom għall-ġita ta' ġimgħa Vjenna. Ross minn hawn u agħfas minn hemm, il-ħwejjeġ kollha sabu posthom fil-bagalja. Helen ippruvat tagħlaqha **imma ż-żipp ma riedx jaf**. Lanqas jiċċaqlaq ma tħajjar! Mill-ewwel sejħet lil Paul li basar x'kienet il-problema. **(paragrafu 4)**

"Kemm se ġġib ħwejjeġ? Mela ħsibt li se mmorru għal xahar?" daħkilha Paul filwaqt li ntefa' fuq il-bagalja b'ruħu u ġismu. Bi tbatija rnexxielu jagħlaqha u jaqfel il-katnazz. "Mela issa lesti. Ara ma tivvintaw xejn iżjed għal ġol-bagalja. Nittama li meta jgħabbuha fuq l-ajruplan jibżgħu għaliha għax mimlija daqs bajda. Naħsbu biex immorru!" għajjat ferħan Paul filwaqt li beda jiġbed il-bagalja warajh fuq ir-roti. **(paragrafu 5)**

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*It-Tieni Parti*



"Iss, ħej. Kemm ġejt sew!" gergret il-bagalja s-sewda. "Kemm kont aħjar kwieta u minsija fuq dik il-gwardarobba. Inħossni se nixpakka. Anzi ejja, poġġewni fuq il-bagalji l-oħra u mhux taħthom, bħal dik il-ħamra miskina."
"Jaqaw ma tantx jużawk lilek?" staqsietha bagalja ċkejkna ċelesti viċin tagħha. "Jien drajt niġri minn pajjiż għal ieħor. Sidi aktar idur id-dinja milli joqgħod Malta." **(paragrafu 6)**

"Isma', toqogħdux tgorru. Aħna dak xogħolna, li nġorru minn pajjiż għal ieħor," fakkrithom bagalja sabiħa tleqq kulur il-brunġiel. "Jien dort l-Ewropa mas-Sinjura Fiteni u tgħidx kemm tieħu ħsiebi u tibża' għalija. Kull darba li ssiefer teħodni biex igeżwruni fil-plastik ħalli ma ningirifx."
"Kulħadd b'xortih," qalet il-bagalja s-sewda. "Veru li xogħolna nġorru, imma xieraq li jittrattawna aħjar, speċjalment dawk li jgħabbu u jħottu l-ajruplani. Tgħidx x'kull tisbita jtuna. Mhux l-ewwel darba li tiċċarrat xi bagalja." **(paragrafu 7)**

Lanqas laħqet spiċċat li ma ħassewx skoss qawwi u twerżiq ta' roti. L-ajruplan beda jnaqqas mill-ġiri tiegħu sakemm waqaf għalkollox. Kienu waslu Vjenna! "Nixtiqilkom avventura sabiħa," qaltilhom il-bagalja l-ħamra hi u tieħu nifs twil. "Forsi niltaqgħu fil-vjaġġ lura u nkomplu nitkellmu."
"Grazzi u saħħa..." weġbitha l-bagalja s-sewda, u kienet se tkompli imma par idejn b'ingwanti goffi qabduha minn qaddha, ħarġuha minn żaqq l-ajruplan u xeħtuha bis-sabta fil-qiegħ ta' karru twil tal-ħadid miġbud minn vann żgħir. **(paragrafu 8)**

## Reading Comprehension 1 (6 marks)

**Read these instructions carefully and answer the questions on the opposite page.**

### How to make a cup of tea

**Start with the water.**

Whether you use teabags or loose tea, water is the second most important ingredient. Fill an empty kettle with 250ml fresh, cold water.

**Plug in the kettle and turn it on.**

If you don't have an electric kettle, you can heat a kettle on a cooker.

**Bring the water to the boil.**

Wait until the kettle switches off automatically or whistles to make sure that the water has boiled.

**Heat the cup.**

To heat the cup, rinse it out with boiling water. Then place the teabag into the cup.

**Add water.**

Pour water from the kettle into the cup until it is nearly full. If you wish to add some milk, leave room for it.

**Wait for the teabag to release the tea flavour.**

Wait for three to five minutes to let the teabag release the tea flavour. If milk is desired, add into the cup. Do not add milk until the colour of the tea is as dark as you want it.

**Use a teaspoon to remove the teabag.**

Throw the teabag away, or recycle it, as desired.
If you like your tea sweet, place a teaspoon of sugar or honey into the cup and stir well.

**Drink and enjoy the goodness of the tea.**

For a lovely afternoon snack, you might like to add some biscuits or a piece of cake on a plate along with your tea.

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the text below, which is divided into two sections. Then, answer the questions that follow each section.**

## Section 1 The Channel Tunnel




**1802** French engineer Albert Mathieu Favier suggests an underwater tunnel between France and England.

**1875** The Channel Tunnel Company Limited begins digging near Dover, England.

**1882** Work is stopped. The British are afraid of a foreign attack.

**1974** The French and British Governments start digging again, but the British Government stops the work again.

**1984** A contest to choose the best plan is held.

**1986** France and England agree to continue the project.

**1988** Tunnelling begins again in France and England.

**1990** The two tunnels meet midway under the Channel. The British arrive there first.

**1994** The Channel Tunnel is officially opened and trains begin to use it.

**1996** A fire in a lorry shuttle damages the tunnel.




**2004** One of the 580-tonne drills used to excavate the tunnel is put up for sale on eBay. It is sold for £39,999.

**2007** Eurostar Train Company changes its London terminus from Waterloo Rail Station to St Pancras Rail Station.

**Section 2**

For centuries, crossing the English Channel by boat or ferry had been considered a miserable experience. The bad weather and choppy water made most people seasick. **(Paragraph 1)**

The French engineer Albert Mathieu Favier made a plan for a tunnel to be dug under the water of the English Channel. This tunnel was to be large enough for horse-drawn carriages to travel through. The British did not like Favier's plan. They were afraid that the French wanted to invade Britain. **(Paragraph 2)**

Over the next two centuries, others created plans to connect Britain with France. But the plans never succeeded. Sometimes the two countries could not agree and sometimes they had no money for the project. **(Paragraph 3)**

In 1984 a contest was held to choose the best plan. The winning company had to do a lot of work. 13,000 workers had to be employed for this immense project. Special machines had to be designed to dig two railway tunnels. Each of the trains that would run through the tunnels would be able to hold cars and trucks. The digging of the tunnels was done by huge machines working from France and Britain until they met in the middle. **(Paragraph 4)**

Up to 1994 there had not been a land link between Britain and Europe for 8,000 years – since the last Ice Age. But on the 19th May of 1994, the Queen of England and the President of France opened the Channel Tunnel with a big ceremony. But not everyone celebrated. While the French saw the tunnel as a symbol of a united Europe, the British were afraid it would create problems. Some thought that animal diseases would spread quickly and others thought that terrorists would enter the country. **(Paragraph 5)**



**The Queen of England and the President of France at the opening**



**Eurostar train crossing the channel**

Today the Channel Tunnel is one of the busiest railway lines in the world. The tunnels are about 40 metres below the sea bed. The shuttle trains are 800 metres long, which is about the length of seven football pitches. **(Paragraph 6)**

Millions of passengers have used the trains. But these trains have also carried some unusual loads such as a shoal of sharks, a stretch limousine and even a helicopter. **(Paragraph 7)**

**Adapted from *History of the Channel Tunnel* (Mary Glasgow Magazines)**

**Questions on Section 2** **12 marks**

**6.** Why were the British suspicious of Favier's plan? 1 mark

____________________________________________

____________________________________________

**7.** **From paragraphs 1 to 4 find:**

**(a)** **two single words** which mean *big.* 1 mark

**(i)** ____________________ **(ii)** ____________________

**(b)** a **word** which is the **opposite** of *losing.* ½ mark

____________________

**8.** When was Britain linked to Europe before 1994? 1 mark

____________________________________________

____________________________________________

## 8.5. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2015

### 8.5.1. L-ewwel sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dan ir-riklam li deher fuq sit elettroniku u aħdem l-eżerċizzji ta' warajh.**

http://www.universali.com

Illoggja | Il-kont tiegħi | Żur siti elettroniċi oħra

# It-teleskopju Seqertel B14



**€299**

Agħfas fuq il-prezz biex tordnah issa u nġibuhulek b'xejn għada wara biebek flimkien ma' ktieb fuq l-univers. Din l-offerta tibqa' tgħodd biss sal-25 ta' Awwissu.

Dan it-teleskopju jiswa mitqlu deheb għal min irid jibda josserva s-sema. Huwa ħafif biex tarmah u biex tużah. Tibqa' mbellah kif b'dan l-apparat iġġib il-kwiekeb tas-sema taħt imnieħrek tant li tibda taħseb li bejnek u bejnhom m'hemmx bogħod! It-teleskopju Seqertel B14 għandu l-funzjonijiet kollha li jġegħluk tħossok astronawta.

**L-ispeċifikazzjonijiet ewlenin:**

- Għandu lenti b'saħħitha ħafna.
- Bih iġġib il-qamar daqslikieku qiegħed fuqu stess.
- Tista' tqabbdu mal-kompjuter u jsiblek il-pjaneti waħdu.
- Tista' tqabbdu ma' kamera tar-ritratti u tiġbed ritratti tas-sema.

It-teleskopju Seqertel B14 se jħallik bla kliem kull darba li tħares minnu biex tgħarrex fis-sema. Tant hu b'saħħtu u sofistikat li żgur mhux se taqilgħu minn ma' għajnejk!

Ibgħat dan ir-riklam lil sħabek.     Ipprintja dan ir-riklam.

Paġna 2 minn 8     Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja 2015     Il-Malti – Il-Fehim mill-Qari

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Dawk atleti!

**L-Ewwel Parti**

Ilbieraħ ħlomt ħolma stramba! Ħlomt li f'Jum l-Isports tal-iskola tagħna jien u sħabi kellna nikkompetu kontra grupp ta' annimali li ġew minn barra minn xtutna. Minkejja li konna l-aħjar atleti tal-iskola, bqajna b'xiber imnieħer. L-annimali kollha li kkompetejna kontrihom kaxkruna. Lanqas medalja waħda jaħasra! Ħallewna bla nifs, inħarsu lejn dawn ħbiebna jiġru, jaqbżu, itiru u jgħumu donnhom ma jegħjew qatt. Dik saħħa! Dik qawwa! Dawk atleti! **(paragrafu 1)**

Kif qomt mir-raqda tiegħi, mort fuq il-kompjuter u fittixt fl-internet biex insib tagħrif fuq l-annimali li ħlomt bihom. Fil-ħolma tiegħi kien hemm ħafna annimali, imma rnexxieli niftakar biss xi wħud minnhom. **(paragrafu 2)**

L-ewwel annimal li niftakar ċar huwa ċ-ċita. Fil-ħolma tiegħi rajt lil Mark u lil Helen itellqu kontra dan l-annimal veloċi. Issa dwar Mark u Helen tajjeb ngħid li ħadd minna ma jlaħħaq magħhom fil-ġiri. Imma maċ-ċita m'hemmx ċajt! **(paragrafu 3)**



Iċ-ċita hija l-aktar ħlejqa li tiġri fid-dinja. Jekk tħares lejha taħsibha xi qattusa kbira liebsa kowt kollu tikek suwed. Għandha denb twil u saqajn twal. Hija titgħawweġ ħafna għax għandha s-sinsla tagħha qisha tal-plastik. **(paragrafu 4)**

Iċ-ċita ssibha fl-Afrika. Tiġri l-aktar meta tkun qed issegwi xi annimal ieħor, biex tieklu, u kapaċi ttella' daqs mija u għoxrin kilometru fis-siegħa. Insomma, biex niftiehmu, iċ-ċita tiġri daqs karozza tal-pulizija meta tkun qed issegwi karozza tal-ħallelin. **(paragrafu 5)**

Fl-internet kien hemm ħafna ritratti ta' annimali. F'wieħed minnhom ilmaħt tigra. Niftakar li f'Jum l-Isports kien hemm tigra u xi annimali oħrajn li baqgħu man-nies jaraw it-tlielaq. Xi ħadd qalli li t-tigra kienet għalqet erbatax-il sena. Ġeneralment, it-tigri ma jgħixux iktar minn ħmistax-il sena. **(paragrafu 6)**

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**



Ħlejqa oħra li niftakar sew fil-ħolma tiegħi hija ħuta b'daharha ta' barra minn hawn. Din il-ħuta kellha ttellaq fl-ilma kontra Pawlu u Josette. Għall-ewwel ma stajtx insib x'inhi fuq l-internet. Imbagħad sibt stampa tagħha fi ktieb tal-ħut. **(paragrafu 7)**

Dan il-ktieb jgħidlek li din il-ħuta hija kelb il-baħar bix-xewka kbira. Imma din il-ħuta mhix kelb il-baħar kif imdorrijin naraw fid-dokumentarji, bi snien kbar u b'xewka żgħira. Aktar qisha pixxispad, għax għandha mneħirha qisu xabla twila, u xewka qisha mrewħa kbira. Fil-baħar m'hemm ħadd li jista' jgħaddiha. Meta tkun qed tgħum, din il-ħuta tagħlaq ix-xewka biex tiġri iktar. Imsieken Pawlu u Josette! Kienu għadhom bilkemm qabżu fl-ilma li din il-ħuta ma kinitx diġà waslet fit-tarf tat-tellieqa! **(paragrafu 8)**



Fil-ħolma tiegħi jien niftakar ukoll lil Ronald, li huwa l-iktar tifel twil u b'saħħtu tal-iskola. Fil-kompetizzjoni tiegħu kellu jaqbad boċċa kbira tal-ħadid u jwaddabha 'l bogħod kemm jista' jkun. Ronald kellu jikkompeti kontra gurilla. **(paragrafu 9)**

Il-gurilla jirnexxilha terfa' piż ta' għoxrin bniedem f'daqqa. Miskin Ronald! Veru li l-boċċa tiegħu waddabha 'l bogħod ħafna. Imma meta l-gurilla tbaxxiet u ġabret il-boċċa tal-ħadid, qisha qed taqbad xi karawetta, waddbitha tant 'il bogħod li dil-boċċa baqgħet ħierġa 'l barra mill-iskola! Fuq l-internet sibt ukoll li l-gurilli jistgħu jgħixu sa 35 sena. **(paragrafu 10)**

Il-ħin tar! Li kien għalija kont nibqa' nfittex fuq l-annimali għax lili tant jgħaġġbuni. Imma missieri, ommi u oħti bdew isejħuli minn isfel għax illum se nerġgħu mmorru l-Buskett u se nkomplu niġbdu r-ritratti tal-għasafar, l-aqwa atleti tal-ajru. **(paragrafu 11)**

## Reading Comprehension 1 (6 marks)

**Read the emails carefully and answer the questions on the opposite page.**

Send | Save | Discard | Insert | APPS

To: alex@vmail.com

Andika | 12 | B | I | U

Hello Alex,

I want to apologise for the way I behaved yesterday. I'd really like to clear the misunderstanding there is between us. I'm so sorry that you were blamed for breaking one of the glass panes in our classroom.

It was I who kicked the ball that broke the glass pane. You were blamed because you didn't run away fast enough and you were the only one still there when the teacher arrived. You were right to be upset and that's why you didn't want to talk to me on our way out of school.

My parents and I have already been to the Head of School to apologise and explain. My parents have agreed to pay for the broken glass pane. They're also going to phone your parents to apologise to them too.

I hope that you understand and forgive me because you're my friend and I want us to continue having fun together.

Your best friend,

Kim

Send | Save | Discard | Insert | APPS

To: kim@kmail.com

Andika | 12 | B | I | U

Hi Kim,

Thank you for your email. To tell you the truth I was so angry that when I got your mail I was going to delete it straight away but I thought twice about it and didn't. You acted very childishly yesterday; that's why I was so angry. Now, I'm calmer and accept your apology. We can continue to be friends but I hope that you've learnt a lesson, to own up immediately when it's your fault.

Your friend,

Alex

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the following text, which is divided into two sections. Then, answer the questions that follow each section.**

**Section 1**

If you think that a vet's life is just all about cuddling adorable kittens and puppies, you may be in for a surprise. Vets also have to see lots of sick animals and that can be very sad. Vets provide medical services for animals. What many people don't know is that vets also protect humans from diseases that animals carry. Here is how one vet, Rebecca Reynolds, described one of her days last week on our website: **(paragraph 1)**



I arrived at the clinic at 8 a.m., half an hour after the receptionist and the nurse. They were preparing to open the clinic. I began my day by examining the animals that needed surgery. The nurse assisted me by taking blood to do some tests so as to make sure the animals were fit for the operation. **(paragraph 2)**

Throughout the day I was busy with appointments. As usual I had a variety of animals to examine. There was a happy, healthy cat and also a dog that was getting old. I even came face to face with a parrot that talked back to me and said, 'Hello Doc, Hello Doc'. Then there was a snake that wanted to wrap around my arm for warmth. I felt so upset when a very worried old couple came in with their best friend, a dog, which was ill. **(paragraph 3)**

I examined more animals until around 11 a.m., by which time I had also met a scared youngster whose hamster wasn't feeling well. In between appointments, the nurse showed me the results of the blood tests for the animals undergoing surgery. After making sure the blood results were normal, the animals received an injection to make them quiet and less anxious. **(paragraph 4)**

**Section 2**



I finished my appointments at 11 a.m. and then I operated on the animals that had been prepared for surgery. There were two male dogs and a female cat. I always try to finish surgery as early as possible. This gives the patient time to recover while the nurse goes round to check progress. After surgery, it was time for a lunch break for my staff and me.

**(paragraph 5)**

At 3 p.m. I rang the owners of the animals that I had operated on and gave them an update. It's always nice to give good news, and tell the owners they can collect their pet. **(paragraph 6)**

An hour later the appointments started again. Most appointments were to give vaccinations, and to supply medicine to make sure the pets didn't get worms or fleas. I also saw a dog that had torn a ligament in his leg and he was booked in for an operation. **(paragraph 7)**

My day usually finishes at 5 p.m. However, when there are the accounts to finish, I go home an hour and a half later than usual. **(paragraph 8)**

So a typical day in the life of a vet has its ups and downs. There are sad parts, happy parts, hard parts, and easy parts. The fun and sometimes the most stressful part of being a vet is that vets get to do everything. They are like the family doctor, the dentist, the surgeon, the eye doctor, the ear doctor all rolled into one. The list never ends! **(paragraph 9)**

**Adapted from:** http://essexanimalhospital.com/blog/2012/10/10/a-day-in-the-life-of-a-veterinarian/

## 8.5.2. It-tieni sessjoni

### L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Aqra dan ir-riklam li deher fuq sit elettroniku u aħdem l-eżerċizzji ta' warajh.**

http://www.tekno.com

Illoggja | Il-kont tiegħi | Żur siti elettroniċi oħra

# Il-kamera Naranara P18



€199

Agħfas fuq il-prezz biex tordnaha issa u nġibuhielek b'xejn għada wara biebek flimkien ma' trepied tad-ditta Annatek. Din l-offerta tibqa' tgħodd biss sat-30 ta' Lulju.

Għalkemm din il-kamera hija żgħira daqs nitfa, in-Naranara P18 għandha l-funzjonijiet kollha biex tkun tista' tiġbed ritratti mill-aqwa kull darba li tużaha. Tibqa' mistagħġeb kif ritratti daqstant sbieħ u ċari jistgħu joħorġu minn kamera hekk żgħira u ħafifa.

**L-ispeċifikazzjonijiet ewlenin:**

- Tiffoka fuq l-oġġetti b'ħeffa tal-għaġeb.
- Iġġib il-kuluri kollha ħajjin u ċarissimi.
- Tista' tiġbed il-vidjows biha.
- Taqbad bl-internet bis-sistema Wi-Fi.

Il-kamera Naranara P18 tiġbed ritratti mill-bogħod ta' wesgħat kbar u ġġiblek kull werqa ta' kull siġra. Biha tista' tiġbed ukoll ritratti mill-viċin ħafna u turik sal-inqas dettall. B'din il-kamera ġġib ritratti tant ħajjin li tistenniehom jinqalgħu 'l barra u jkellmuk.

Ibgħat dan ir-riklam lil sħabek. Ipprintja dan ir-riklam.

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Min hu biha?

**L-Ewwel Parti**

Ħafna tfal Maltin jafu jilagħbu noli. Fi ftit kliem, tmur tistaħba xi mkien u tagħmel minn kollox biex min hu biha ma jarakx. Meta nkunu qed nilagħbu fil-ġnien ta' ħdejn il-knisja, hemm ħafna fejn nistaħbew: jew wara l-bank tal-ġebel, jew wara xi siġra, jew inkella wara l-gabbana tal-ikel. Imma meta mmorru għand in-nanna jkollna iktar fejn nistaħbew! **(paragrafu 1)**

Il-Ħadd li għadda, waqt li konna fil-ġnien ta' ħdejn il-knisja nilagħbu noli, fettilli mmur nistaħba wara s-siġra l-kbira. Issa din is-siġra hija xiħa għakka u z-zokk tagħha huwa oħxon u kollu tikmix. **(paragrafu 2)**



Waqt li kont qed nistaħba, għajnejja marru fuq kamaleonte, wieqaf donnu statwa u ggranfat ma' waħda mill-friegħi. Tant lewnu kien l-istess bħal taz-zokk, li trid għajnejn ta' seqer biex tilmħu! Dak il-ħin, dak il-kamaleonte stħajjiltu qed jilgħab noli huwa wkoll. **(paragrafu 3)**

Imlebleb bil-kurżità biex insir naf aktar fuq il-kamaleonte, kif wasalt id-dar inxtħett fuq il-kompjuter u bdejt infittex fuqu. Sibt li hawn diversi tipi ta' kamaleonte fid-dinja. Dawn issibhom l-aktar fl-Afrika, fl-Asja u fin-Nofsinhar tal-Ewropa. Sibt li l-kamaleonte jibdel lewnu skont l-ambjent li jkun fih, mhux biex jilgħab kif nagħmlu aħna, imma biex l-annimali akbar minnu ma jarawhx u ma jikluhx. Fl-istess ħin huwa jistaħba lill-insetti li jkun irid jiekol. Hekk kif jersqu lejh, joħroġ ilsienu ħafif daqs vleġġa u jiblagħhom f'ħakka t'għajn. **(paragrafu 4)**

Fuq l-internet sibt ukoll li hemm ħafna annimali li jbiddlu lewnhom skont l-ambjent li jkunu fih. Ngħidu aħna, il-qarnita tagħmel l-istess ħaġa bħall-kamaleonte, imma minflok fuq l-art, fil-baħar. Bis-saħħa t'hekk, min jaf kemm-il darba ħelsitha minn ħalq xi kelb il-baħar! **(paragrafu 5)**

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Nafu li l-baħar huwa dinja għalih u l-ħlejjaq li hemm fih huma tal-għaġeb. Hemm min jibdel il-kulur, bħalma tagħmel il-qarnita, u hemm min saħansitra jkun trasparenti. Dan żgur ma jarah ħadd! **(paragrafu 6)**



Hekk, ngħidu aħna, hemm ċertu bram li laħmu huwa bla kulur u ma jidhirx. Lanqas aħna li nkunu qed ngħumu ma narawh, għalkemm it-tingiża taħraq nar tiegħu nħossuha! U kif! **(paragrafu 7)**

F'wieħed mill-kotba li għandna d-dar, darba kont qrajt li n-natura tgħallimna li l-kbir jiekol liż-żgħir u allura min ikun żgħir irid jara kif jagħmel biex il-kbir ma jarahx. Hekk jagħmlu ħafna insetti. Fil-fatt wieħed mill-aktar insetti tal-għaġeb huwa l-insett tal-weraq. Dan jgħaddi għomru u żmienu fuq il-weraq. Meta tħares lejh taħsbu xi werqa. Malta m'għandniex minn dan l-insett u ssibu l-aktar fl-Indja. Huwa jgħix madwar sena, sakemm ma jinkixifx u ma jilħaqx jieklu xi għasfur. **(paragrafu 8)**



Fuq l-għasafar sibt ħafna tagħrif. Xi ġmiel ta' ritratti tagħhom hemm fl-internet! Sibt li xi drabi l-għasafar ikunu mlibbsin rix li ma jagħtix fil-għajn. L-għasafar nisa jkollhom ilwien li jixbhu ħafna l-ilwien taz-zkuk tal-bejtiet li jrabbu fihom iż-żgħar tagħhom. Fost l-akbar makakki tal-ħabi hemm il-kokka u mhux lakemm taraha meta tkun fuq xi siġra! Il-kokka tgħix madwar 13-il sena. **(paragrafu 9)**

Il-bniedem ilu ħafna jipprova biex xi darba jsir inviżibbli. Fil-gwerer, inqas ma jidhru s-suldati, ikun agħar għall-għedewwa, għax ma jarawhomx. Għalhekk jilbsu ħwejjeġ li jaħbuhom minn għajn il-għadu. Imma aħna l-gwerer ma nħobbuhomx u nixtiequ nsiru inviżibbli biex meta nilagħbu noli, min ikun biha, ma jsibna qatt! **(paragrafu 10)**

## Reading Comprehension 1 (6 marks)

**Read the emails carefully and answer the questions on the opposite page.**

Send | Save | Discard | Insert | APPS

**To:** angie@tmail.com

Andika | 12

Hello Angie,

On Sunday 14th June, I'm going to celebrate my tenth birthday and I'd like to do something different this year.

Would you like to come and sleep over on Saturday? Then we can spend Sunday together. I'm also inviting our best friends Sam and Kim. My mum will let us watch a DVD. I've asked for "Frozen" and we can watch it together on Saturday night.

Then on Sunday we plan to go on a picnic at Buskett. My dad has offered to drive you all back home on Sunday evening.

I hope you'll accept my invitation.

Your best friend,
Kyle

Send | Save | Discard | Insert | APPS

**To:** kyle@smail.com

Andika | 12

Dear Kyle,

Thank you for the invitation. I'd love to come to your house for the sleepover and the birthday picnic. I asked my parents and they immediately said yes.

I'll bring my sleeping bag and your birthday present, of course. "Frozen" is my favourite movie at present and I don't mind watching it again. I'm sure we'll all enjoy ourselves. I hope that Sam and Kim will accept too.

See you on Saturday.

Your friend,
Angie

## Reading Comprehension 2 (24 marks)

**Read the following text, which is divided into two sections. Then, answer the questions that follow each section.**

### Section 1

If you think that a chef's life is full of cooking day in and day out, you may be surprised to learn what a typical day for a chef is actually like. Although a person who holds the job title of "cook" probably does spend most of each day simply cooking, a chef's life involves much more than that. Here is how one chef, Oliver James, described one of his days last week on our website:

**(paragraph 1)**



I opened the restaurant just before 8 a.m. I immediately began to make a list of all the food and beverages needed for the day. As soon as the deliveries were made in the morning, I made sure that all fruits and vegetables were fresh. I also checked that all the other products we needed that day, such as meat and drinks, had not expired. **(paragraph 2)**

The kitchen workers began to arrive soon after I did. I had to make sure that there were enough workers. One worker phoned to say he was sick and would not be coming. I had to call someone else to replace him. **(paragraph 3)**

There were a thousand and one things to do before the lunch crowd began to arrive at around 11.30 a.m. Work started on those dishes that needed longer to cook or had to be prepared ahead of time, such as soups and desserts. I gave advice to my workers so that they would give their best. I wanted to be sure that clients would be completely satisfied. I also went round the different areas of the kitchen assisting the other workers in whatever area was lagging behind. **(paragraph 4)**

**Section 2**

By early afternoon the lunch crowd left, so my workers and I had time to take a lunch break of our own. As usual we stayed at the restaurant and ate our midday meal together. As soon as we finished, the beverage distributors made their deliveries which I checked carefully. I wanted to make sure that the delivery included exactly those drinks that were ordered, in the proper quantities. **(paragraph 5)**



Time flew by and from 4 p.m. onwards, I was busy supervising the kitchen workers as they prepared for the dinner crowd. This involved making sauces, chopping and slicing vegetables and beginning to cook any meats that would take a long time to prepare, such as roasts or baked poultry. **(paragraph 6)**

Dinner time was the busiest time of day. It started at around 6 p.m. and lasted until 10 that night. The dinner rush involved a great deal of activity in the kitchen. It all had to be supervised by me. My duties during this time of day could be compared to a conductor leading an orchestra. **(paragraph 7)**

At the end of the day the kitchen workers did the cleaning up. Meanwhile, I planned the menu for the following day. After such a busy day, everyone was tired but satisfied that all had gone well. We went home for a well-deserved rest, looking forward to spending some time with our families. **(paragraph 8)**

**Adapted from:** http://work.chron.com/day-life-chef-21591.html

## 8.6. Il-karti tal-eżami tal-Benċmark 2016

### 8.6.1. L-ewwel sessjoni

L-Ewwel Taqsima (10 marki)

# Mill-għalqa għal fuq il-mejda: Kif issir il-ħobża Maltija

1.



Id-dqiq li minnu nagħmlu l-ħobż isir mill-qamħ. Dan jitkabbar fl-għelieqi għal tmien xhur sħaħ. F'Ġunju jinħasad, jintaħan u jsir dqiq. Fl-imgħoddi kienu jintużaw l-imtieħen tar-riħ għal dan ix-xogħol.

2.



Mad-dqiq jiżdiedu l-ilma u l-melħ u jintgħaġnu sewwa biex jifformaw għaġina ratba u bajda. Magħhom il-furnar iħallat ukoll il-ħmira li tgħolli l-għaġina u tagħti t-togħma lill-ħobż.

3.



L-għaġina trid tinħadem sewwa bl-idejn jew bil-magni. Wara titħalla toqgħod għal madwar sagħtejn biex il-ħmira taħdem.

4.



Imbagħad il-furnar iqatta' l-għaġina f'biċċiet skont jekk iridx jagħmel ħobża kbira, ftira, panina jew bezzun. Il-furnar jiżen l-għaġina biex il-ħobż ikun kollu tal-istess piż.

5.



L-għaġina tiddaħħal f'forn li jkun imsaħħan f'temperatura ta' 250 grad Celsius. Il-ħobża Maltija tieħu madwar siegħa u kwart biex tinħema. Il-furnar juża pala tal-injam biex joħroġ il-ħobż jaħraq u jħallih jibred fil-kaxxi.

6.



Illum il-ħobża Maltija hija parti ewlenija mill-ikel tagħna ta' kuljum. Bosta turisti li jiġu jżuruna jiġġennu warajha meta jduquha bit-tadam, iż-żejt taż-żebbuġa u l-ħwawar.

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

## Mahatma Gandhi: Missier l-Indja Moderna

### L-Ewwel Parti



Żewġt irġiel telgħu f'vagun ta' ferrovija ppakkjat bin-nies u l-annimali. Ma sabux fejn ipoġġu u qagħdu bilqiegħda fil-bieb, b'saqajhom imdendlin 'il barra, iħarsu u jitpaxxew bil-ġmiel tal-kampanja. Ħin minnhom inħass skoss qawwi u wieħed mill-irġiel waqgħetlu s-sandlija tax-xellug u taret mar-riħ. Dan kien pront tbaxxa, qala' l-leminija u waddabha wara l-oħra. Sieħbu baqa' ċċassat iħares lejh. "Sandlija waħda ma tiswieli xejn," qal Gandhi bi tbissima. "Jekk xi fqir isib l-ewwel waħda, issa jkollu l-oħra wkoll u jkollu par x'jilbes." (paragrafu 1)

Gandhi twieled fl-Indja fit-2 t'Ottubru 1869. Il-ġenituri tiegħu riedu jagħtuh l-aqwa edukazzjoni imma hu ma tantx kien iħobbha l-iskola. Bħalma kienet id-drawwa fi żmienu, Gandhi kellu jiżżewweġ ta' 13-il sena lil tfajla **tamparu** jisimha Kasturba. Iż-żwieġ kien miftiehem bejn il-familji u l-koppja baqgħet flimkien sal-mewt. Huma kellhom erbat itfal. Il-ġenituri ta' Gandhi baqgħu jinsistu li jkompli jistudja u ta' 18-il sena bagħtuh Londra, fejn laħaq avukat. (paragrafu 2)

Kif sar avukat, Gandhi mar bil-familja tiegħu jaħdem fl-Afrika fejn għamel ħabib ma' perit Ġermaniż. Hemmhekk beda jara ħafna nies ibatu l-faqar u għalhekk beda jikteb fil-ġurnali biex jaqbeż għalihom, imma spiċċa arrestat. Meta ġie biex joħroġ mill-ħabs, sieħbu tant feraħ li mar xtara karozza ġdida biex jieħdu biha d-dar. Imma meta Gandhi ħareġ u raha, dar fuqu u ċanfru: "Imissek tistħi mort infaqt dawk il-flus kollha f'karozza ġdida meta taf kemm hawn nies madwarna bil-ġuħ. Qis li tmur iġġib flusha lura. Jien se mmur bil-mixi." U ħallieh b'ħalqu miftuħ! (paragrafu 3)

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**



Fl-1916 Gandhi telaq mill-Afrika u mar lura l-Indja li dik il-ħabta kienet titmexxa mill-Ingliżi. **Waħħalha f'rasu** li jidħol fil-politika biex jaħdem favur il-poplu Indjan. Huwa ried ikeċċi lill-Ingliżi, jeqred il-faqar, u jagħti drittijiet indaqs lil kulħadd. Gandhi beda jorganizza l-protesti kontra t-taxxi fuq il-bdiewa. Dejjem kien jipprietka lin-nies li qatt ma kellhom jużaw il-vjolenza, lanqas mas-suldati Ingliżi li kienu jaħqruhom. Il-fama tiegħu malajr xterdet u bdew isejħulu 'Mahatma' li tfisser 'persuna kbira'. (paragrafu 4)

Xi nies ma qablux ma' Gandhi u riedu jeħilsu minnu. Ippruvaw joqtluh sitt darbiet. Il-Gvern Ingliż ma tantx kien jieħu gost bit-tagħlim ta' Gandhi u arrestah kemm-il darba. Gandhi spiss kien jgħid: "Jien qatt ma weġġajt lil ħadd u ma nqis lil ħadd għadu tiegħi. Għalhekk ma nistax nifhem kif hawn min irid joqtolni!" (paragrafu 5)

Imma l-ikbar sfida li kellu jħabbat wiċċu magħha Gandhi kienet l-għaqda fost l-Indjani. Huma kienu mifrudin minħabba li kienu jħaddnu reliġjonijiet differenti. Il-ħolma tiegħu li l-Indjani jingħaqdu swietlu ħajtu għax fit-30 ta' Jannar 1948, waqt li kien sejjer jitlob, resaq fuqu raġel u sparalu. Gandhi kellu 78 sena. (paragrafu 6)

Minkejja li Gandhi ħadem ħafna għall-paċi u ġie nnominat ħames darbiet biex jingħata l-Premju Nobel għall-Paċi, dan qatt ma ngħatalu. Madankollu kienu ħafna l-mexxejja kbar li ġew warajh, bħal Martin Luther King u Nelson Mandela, li mxew fuq it-tagħlim tiegħu. (paragrafu 7)

Wieħed mill-jiem nazzjonali tal-Indja huwa t-2 t'Ottubru, jum it-twelid ta' Gandhi. F'din il-ġurnata nfakkru wkoll il-Jum Internazzjonali kontra l-Vjolenza. (paragrafu 8)

**Reading Comprehension 1** **(6 marks)**

**Read the following schedule carefully and answer the questions below.**

## Mid-day Break Activities

| MONDAY | TUESDAY | WEDNESDAY | THURSDAY | FRIDAY |
|---|---|---|---|---|
| Gardening | Basketball | Tennis | Board Games | Cookery |
| Drama | Dance | Craft | Science Club | Gymnastics |
| Hockey | Table Tennis | Choir Practice | Athletics | Reading Club |

**1.** **Underline the correct answer.** **3 marks**

**(a)** Daniel plays basketball on (Monday, Tuesday, Thursday).

**(b)** Maria needs to take the ingredients for cookery with her to school on (Wednesday, Thursday, Friday).

**(c)** Karl needs to take his hockey stick with him to school on (Monday, Wednesday, Thursday).

**(d)** Jake and Nicole play table tennis every (Monday, Tuesday, Wednesday).

**(e)** Vicky enjoys playing board games with her friends every (Tuesday, Wednesday, Thursday).

**(f)** Mia must remember to take her reading book to school on (Wednesday, Thursday, Friday).

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the following text which is divided into two sections. Then, answer the questions that follow each section.**

**Section 1**

Mark ran across the fields to Miss Pride's shop at Sticks Corner and asked if she had any cornflakes.

'Oh, I don't think I have any left, dear,' Miss Pride said. 'I'll have a look ... I think I sold the last packet a week ago Tuesday.'




'What about the one in the window?' asked Mark.

'That's a dummy packet, dear,' replied Miss Pride.

Miss Pride's shop-window was full of nasty old cardboard cartons with nothing inside them, and several empty display stands which had fallen down and never been propped up again. Inside the shop were a few small, tired-looking tins and jars, which had a **worn** and scratched appearance as if mice had tried them and given up. Miss Pride herself was small and pale, with yellowish grey hair; she searched rather **hopelessly** in a pile of empty boxes. Mrs Armitage, Mark's mother, never bought any groceries from Miss Pride if she could help it, since the day when she had found a label saying 'This cheese should be eaten before 11th May 1899.'

'No cornflakes, I'm afraid, dear,' said Miss Pride.

'Any Wheat Crispies? Puffed Corn? Rice Nuts?' asked Mark.

'No, dear. Nothing left, only Brekkfast Brikks,' replied Miss Pride.

'Never heard of *them*,' said Mark doubtfully.



'Or I've a jar of Ovo here. You spread it on bread. That's nice for breakfast,' said Miss Pride with a sudden burst of salesmanship. Mark thought it looked beastly, like yellow paint; so he took the packet of Brekkfast Brikks. At least it wasn't very big. On the front of the box was a picture of a boy banging on the plate with his spoon.

**Section 2**

'They look like tiny doormats,' said Mrs Armitage, as Mark **shovelled** some Brikks into his bowl.

'They taste like them too. Gosh,' said Mark, 'I must hurry or I'll be late for school. There's a rather nice little cut-out garden on the back of the packet, though; don't throw it away when it's empty. Goodbye,' he shouted through the door.



At breakfast the next morning, Mark had a huge helping of Brekkfast Brikks and persuaded his father to try them.

'They taste just like grass,' complained Mr Armitage.

'Yes, I know, but do take some more, Daddy. I want to cut out the model garden, it's so lovely,' added Mark.



'Rather pleasant, I must say. It looks like a very old German painting,' his father agreed. 'It certainly was a stroke of genius putting it on the packet. No one would ever buy these things to eat for pleasure. Pass me the sugar, please. And the cream.'

It was the mid-term break; so after breakfast Mark was able to take the empty packet away to the playroom and get on with the job of cutting out the stone walls, the row of little trees, the fountain, the two green lawns, and the tiny clumps of brilliant flowers. He knew better than to 'stick tabs in slots and secure with glue' as the directions suggested; he had made models of packets before and knew they always fell to pieces unless they were firmly bound together with transparent sticky tape.

It was a long, messy, pleasurable job.

Nobody interrupted him. Mrs Armitage only cleared the playroom once every six months or so, when she made a ferocious descent on it and tidied up roller-skates and dismantled railway-engines, threw away countless old magazines, stringless tennis rackets, abandoned paintings, and unsuccessful models. There were always bitter complaints from Mark; then he forgot and things piled up again till next time.

(Adapted from *The Serial Garden* by Joan Aiken)

### 8.6.2. It-tieni sessjoni

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

## Mill-baqra għall-barmil: Kif isir il-ġelat

1.



L-iktar ingredjent importanti biex isir il-ġelat huwa l-ħalib tal-baqra. Dan għaliex huwa ħalib imxaħħam u addattat għall-ġelat għax fih mill-inqas 10% xaħam.

2.



Ingredjent ieħor li jitħallat mal-ħalib huwa z-zokkor. Jintefa' wkoll l-għasel jew ħlewwiet oħra skont ir-riċetta speċjali tal-prodott. Jitħalltu wkoll elementi oħra biex ma jħallux l-ilma fil-ħalib jagħqad u jiġi bil-biċċiet tas-silġ fih.

3.



It-taħlita kollha titqalleb u titħawwad sew flimkien permezz ta' makkinarju apposta. Il-fabbriki tal-ġelat jagħmlu dan f'tankijiet kbar tal-metall u f'ambjent nadif xummiema.

4.



It-taħlita jippumpjawha f'tankijiet oħra apposta biex jippasturizzawha. Tissaħħan f'temperatura ta' $72^0$C u tinżamm hekk għal 15-il sekonda. Wara titkessaħ f'daqqa għal $4^0$C u tintbagħat fil-friża. Dan isir biex jinqerdu mikrobi ħżiena li jkun hemm fil-ħalib.

5.



Waqt li t-taħlita tkun fil-friża, din tinħadem biex ma tagħqadx. Jibdew iżidu l-ingredjenti li jagħtu t-togħma partikulari lill-ġelat. Fosthom insibu l-frott, il-lewż u ċ-ċikkulata. Dawn jintefgħu fl-aħħar ħin waqt li l-ġelat ikun qed jagħqad.

6.



Hekk, sa fl-aħħar, il-ġelat jitħalla jagħqad u jkun lest biex jitqiegħed fi bramel jew kontenituri oħra tal-plastik u jitqassam fil-ħwienet jew supermarkits. Lilna erħilna ngawdu l-benna u t-tjubija tal-ġelat u ntaffu ftit mis-sħana qalila tas-sajf!

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

## Nelson Mandela – Il-Ħellies tal-Afrika t'Isfel

### L-Ewwel Parti



Waqt żjara fiċ-Ċina, Nelson Mandela, il-President tal-Afrika t'Isfel, qagħad f'lukanda lussuża. Huwa kellu d-drawwa li ta' kull filgħodu jifrex is-sodda tiegħu. L-assistenti tiegħu spjegawlu li l-ħaddiema tal-lukanda jieħdu għalihom jekk il-klijenti jifirxu s-sodda tagħhom. Iżda Mandela **ma riedx jaf** u talabhom isejħu lil min jifrex is-sodod. Il-ħaddiem deher beżgħan, imma Mandela spjegalu li huwa kien imdorri jagħmel is-sodda tiegħu u hekk xtaq jibqa' jagħmel; biss **ma ridux jieħu għalih**. (paragrafu 1)

Nelson Mandela twieled fit-18 ta' Lulju 1918 fl-Afrika t'Isfel. Tilef lil missieru meta kien għadu żgħir u billi kienu ħafna aħwa, tlettax b'kollox, il-kap tat-tribù addottah bħala ibnu. Mandela kien iħobbha l-iskola u rnexxielu jilħaq avukat. (paragrafu 2)

Dak iż-żmien, fl-Afrika t'Isfel, in-nies bojod kienu jikkmandaw 'il-maġġoranza tas-suwed. Kellhom liġi apposta, magħrufa bħala *apartheid.* B'din il-liġi, il-bojod u s-suwed ma setgħux jgħixu fl-istess post, ma setgħux imorru jieklu fl-istess ristoranti, jew ipoġġu fuq l-istess bank tal-karozza tal-linja. It-tfal kellhom imorru fi skejjel separati u fit-timijiet tal-isport ma setgħux jilagħbu bojod u suwed flimkien. (paragrafu 3)

Fl-1942, Mandela daħal fil-politika u ngħaqad mal-Kungress Nazzjonali Afrikan li kien għadu kif twaqqaf. Huwa beda jħeġġeġ lin-nies biex ma jobdux il-liġijiet inġusti tal-gvern u għalhekk beda jinqala' l-ġlied. Fl-1961 ġie arrestat u ntbagħat ħames snin ħabs. Imma fl-1964 inbidlitlu s-sentenza u spiċċa kkundannat għal għomru l-ħabs. Fil-fatt, Mandela b'kollox għamel 27 sena arrestat, li minnhom qatta' 18-il sena f'xogħol iebes fil-ħabs ta' Robben fuq gżira mbiegħda. F'dan il-ħabs, Mandela tgħallem waħdu l-lingwa tal-mexxejja bojod u biha kien jitkellem mal-gwardjani tiegħu. (paragrafu 4)

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

## It-Tieni Parti



Darba minnhom, il-ħabsin inġabru mill-gwardjani fis-sala biex jaraw film. Gwardjan minnhom beda jgorr għaliex minħabba f'hekk ma kellux ċans jieħu kikkra kafè. Id-darba ta' wara, Mandela ġablu kikkra kafè jaħraq ma' żewġ gallettiniet u l-gwardjan baqa' ċċassat iħares lejh. (paragrafu 5)

Il-gvern ipprova kemm-il darba joffri lil Mandela li jnaqqaslu s-sentenza bil-patt li, meta joħroġ mill-ħabs, iżomm ħalqu magħluq. Imma huwa qatt ma aċċetta. Fl-aħħar huwa nħeles mill-ħabs għaliex il-partit tiegħu beda jdur il-pajjiżi tad-dinja u jħeġġiġhom biex jaqbżu għal Mandela u jitkellmu kontra l-liġi tal-*apartheid.* Ħafna pajjiżi waqqfu kull negozju mal-gvern tal-Afrika t'Isfel sakemm fl-aħħar Mandela jinħeles mill-ħabs. (paragrafu 6)

Wara li nħeles, Mandela beda jaħdem mal-President tal-Afrika t'Isfel biex ineħħu din il-liġi darba għal dejjem. Meta fl-aħħar tneħħiet, Mandela beda jirsisti biex isiru l-elezzjonijiet ġenerali li fihom, għall-ewwel darba, setgħu jivvotaw ukoll is-suwed. Il-partit ta' Mandela ħareġ rebbieħ u huwa ntgħażel bħala l-ewwel President iswed tal-Afrika t'Isfel. Mandela kien isostni: "L-edukazzjoni hija l-aqwa arma li għandek tuża biex tibdel id-dinja." (paragrafu 7)

Mandela kien iħobb ħafna l-isport. Meta kien għadu l-ħabs, kien ta' kuljum iqum fl-4.30 ta' filgħodu jagħmel l-eżerċizzju fiżiku u jittrenja l-*boxing.* Hu kien meqjus bħala *boxer* mill-aqwa. Mandela kien jemmen li l-isport jista' jgħaqqad lill-Afrikani bħala poplu wieħed. Fl-1995, fit-Tazza tad-Dinja tar-*rugby,* it-tim tal-Afrika t'Isfel wasal fil-finali. It-tim kien magħmul minn irġiel bojod biss. Dakinhar tal-finali, il-President Mandela, liebes il-flokk tat-tim, mar iżur il-plejers u, filwaqt li awguralhom ir-rebħa, **wegħidhom li ser jissapportjahom**. (paragrafu 8)

Mandela kiteb għadd ta' kotba fuq ħajtu iżda l-aktar wieħed magħruf kien '*Long Walk to Freedom*'. Dwar ħajtu nħadmu wkoll xi films fosthom '*Invictus',* fejn il-parti tiegħu jaħdimha l-attur bravu Morgan Freeman. Nelson Mandela miet fil-kwiet ta' daru nhar il-5 ta' Diċembru 2013, fl-għomor ta' 95 sena. (paragrafu 9)

**Reading Comprehension 1** **(6 marks)**

**Read the following schedule carefully and answer the questions below.**

## After-school Activities

| MONDAY | TUESDAY | WEDNESDAY | THURSDAY | FRIDAY |
|---|---|---|---|---|
| Swimming | Basketball | Choir Practice | Swimming | Public Library |
| Drama | Dance | Judo | Piano Lessons | Violin Lessons |
| Hockey | Art Lessons | Scouts | Athletics | Football |

**1. Underline the correct answer.** **3 marks**

**(a)** Paul plays football on (Wednesday, Thursday, Friday).

**(b)** Maria learns how to play the piano every (Wednesday, Thursday, Friday).

**(c)** Carla and Joe go to art lessons every (Tuesday, Wednesday, Thursday).

**(d)** Maria and Matthew play basketball every (Monday, Tuesday, Wednesday).

**(e)** Victor enjoys going to scouts with his friends every (Tuesday, Wednesday, Thursday).

**(f)** Tania can return the book she borrowed on (Wednesday, Thursday, Friday).

**Reading Comprehension 2** **(24 marks)**

**Read the following text which is divided into two sections. Then answer the questions that follow each section.**

## Section 1



Dizzry came home with Harriet for the birthday tea. The cake was made in the shape of a penguin with blackcurrant icing and an orange beak, and Harriet's presents included an electronic guitar, a little pocket calculator, and from Harriet's aunt, a tube of **everlasting** toothpaste. Harriet was not impressed by this last present; the thought of toothpaste supplied for the rest of her life did not excite her.

'I'd rather have an endless supply of sweets,' she said crossly. 'Probably I won't have any teeth left by the time I'm ninety; what use will toothpaste be then?'

Her presents from Dizzry were by far the nicest: a pink necklace made of berries and a bird whom Dizzry had trained to take messages, answer the telephone and carry home small quantities of shopping.

'Now,' said Mrs Armitage looking rather anxious, 'I'd better show Harriet the Closed Room.'



Harriet and Mrs Armitage went up to the top floor and Mrs Armitage paused before a door covered in cobwebs and pulled a rusty key out of her pocket.

'Now you must say, 'I, Harriet Armitage, solemnly swear not to **reveal** the secret of this room to any other soul in the world.'

'But when I grow up and have a daughter,' objected Harriet, 'won't I have to tell her, just as Granny told you and you're telling me?'

'Well, yes, I suppose so,' Mrs Armitage said uncertainly. 'I've rather forgotten how the promise went, to tell you the truth.'

'Why do we have to promise not to tell?' asked Harriet.

'To be honest, I haven't the faintest idea,' replied Mrs Armitage.

'Let's skip that bit – there doesn't seem much point to it – and just go in,' Harriet suggested. So they opened the door and went in.

**Section 2**

The room was dim, lit only by four glass tiles in the roof; it was quite empty except for a small dusty machine made of wood with a stool to match.



'It's a machine. For weaving hair,' said Mrs Armitage.

'Who wants to weave hair? What can you make?' asked Harriet.

'I suppose you can make a mat. You must only use hair that's never been cut since birth,' answered Mrs Armitage.

'Haven't you tried?' asked Harriet.

'Oh my dear, I never seemed to get a chance,' replied Mrs Armitage. 'When I was your age and Granny first showed me the machine, everyone wore their hair short; you couldn't get a bit long enough to weave. And then you children came along – somehow I never found time.'

'Well *I* jolly well shall,' Harriet said. 'I'll try and get hold of some hair. I wonder if Miss Pring would let me have hers? I bet it's never been cut – she must have metres.'

She was so taken up with the idea that only as they went downstairs did she think to **enquire** about the way the machine had come into the family.

'I'm not sure about that,' Mrs Armitage admitted. 'I believe it belonged to a relative a long time ago.'

Without paying much attention, Harriet went off to find Mark and Dizzry. Her father said they were at the shop; so she followed, pausing at the chemist's to ask the elderly Miss Pring if she would sell her hair to be woven into a rug.
'It would look pretty,' Harriet urged. 'I could dye some of it pink or blue.'
Miss Pring was appalled.

'Sell my hair? Cut it off? The idea! Dye it! What cheek! Get along with you, you naughty child!' exclaimed Miss Pring.

So Harriet was forced to abandon the idea; nonetheless, she stuck up a card in the shop window when she joined Mark and Dizzry: HUMAN HAIR REQUIRED, BEST PRICES PAID.

(Adapted from *Harriet's Hairloom* by Joan Aiken)

# 9. <u>Biblijografija</u>


Achievement, I. A. (2012). *Pirls 2011*. Irkuprat minn Timssandpirls: https://timssandpirls.bc.edu/pirls2011/countries.html

Anderson, R., & Davison, A. (1986). *Conceptual and Empirical Bases of Readability Formulas.* Chicago: University of Illinois.

Baker, E. (1993). *The Impact of Readability Level on Questionnaire Measure Reliability.* L-Ingilterra: Emerald Backfiles.

Biesta, G. (2007). Why "What works" won't work: Evidence-Based practice and the Democratic deficit in educational research. *Educational Theory*, 1-22.

Borg, A., & Azzopardi-Alexander, M. (1997). *Maltese.* New York: Routledge.

Bormuth, J. (1968). Cloze Test Readability: Criterion Reference Scores. *Journal of Educational Measurement* , 189-196.

Camilleri Grima, A. (2016). *Young children living bilingually in Malta.* Malta: University of Malta.

Camilleri, J. (2013). *A Computational Grammar and Lexicon for Maltese.* Sweden: Chalmers University of Technology.

Carabott, S. (2010). The last Junior Lyceum held. *The Times of Malta*.

Carrell, P. (1987). Readability in ESL. F'A. H. Urquhart, *Readability in a Foreign Language* (pp. 21-40). Stati Uniti: Southern Illinois University.

DuBay, W. (2004). *The Principles of Readability.* California: Impact Information.

Duffelmeyer, F. (1982). *A Comparison of Two Noncomputational Readability Techniques.* New Jersey: Wiley.

Fromkin, V., Rodman, R., & Hyams, N. (2013). *An Introduction to language.* Canada: Nelson Education, Ltd.

Fry, E. (1977). *Fry's Readability Graph: Clarifications, Validity, and Extension to Level 17.* International Literacy Association : Wiley.

Gilliam, B., Peña, S., & Mountain, L. (1980). The Fry graph applied to Spanish readability. *The Reading Teacher*, 426-430.

Gilmore, A., Croft, C., & Neil, R. (1981). *Burt Word reading test.* Wellington: NZCER.

Grech, L., Mallia, C., Mizzi, B., Vassallo, P., & Ventura, F. (2007). *Transition from Primary to Secondary schools in Malta.* Malta: Ministry of Education, Culture, Youth and Sports.

Grima, G., & Farrugia, J. (2006). *Transition from Primary to Secondary in Malta: Time to break the mould?* Valletta: Allied Publications Limited.

Grima, G., Grech, L., Mallia, C., Mizzi, B., Vassallo, P., & Ventura, F. (2007). *Culture, Youth and Sport.* Malta: Ministry of Education, Culture, Youth and Sport.

Harrison, C. (1980). *Readability in the classroom.* Great Britain: Cambridge University Press.

Kasule, D. (2011). *Textbook readability and ESL learners.* Francistown: University of Botswana.

Klare, G. (1968). The Role of Word Frequency in Readability. *National Council of Teachers of English*, 12-22.

Klare, G. (1976). *A second look at the validity of readability formulas.* Ireland: Wright Group.

Klare, G., Rowe, P., Gregory, J., & Stolurow, L. (1969). Automation of the Flesch Reading Ease Readability Formula, with Various Options . *International Literacy Association*, 550-559.

Lively, B., & Pressey, S. (1923). “A Method for Measuring the ‘Vocabulary Burden’ of Textbooks. *Educational Administration and Supervision Vol. 9*, pp. 389-398.

Media, M. B. (28 ta' 11 2018). *Check your Readability*. Misjub minn Readability Formulas: http://www.readabilityformulas.com/new-dale-chall-readability-formula.php

Ministry of Education, Youth and Employment. (2008). *For All children to succeed: A new network organisation for quality education in Malta.* Malta: Ministry of Education, Youth and Employment.

Ministry, E. a. (2012). *A National Curriculum Framework for All.* Malta: Salesian Press.

Ministry, E. a. (2012). *End of Primary Benchmark Report 2011.* Malta: Directorate for quality and standards in education.

Ministry, E. a. (2013). *End of Primary Benchmark Report 2012.* Malta: Directorate for Quality and Standards in Education.

Ministry, E. a. (2014). *End of Primary Benchmark Report 2013.* Malta: Directorate for Quality & Standards in Education.

Ministry, E. a. (2015). *End of Primary Benchmark Report 2014.* Malta: Directorate for quality and Standards in Education.

Ministry, E. a. (2016). *End of Primary Benchmark Report 2015.* Malta: Directorate for Quality and Standards in Education.

Ministry, E. a. (2017). *End of Primary Benchmark Report 2016.* Malta: Directorate for Quality and Standards in Education.

Mullis, I., Martin, M., Kennedy, A., Trong, K., & Sainsbury, M. (2011). *Progress in International Reading Literacy Studies.* Boston: TIMSS & PIRLS International Study Center.

Musvoto, S., & Gouws, D. (2009). *The Concept of a scale in accounting measurement.* South Africa: University of Pretoria.

Oakland, T., & Lane, H. (2004). *Language, Reading, and Readability Formulas: Implications for Developing and Adapting Tests.* Florida: International Journal of Testing.

Oller, J. (1979). *Language Tests at school.* Londra: Longman Group.

Pulis, Alan. “The Readability of 'Understanding Science' Textbooks in Forms 1 and 2.” *B.ED.(HONS)*, 1993.

Rabin, A. (1988). Determining difficulty levels of text written in languages other than English. F'B. Zakaluk, & S. Samuels, *Readability: Its past, present, and future* (pp. 59-89). Newark: International Reading Association.

Sollars, Alexandra. “Readability of Science Textbooks in Forms 1 and 2.” *B.ED.(HONS)*, 1987.

Soudek, M., & Soudek, L. (1983). *Cloze After thirty years: new uses in language teaching.* Pennsylvania: Penn State University.

Tabatabaei, E., & Bagheri, M. (2013). *Readability of Reading Comprehension Texts in Iranian Senior High schools Reagarding Students' Background Knowledge and Interest.* Finland: Academy Publisher.

Thompson, D. (1998). *The Oxford English Dictionary.* Stati Uniti: Oxford University Press.

Tillman, R., & Hagberg, L. (2014). *Readability algorithms compatibility on multiple languages.* Stockholm: School of Computer Science Kungliga Tekniska Högskolan.